# IL-ĦAJJA f'Għawdex

€2

Ġunju-Lulju 2011 * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 66 SENA * Nru. 929



festa familja 2011

# 2300 more trees for you in **Gozo**









**World Environment Day 2011**
International Year of the Forests

Ministry for Gozo

eco gozo a better gozo

HSBC Malta Foundation

www.eco-gozo.com

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 929*
*Ġunju - Lulju 2011*
Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860
*e-mail*: gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30)
Benefattur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 8
Riflessi • 14
Dwar Għawdex fil-Ġurnali • 15
Mill-Parlament • 16
Kotba minn Għawdex • 17
Kummentarju (2) • 18
Kummentarju (3) • 20
Kummentarju (4) • 22
Ftit Fatti u Kummenti • 24
Dawl għall-Ħajja • 26
**DOKUMENTAZZJONI**
Letteratura Għawdxija • 28
Kif Niftakar lill-Isqof Cauchi • 29
Snajja Qodma (41) • 30
Intervista • 32
Irqaqat mill-Imgħoddi • 36
Kummentarju (5) • 37
Passiġġata Biblika (65) • 38
Apprezzament • 39
Għawdex Qabel ir-Ritratti (36) • 40
Għawdex 300 sena ilu (194) • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (29) • 43
Tieqa fuq l-Ambjent (28) • 44
Għext fil-Mandraġġ (9) • 46
Tisliba Biblika • 48
Mix-Xena Sportiva • 49
Qaddisin u Festi f'Għawdex (6) • 50



**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Charles Spiteri, Joseph Zammit, Richard Grech, Ted Attard, Kurja ta' l-Isqof, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex.*
**Qoxra:** *Festafamilja 2011. Ħajr lill-Kummissjoni Djoċesana Familja, Għawdex.*





# *Il-Kattoliku fil-Misraħ u fis-Suq*

*Wara r-riżultat tar-referendum kien hawn min kiteb li l-Knisja ngħatat "daqqa ta' ħarta" għaliex 107, 971 biss taw kas tat-twiddib tagħha. Jalla kien hawn f'Malta daqstant ċittadini li vvotaw kontra l-introduzzjoni tad-divorzju għaliex konvinti mill-kliem ta' Kristu kif tgħaddihulna l-Knisja. Ir-realtà iżda hi li l-Knisja mhix xi "ċittadella" mdawra bil-ħitan biex min hu ġewwa ġewwa u min hu barra barra. Il-Knisja hi "sptar" fejn il-Kattoliċi, huma min huma, kemm dawk li vvotaw mod u kemm dawk li vvotaw mod ieħor, jeħtieġilhom jirrikorru kulmeta jħossu l-bżonn tal-fejqan.*

***Kien hawn ukoll min kiteb li issa, wara r-riżultat tar-referendum, il-Knisja taf fejn hi u f'hiex inhi. Dan hu hekk tabilħaqq. Hu żmien li jista' jservina ta' bidu ġdid biex minn issa 'l quddiem, il-kattoliku jħossu msejjaħ, aktar minn qatt qabel, biex bl-istil ta' ħajtu jagħti xhieda ta' twemminu, b'konvinzjoni.***

*Matul iż-żminijiet il-Knisja tat ħajja u mexxiet 'il quddiem l-etika kattolika fis-soċjetà Maltija. Din l-etika kattolika kienet f'pajjiżna bħal ilma safi jgelgel minn "blata-għajn" biex isaqqi l-istituzzjonijiet solidi li fuqhom kienet mibnija s-soċjetà tagħna – mill-iċken waħda u l-aktar bażika bħalma hi l-familja sa l-ogħla waħda, bħalma hi l-Kamra tar-Rappreżentanti. Illum dak l-ilma li jiġri fost l-istituzzjonijiet u jsaqqihom, m'għadux dak ta' darba, imma tniġġes bir-relattiviżmu, ukoll jekk forsi fis-soċjetà tagħna f'paragun ma' bnadi oħra fil-punent, għadu sa issa jinsab f'konċentrazzjoni xi ftit dilwita.*

***Jinħassu fl-arja soċjali madwarna attitudnijiet li jrewħu li "is-sewwa hu dak li jidhirli jien", li f'isem it-tolleranza m'għadhiex issir distinzjoni bejn l-għemil tajjeb u l-għemil ħażin. Illum "xejn mhu xejn" tisma' min jgħidlek. Fil-kampanja tar-referendum, sinjali ta' "relattiviżmu" dehru wkoll fost x'uħud mill-kelliema "kattoliċi" li kienu jagħżlu li jikkwotaw u jinterpretaw parti mill-Vanġelu, u mhux oħra, skont aġenda personali u kif jaqbel għaċ-ċirkostanzi u l-argument tal-mument. Spikkat ħafna l-injoranza kateketika!***

*Iżda ma jistax jonqos li anki fil-ġejjieni, għall-kattoliku Malti t-tagħlim tal-Knisja jibqa' l-unika blata solida – għajn ta' nutriment għal-stil ta' ħajja li jfarraġ il-qalb u jserraħ il-moħħ fuq livell personali u ta' manteniment tad-dinjità ta' kull persuna fiċ-ċiviltà moderna. Il-kattoliku Malti għandu jagħti xhieda ta' dan b'imġibtu fil-ħajja pubblika. Din ix-xhieda, kemm fil-misraħ, kemm fis-suq, hija dmir li ma jistax iżjed jiġi nieqes. Madankollu, jekk il-militanza aggressiva tar-relattiviżmu tinstigah u timpikah billi tipprova tirridikolah, il-kattoliku jrid jagħti xhieda ta' twemminu mingħajr ma jirrendi ruħu "fundamentalista" – jrid jitlob bis-Sekwenza ta' Għid il-Ħamsin : "Jekk imħeġġa wisq, rażżanna."*

***Hemm ħtieġa urġenti tas-sehem tal-kattoliku fil-ħajja politika u soċjali ta' pajjiżna. Dan is-sehem għandu jingħata b'intelliġenza mdawla mill-fidi f'ħidma li tkattar il-ġid u s-sliem fis-soċjetà imma dejjem f'perspettiva li tmur lilhinn mill-esperjenza umana u tixref fuq il-ħajja ta' dejjem.***

*Tkun tgħodd dakinhar, - bħalma tgħodd illum għal dawk il-kattoliċi mpennjati f'dan il-mument partikolari ta' l-istorja ta' Malta – l-eżortazzjoni ta' Papa Benedittu XVI : "Ikun hemm okkażjonijiet meta t-toqol tal-ħtieġa u l-limitazzjonijiet tagħna jistgħu jħajruna biex naqtgħu qalbna. Imma preċiżament imbagħad, aħna nsibu għajnuna fl-għarfien li, fl-aħħar mill-aħħar, aħna sempliċi għodda f'idejn il-Mulej; u dan l-għarfien jeħlisna mill-prużunzjoni li naħsbu li aħna biss responsabbli għall-bini ta' dinja aħjar.* ***B'umiltà sħiħa nagħmlu dak li nistgħu, u b'umiltà sħiħa nafdaw il-bqija f'Alla.*** *" (Deus Caritas Est, 35)*

**Joseph W. Psaila**
*jwpsaila@melita.com*




### *Ordinazzjoni ta' 7 Saċerdoti Ġodda*

Nhar is-Sibt 28 ta' Mejju kien jum speċjali għad-djoċesi ta' Għawdex, hekk kif 7 djakni ġew ordnati saċerdoti minn idejn Mons. Isqof Mario Grech. Dawn huma: Krystof Buttigieg mill-parroċċa tal-Qala, Simon Mario Cachia mill-parroċċa ta' San Ġorġ, Samuel Grech minn Għajnsielem, John Meilak mill-parroċċa tal-Katidral, Trevor Sultana u Franklin Vella mix-Xewkija, u Patri Stephen Magro OFM mill-Furjana, li hu membru tal-Ordni tal-Patrijiet Franġiskani Minuri u li għal dawn l-aħħar snin kien qiegħed fil-kunvent tax-Xatt, filwaqt li kien jistudja t-teoloġija fis-Seminarju t'Għawdex. Bħala numru ta' ordinandi, din kienet l-ikbar ordinazzjoni f'numru kbir ta' snin. Il-liturġija tal-ordinazzjoni li saret waqt konċelebrazzjoni sollenni flimkien ma' għadd ġmielu ta' saċerdoti kienet tinkludi fiha: is-sejħa tal-kandidati għall-ordinazzjoni u t-tweġiba tagħhom "Hawn jien"; il-litanija tal-qaddisin li titkanta biex tissejjaħ l-għajnuna tal-qaddisin kollha li jinsabu fis-sema; it-tqegħid tal-idejn mill-isqof u mis-saċerdoti kollha preżenti; it-talba tal-konsagrazzjoni ta' dawn il-qassisin ġodda; id-dilka biż-żejt fuq l-idejn; l-għoti tal-kalċi u l-patena; u l-għoti tal-paċi lis-saċerdoti ġodda mill-Isqof u mis-saċerdoti kollha. Il-ġemgħa



*Mons Isqof Mario Grech, bilwieqfa, mingħajr mitra, b'idejh ma' xulxin, huwa u jħares lejn in-nies, jgħid: "Nitolbu, għeżież, lill-Missier Alla li jista' kollox, biex fuq dawn il-qaddejja tiegħu, li hu ħatar għall-ordni tal-presbiterat, ikattar id-doni tas-sema". Jidhru wkoll Mons. Anton Gauci (xellug) u l-Arċipriet Ġużeppi Attard (lemin). Fir-ritratt jidhru wkoll il-magħżulin mixħutin għal tulhom wiċċhom fl-art waqt li tkantat il-Litanija tal-Qaddisin u dawk kollha preżenti wieġbu għall-invokazzjonijiet.*

miġbura fil-Katidral, li kienet waħda numeruża ħafna speċjalment b'nies mill-parroċċi tal-ordinandi, segwiet din iċ-ċelebrazzjoni b'attenzjoni kbira. Fl-omelija tiegħu, Mons. Grech fisser kif is-saċerdot huwa msejjaħ sabiex jagħti lil Kristu lis-soċjetà ta' żmienna li sfat ltiema mill-Missier tagħha li huwa Alla u minn ommha l-Knisja. Dan għandu jsir b'mod speċjali billi s-saċerdoti jiffukaw fuq dak li huma għandhom jagħmlu bħala qassisin u mhux fuq affarijiet oħra li jista' jagħmilhom ħaddieħor. Il-liturġija kienet animata bil-kant mill-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* taħt id-direzzjoni ta' Mro. Colin Attard.

*L-Ordinandi l-ġodda. Jidhru, mix-xellug għal-lemin, Samuel Grech, Parroċċa Verġni Marija ta' Loreto, Għajnsielem; Trevor Sultana, Parroċċa San Gwann Battista, Xewkija; John Meilak, Parroċċa Katidral tal-Assunta, Victoria; Mons Isqof Mario Grech, Franklin Vella, Parroċċa San Ġwann Battista, Xewkija; Krystof Buttigieg, Parroċċa Marija Immakulata u San Ġużepp, Qala; Stephen Magro, Ordni tal-Patrijiet Minuri u Simon Mario Cachia, Parroċċa San Ġorġ, Victoria.*



# FESTAFAMILJA 2011















*Preżenti għall-Festa Familja. Jidhru fost oħrajn, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Mario Grech, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, is-Segretarju Parlamentari fil-Ministeru għal Għawdex, Frederick Azzopardi, il-Membri Parlamentari tal-Oppożizzjoni, l-Avukat Anton Refalo u Justyne Caruana kif ukoll l-ex-speaker tal-Parlament Malti, Anton Tabone. Ritratti: Charles Spiteri u Frankie Magro.*


## LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Fil-għodu biss: 8.30am - 12.30pm*





*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*



## *X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# "Il-fwieħa ta' Kristu"

***Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech fit-tifkira tal-ewwel anniversarju minn meta l-Papa Benedittu XVI ta l-Warda tad-Deheb lill-Madonna Ta' Pinu. Santwarju Madonna Ta' Pinu – It-Tnejn, 18 ta' April 2011***

Dakinhar li Ġesù mar jiekol għand Lazzru, Marta u Marija, fid-dar kien hemm taħlita ta' rwejjaħ. Marija ta' Magdala ġabet magħha libbra żejt ta' nard u dan mela d-dar b'riħa tfuħ (Ġw 12,1-11)! Però, fid-dar kien hemm ukoll Ġuda l-Iskarjota li kien ħalliel, rgħib, traditur u qattiel! Nistgħu ngħidu li Ġuda jippersonifika r-riħa tat-taħsir, tal-mewt u d-dnub.

**Din it-taħlita ta' fwieħa u ntiena tista' tkun preżenti fil-qlub tagħna, fid-djar tagħna u saħansitra fl-awli liturġiċi tagħna. Għaliex kull wieħed minna jista' jġorr fih innifsu taħlita ta' tajjeb u ħażin, ta' grazzja u dnub, ta' ħajja u mewt! Filwaqt li l-fwieħa sserraħ u tiġbed lill-oħrajn, ir-riħa ħażina tbiegħed! Sfortunatament, l-arja ta' madwarna hija mniġġsa għax bħal Ġuda l-bniedem huwa mħassar. Faċli ħafna li din ir-riħa tinten toqgħod fuqna, tidħol fina u timla madwarna!**

**Illum qegħdin infakkru l-ewwel anniversarju minn meta l-Papa Benedittu XVI kien fostna u waqt quddiesa li huwa ċċelebra fuq il-Fosos tal-Furjana ppreżenta Warda tad-Deheb lill-Madonna Ta' Pinu. Permezz ta' dan ir-rigal il-Papa mhux biss ried jurina l-imħabba li huwa għandu lejn il-Madonna, imma ried ifakkarna wkoll li l-Madonna hija "warda mistika" li ssebbaħ u tfewwaħ is-Santwarju u lil dawk kollha li jżuruha. Min jista' jgħodd il-pellegrini li matul din is-sena ġew quddiem il-Madonna Ta' Pinu u ddakkru fil-fwieħa tagħha! Imsaħħrin mill-fwieħa ta' Marija, huma jaslu f'dan is-Santwarju, ħafna drabi maħmuġin u b'irwejjaħ jintnu ta' matul il-vjaġġ tal-ħajja, u jħallu l-fwieħa tal-Madonna tinżel fuqhom. Bħan-naħal li joqgħod fuq il-fjuri biex jiġbor it-trab dakkari (*pollen*) ħalli mbagħad jaħdem u jagħmel l-għasel, hekk il-pellegrini joqogħdu quddiem Marija jiġbru minn għandha t-tjubija biex imbagħad huma jkattru dik il-ħlewwa madwarhom.**

Marija hija l-isbaħ fjura fil-ġnien tal-Mulej! Mhux biss għax imliha bil-grazzja, imma wkoll għax bl-iva tagħha Marija tikkopera ma' Alla. Fiha l-ħajja tal-virtù tarmi l-fwieħa; u l-aqwa virtù hija l-ubbidjenza tagħha għar-rieda ta' Alla. Bħal warda li tarmi l-fwieħa tagħha meta tiftaħ, hekk Marija, meta waslet il-milja taż-żmien, "fetħet" u tat lid-dinja lil Ġesù – l'Iben t'Alla li sar bniedem biex jeqred id-dnub, li huwa l-espressjoni u l-kawża ta' kull riħa tinten. Dakinhar li nirċievu l-"Griżma", Kristu, il-midluk tal-Mulej, jibgħat fuqna l-Ispirtu s-Santu li jissawwab fuqna bħal balzmu u hekk kull wieħed u waħda minna jsir il-fwieħa ta' Kristu.

Bħalma l-fjuri jixhdu li bdiet ir-rebbiegħa, hekk meta Marija ta' Nazaret tatna lil Kristu inawgurat żmien ġdid għall-umanità. Kemm neħtieġu din ir-rebbiegħa ġdida fil-ħajja tagħna personali, fil-ħajja tal-familja u fil-ħajja tal-Knisja! Imma biex il-ġnien tagħna jibda jwarrad u jarmi l-fwieħa, ir-ruħ tagħna trid temmen verament li Kristu huwa Alla! **Ħafna drabi l-mod kif nittrattaw il-Kelma ta' Kristu iġagħalni nissuspetta li hawn min ma jarax lil Alla fi Kristu! Dan ifisser li l-għarfien tagħna ta' Kristu huwa fqir ħafna. Huwa evidenti li jonqosna dak li San Pawl isejjaħlu "il-fwieħa tat-tagħrif tiegħu"** (2Kor 2,14).



**Għalhekk nersqu għand Marija biex nisimgħuha tgħidilna: "Agħmlu dak li jgħidilkom hu". Meta permezz ta' Marija aħna nifthu l-bieb lil Kristu biex jgħammar fostna, mbagħad id-dar tagħna mhux biss tkun nadifa minn irwejjaħ jintnu, imma timtela bil-fwieħa t'Alla u tarmi l-fwieħa fil-madwar.** Imnebbħin minn dak li jingħad fl-Għanja tal-Għanjiet: "Qum Tramuntana, riħ isfel, ejja, onfoħ fuq il-ġnien tiegħi, ħalli s-siġar tal-balzmu tiegħu jqattru" (4,16), insejħu lill-Madonna, Għarusa tal-Ispirtu s-Santu, biex bl-interċessjoni tagħha f'dan il-Għid ir-riħ qawwi ta' Pentekoste jonfoħ fuqna, "il-balzmu tal-ġnien ta' Alla", u hekk il-fwieħa ta' Kristu tixtered u timla kullimkien.

*Kummentarju (1)*

# *Naħfer iva... Ninsa le?...*



*kitba ta'* **DUN ANTON DIMECH**

**Nhar is-Sibt, 14 ta' Mejju 2011, sirna nafu li Dun Anton Dimech kien għadda għall-eternità. Għal tnejn u tletin sena (1970 – 2002), Dun Anton kien editur ta' din ir-Rivista. Għaldaqstant, filwaqt li niftakru fih fit-talb tagħna, minn dawn il-paġni rridu rroddulu ħajr għas-servizz li ta lill-qarrejja u lid-Djoċesi.**

**Ftit jiem biss qabel il-mewt tiegħu, Dun Anton kiteb u bagħatilna dan l-artiklu għall-pubblikazzjoni fi "Il-Ħajja f'Għawdex". Dan huwa l-aħħar artiklu tiegħu minn mijiet li kiteb matul ħajtu.**

Din l-espressjoni ħafna drabi tingħad b'kuntrast għall-prinċipju tal-karità nisranija li dejjem għandna naħfru lil kull min jagħmlilna xi ħsara jew joffendina u xi ħadd jenfasizza li għandna naħfru u ninsew id-deni li jsirilna. Anzi għandna npattu bil-ġid, id-deni li jagħmlulna. "Aħfer u insa," ngħidu. Imma dan possibbli?

Mhix l-ewwel darba li wieħed jiġi f'dilemma għax ma jkunx jista' jinsa xi azzjoni ħażina li jkun irċieva, l-iktar jekk tkun tassew gravi u inġusta. Imma għalkemm ikun ħafer lil min offendih u saħansitra jkun pront jitlob għalih, ma jkunx jista' jneħħi dik l-azzjoni ħażina minn moħħu. Allura jgħidlek, "ma nistax ninsa." U għaldaqstant jgħix dejjem itturmentat f'qalbu għax jibża' li mhux fil-paċi tal-kuxjenza.

Għalhekk tajjeb li niċċaraw sew is-sens tal-espressjonijiet u x'għandu jagħmel dak li jkun biex iħossu fil-paċi ma' Alla u miegħu nnifsu. Meta jingħad li għandek taħfer u tinsa ma jfissirx li dak li jkun sar ser jintesa qisu qatt ma kien, għax dak hu realtà. Madankollu trid tipprova tifhem iċ-ċirkostanzi ta' min ikun offendiek u tipprova tagħdru bħala proxxmu. Stajt kont int minfloku u kont tagħmel l-istess. Hekk b'mod naturali tibda taħfer. Il-maħfra hija iebsa ħafna għaliex xi drabi tibqa' ssoffri l-konsegwenzi ħajtek kollha. Imma bit-talb, bl-għajnuna spiritwali u sens kbir ta' sagrifiċċju tasal biex tixbah lill-Imgħallem tagħna li ħafer u skuża lil min akkużah u qatlu.

Issa niċċaraw il-kelma "ninsa" u nkunu prattiċi. Ma tistax tinsa filwaqt li qed iġġorr il-feriti minn azzjoni ħażina gravi. Allura kontinwament tiftakar x'għamlulek. Inti lest taħfer u kull darba li taħfer tikseb il-maħfra għan-nuqqasijiet tiegħek quddiem Alla. "Aħfrilna dnubietna għax aħna wkoll naħfru lil min hu ħati għalina." Allura



kull darba li taħfer għandek okkażjoni ġdida ta' kisba ta' grazzji. Għaldaqstant toqgħodx tinkwieta għax ma tistax tinsa. Anzi ngħidlek ftakar kuljum qabel tmur torqod u ġedded il-maħfra. Ħallik mill-iskruplu ta' tinsa u ma tinsiex u approfitta ruħek mis-sitwazzjoni billi tikseb għalik innifsek – u tista' toffrihom ukoll għal ħaddieħor, speċjalment l-għeżież mejtin – grazzji kbar tat-tpattija għall-ħtijiet.

Dan il-kumment qed nagħmlu wara li smajt kemm-il darba lil min jinsab f'qagħda spiritwali diffiċli li ma jistax joħroġ minnha, u għax ma nafx hemmx xi ħaġa aktar iebsa għan-nisrani li jrid isalva ruħu minn meta jeħtieġlu jaħfer lil min ikun weġġgħu gravament. **Li wieħed jeżiġi ġustizzja mhix nuqqas ta' maħfra, imma li jpatti hi... u kif! Il-ħlas għandna nħalluh f'idejn Alla. Meta tissaporti azzjoni ħażina mhix debolizza, imma qawwa u ħila li ftit kapaċi jaslu għaliha. Mhux għalhekk il-bieb tal-Ġenna huwa dejjaq? Mela nerġa' ngħidlek "kull xhin tiftakar, erġa' aħfer."**

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija*
*minn Charles Spiteri*

## *Arti, Folklor, Wirjiet, Drama, Mużika u Żfin fin-"Notte Gozitana" Lejlet Lapsi*












## Eku mill-Munxar



*Il-Banda Viżitazzjoni fil-Munxar*

Nhar is-Sibt, 21 ta' Mejju, fil-Munxar ġiet organizzata l-attività 'Eku mill-Munxar', festa ta' baned, marċi u programmi ta' mużika klassika, pop u moderna. L-attività kienet tinkludi wkoll wirja ta' Snajja' Lokali u ikel tradizzjonali. F'din l-ewwel attività tax-xorta tagħha organizzata mill-Kunsill Lokali bl-għajnuna tas-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali, ħadu sehem il-Baned *Victory* tax-Xagħra, Mnarja tan-Nadur, Viżitazzjoni tal-Għarb u s-*St Joseph Youth Band* tal-Qala. Sar ukoll it-tberik tal-istandardi minn Dun Michael Said, Kappillan ġdid għall-Parroċċa. Ittellgħet ukoll wirja ta' ritratti u biċċiet mill-gazzetti dwar ħajjet u ħidmet il-Professur Ġużè Aquilina f'egħluq il-100 sena mit-twelid tiegħu fil-Munxar kif ukoll wirja ta' vari ta' Mons. Karm Curmi.



*Waqt it-tberik tal-istandardi minn Dun Michael Said, Kappillan ġdid għall-Parroċċa tal-Munxar.*

## L-Anniversarju tat-Twelid ta' Padre Pio



*Waqt il-preżentazzjoni tal-boroż ta' studju minn Vincent Vella.*

Nhar l-Erbgħa, 25 ta' Mejju, kienet okkażjoni speċjali għall-membri tal-Gruppi ta' Talb ta' Padre Pio Għawdxin. Dakinhar kien jaħbat il-124 anniversarju mit-twelid tal-Qaddis Fundatur ta' dawn il-Gruppi ta' Talb. Biex jiċċelebraw dan l-anniversarju, il-membri ltaqgħu fis-Santwarju tal Madonna tal-Grazzja, ir-Rabat, Għawdex, fejn illum wieħed isib statwa artistika ta' dan il-Qaddis maħduma mill-iskultur Għawdxi Alfred Camilleri Cauchi. Iċ-ċerimonja bdiet bir-Rużarju quddiem Ġesù Sagramentat u wara ngħatat il-Barka Sagramentali. Il-Provinċjal tal-Kapuċċini f'Malta, Patri Emanuel Barbara, OFM.Cap, ippresieda quddiesa konċelebrata flimkien ma' Patri Karm Dimech, OFM.Cap, Gwardjan u Direttur Spiritwali tal-Grupp ta' Talb tar-Rabat u l-Kanonku Salvu Grima, Direttur Spiritwali tal-Grupp ta' Talb tan-Nadur.

Fl-omelija tiegħu, Patri Barbara fisser kif minn żogħżitu, Patri Piju xtaq li jsir qaddis. Minkejja li kien sofra umiljazzjonijiet u saħansitra persekuzzjoni mill-Knisja minħabba l-pjagi tiegħu, Patri Piju dejjem żamm sħiħ fit-twemmin tiegħu għax dejjem kien qal il-verità. Fit-tbatija li sofra, huwa qatt ma gemgem jew irribella; imma għaraf isofri bil-qalb, kollox b'rabta sħiħa mar-rieda t'Alla. Kull min xi darba ltaqa' ma' Patri Piju, induna li kien iltaqa' ma' Qaddis. L-unika missjoni tiegħu fuq din l-art kienet li jħabbeb mill-ġdid il-midneb ma' Alla l-Imbierek u għalhekk eluf fuq eluf ġrew lejn San Giovanni Rotondo biex jisimgħu l-parir tiegħu u jimxu fuqu.

Biex jitfakkar dan l-anniversarju, Vincent Vella, *leader* tal-Grupp ta' Talb tar-Rabat, għan-nom tiegħu u tal-Gruppi ta' Talb Għawdxin kollha, ippreżenta donazzjoni ta' 4060 ewro lill-Provinċjal Patri Barbara biex isiru Seba' Boroż ta' Studju b'risq il-Patrijiet Kapuċċini tal-Kenja.

Iċ-ċerimonja ntemmet bil-kant tal-Innu lil Padre Pio. Il-Kor 'Fjur t'Assisi' ha sehem tul iċ-ċerimonja kollha.



*Uħud minn dawk preżenti għall-festa ta' San Pio tal-Pjagi fil-Knisja Kapuċċini, fir-Rabat, Għawdex*

## Ambjent Moralment Nadif u b'Saħħtu

L-appuntament annwali tal-ftuħ tal-Kampanja favur Ambjent Moralment Nadif inżamm fil-knisja tal-Madonna tal-Karmnu fl-inħawi Ta' Ħamet nhar il-Ġimgħa 13 ta' Mejju, festa tal-ewwel dehra ġo Fatima, peress li hawnhekk hawn l-istatwa "djoċesana" tagħha.

Wara li ġie espost is-Sagrament mir-rettur Mons Karm Hili (Assistent Ekkleżjastiku Djoċesan), Antoine Vassallo introduċa t-tema: "favur ambjent moralment sod u b'saħħtu; nitolbu biex stat u istituzzjonijiet, familji u individwi niehdu deċiżjonijiet għaqlin favur il-ġid komuni; nitolbu u naġixxu bil-kliem u l-għemil". Ikkwota tħeġġiġa mill-messaġġ li kien għadu kemm bagħat il-Papa Benedittu XVI lill-Assemblea Ġenerali tal-Azzjoni Kattolika Taljana: "il-ħajja pubblika għandha bżonn il-qawwa morali tal-insara".


*Waqt il-pellegrinaġġ. Jidhru fost oħrajn Loretu Sultana u Corry Sultana mix-Xagħra, Arthur Bajada mix-Xewkija u Pawlu Portelli mir-Rabat*

"Fiċ-ċelebrazzjoni tal-lejla se nitfgħu l-ħarsa tagħna, barra fuq Ommna Marija, fuq żewġ persunaġġi, Santa Gianna Beretta Molla li għandna tant x'nimitwalha (u li l-2012 tkun il-50 sena minn mewtha) u l-Beatu Ġwanni Pawlu II, l-uniku Papa li żar gżiritna u li ħallielna tant tagħlim u eżempji b'enfasi fuq l-appostolat tal-lajċi u l-mod kif naċċettaw il-pjan t'Alla għalina (bħal-lum 30 sena ilu seħħ l-attentat fuq ħajtu)."

Ġanninu Cremona ta ħarsa lejn din il-qaddisa li nistgħu "nsejħulha patruna tal-familja, f'dawn il-jiem tant kruċjali (u l-Ħadd, il-Jum Internazzjonali tal-Familja)". Ġew enfasizzati aspetti minn ħajjitha li jaqblilna nimitaw. Imbagħad membri minn Għajnsielem, Victoria, Xewkija, Kerċem u Xagħra mexxew it-talba tar-Rużarju. Intużaw il-Misteri tad-Dawl li tana Ġwanni Pawlu u ntuża l-istil rakkomandat minnu (b'versi mill-Vanġelu, silta mir-*Rosarium Virginis Mariae* u meditazzjoni forma ta' talba). Wara dan, inqraw ħames spunti għar-riflessjoni minn *Ecclesia de Eucharistia* u *Mane nobiscum Domine*. Komplew fakkru ż-żjara ta' Ġwanni Pawlu fostna fis-26 ta' Mejju 1990 b'siltiet mid-diskorsi tiegħu fis-santwarji marjani ta' Ta' Pinu u l-Katidral, b'enfasi fuq il-familja u l-lajċi. Komplew b'litanija Ewaristika u temmew din l-ewwel siegħa tal-programm b'versetti mill-kitbiet ta' Santa Gianna u dwarha.

Kien imiss quddiesa mill-Isqof Mario Grech, flimkien ma' Mons Karm Hili u Mons Rużar Borg (li qara l-Vanġelu). Manuel Saliba, President Djoċesan, qara l-lezzjoni. Fl-Omelija, Mons Grech ħa spunt mis-silta biex tkellem dwar id-diffikultà tal-bniedem biex jaċċetta t-tagħlim tal-Mulej; jiġuh dubji jekk hux possibbli jagħmel ir-rieda t'Alla. "Ta' spiss nirreżistu 'l Alla, għax l-ambjent morali tħassar". Staqsa jekk iddgħajjifniex għax tant għadasna fid-dnub. Is-soċjetà tipprova tiskuża ruħha u tgħatti d-difetti billi tagħti qoxra ta' legalità lil dak li hu ħażin. Il-ħajja immorali twassal għal ħsara u inkwiet, inkluż it-tkissir taż-żwiġijiet. Għażliet ħżiena li jwasslu għal firdiet bejn il-miżżewġin u bejn il-ġenituri u l-ulied. Min fallielu ż-żwieġ ħtija tiegħu jipprova jeħles mis-sens ta' ħtija billi jsib "soluzzjoni" legali u saħansitra "maħfra" mill-istat (divorzju). "Għandna bżonn l-intervent ta' Marija biex ma nibqgħux rekbin fuq dan iż-żiemel sfrenat li hi s-soċjetà llum, b'għajnejn magħluqa għas-sewwa". Temm billi ħeġġeġ lill-insara għal fiduċja f'Alla u fil-Madonna. "Ma ninsewx kemm l-istorja tagħna hi minsuġa bil-grazzji tas-sema".

Fl-aħħar kien hemm pellegrinaġġ qasir bl-istatwa u barka sagramentali.

## Wirja fl-iskola Santa Tereża



L-iskola Santa Tereża, Kerċem, organizzat wirja fuq aspetti differenti tal-ħajja f'Għawdex. Din il-wirja ġiet mtellgħa fis-sala tal-iskola. Ix-xogħol għal din il-wirja sar mill-istudenti tal-klassijiet kollha, mill-*Kinder 1* sal-*Year 6* flimkien mal-għalliema u l-LSA's. B'dan il-mod l-istudenti kollha kbar u żgħar kabbru l-għarfien tagħhom dwar dak li toffri l-gżira Għawdxija u kemm dan il-wirt huwa varjat u rikk.

L-istudenti ippreparaw mudell tal-mappa t'Għawdex bil-lokalitajiet u l-parroċċi mifruxa mal-gżira. Mudelli oħra urew bajjiet, fortifikazzjonijiet, postijiet storiċi, kif ukoll l-arma tal-Kunsill ta' kull lokalità, l-arma tal-iskola u anki l-arma tad-Djoċesi t'Għawdex.

Wieħed seta' jsib informazzjoni fuq il-biedja, il-widien u l-għoljiet, il-kappelli, il-knejjes u l-qaddisin patruni ta' kull raħal, personalitajiet magħrufa, il-baned, Eco-Għawdex u oħrajn. Għall-wiri kien hemm ukoll ikel tipikament Għawdxi, ħwejjeġ tradizzjonali, għodda li kienu jintużaw fi żminijiet imgħoddija, u bosta oġġetti ta' interessi oħra.

Studenti minn skejjel oħra żaru l-wirja u kellhom ċans iduqu mill-ikel ipprovdut. L-Isqof t'Għawdex, Mario Grech ukoll żar din il-wirja. Żewġt itfal tal-*Year 3* ippreżentawlu l-kwadru bl-istemma episkopali tiegħu - *'In Fractione Panis'*.



## Inawgurat Ġnien il-Ħajja



Medda ta' 9,000 metru kwadru art mitluqa fil-Qala inbidlet fi ġnien għall-familja. Inawgurata mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi, il-Ġimgħa 10 ta' Ġunju, filgħodu, il-proġett tal-Kunsill Lokali li sar b'għotja ta' 66,000 ewro f'għajnuna mill-Gvern, ingħata l-isem ta' Ġnien il-Ħajja. U jfakkar lill-kunsillier Anton Camilleri.

Inbnew maż-żewġ kilometri ħitan tas-sejjieħ, saret għamara tal-ġnien apposta, u tħawlu 350 siġra indiġena, bin-numru ta' siġar jiżdied għal 550.

L-art li fuqha hemm il-ġnien ġiet devoluta lill-Kunsill Lokali wara talba li għamel lill-Gvern, filwaqt li s-sistema ta' pannelli fotovoltajċi se tkun qed tiffranka fuq 3,000 ewro fis-sena mill-kontijiet tad-dawl. Fi tmiem l-inawgurazzjoni, il-Prim Ministru Lawrence Gonzi ħawwel siġra.

Preżenti barra numru ta' tfal mill-iskola Primarja, kien hemm ukoll il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, l-Assistent Parlamentari Frederick Azzopardi, id-Deputat Mexxej Laburista Toni Abela, id-Deputati Laburisti Justyne Caruana u Stefan Buontempo, is-Sindku Paul Buttigieg u l-kunsilliera tal-Kunsill Lokali tal-Qala.

## Song Festival Marjan

It-42 edizzjoni tal-Festival Marjan ġie organizzat mil-Leġjun ta' Marija f'Għawdex nhar is-Sibt 21 ta' Mejju fl-Oratorju Don Bosco taħt il-patroċinju tal-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof t'Għawdex b'tifkira għażiża tal-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi, ideatur u promotur tal-Festival Marjan. Il-preżentaturi kienu David Mario Fenech u Svetlene Marie Grima.



*Il-Kor White Roses miż-Żebbuġ Għawdex, taħt id-direzzjoni ta' Maria Cefai u Jacqueline Vella, li għat-tielet sena konsekuttiva ikklassifika fl-ewwel post fil-Festival Marjan, bil-Kanzunetta "Maria Bik Nistrieħ" fuq il-mużika ta' Vangelis u kliem oriġinali ta' Fr. Louis Mallia MSSP.*

Għal din l-edizzjoni kien hemm 4 Kategoriji, 3 individwali skont l-età u waħda għall-gruppi u korijiet. B'kollox kien hemm 23 parteċipant; 18 individwali (4 Kategorija A bejn 10 u 11-il sena; 6 Kategorija B bejn 12 u 14-il sena u 8 Kategorija Ċ minn 15-il sena 'il fuq) u 5 Korijiet. Għal din is-serata barra l-President tal-Leġjun tal-Marija f'Għawdex Grezzju Cauchi, kien preżenti wkoll Alfred Sammut, President tal-Leġjun ta' Marija f'Malta. Il-ġurija kienet magħmula minn esperti Maltin f'dan il-qasam. Fl-aħħar tal-Festival, l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech flimkien ma' Grezzju Cauchi qassmu l-premijiet lir-rebbieħa li kienu:

Kat. A: Diana Formosa

Kat. B: Rebecca Bonello

Kat. Ċ: Godwin & Matthew Cini

Kat. D: Il-Grupp *White Roses*

Rebecca Bonello rebħet ukoll l-*Overall Cup* tal-Festival.

## Pussess ta' Dun Michael Said - Kappillan Ġdid fil-Munxar



Nhar il-Ġimgħa 27 ta' Mejju 2011 Dun Michael Said, saċerdot żagħżugħ mill-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl in-Nadur ingħata l-pussess ta' Kappillan tal-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu, il-Munxar mill-Isqof t'Għawdex l-E.T. Mons. Mario Grech f'ċerimonja sabiħa u simbolika li saret fil-Knisja Parrokkjali tal Munxar li kienet armata bl-isbaħ libsa tagħha peress li f'dawk il-jiem kienet ukoll qed tiġi ċċelebrata l-festa titulari f'ġieħ l-Appostlu Missierna San Pawl.

Il-funzjoni bdiet b'korteo miċ-Ċentru Parrokkjali tal-Munxar fis-6.15pm. Ix-xhieda kienu Mark Azzopardi u Lino Curmi. Dun Michael Said huwa l-ħames Kappillan ta' din il-parroċċa. Hu kien ilu amministratur tal-istess parroċċa minn Ottubru 2010 fejn kien ħa t-tmexxija wara l-Kan. Dun Tonio Galea. Wara l-funzjoni fil-knisja fejn attendew bi ħġarhom saċerdoti, familjari, ħbieb u parruċċani kulħadd kien mistieden għar-riċeviment li sar fil-pjazza tar-raħal; fejn Dun Michael qasam ukoll il-kejk tal-okkażjoni.

## Il-Fundazzjoni Arka tirċievi għajnuna minn Londra



*Waqt il-preżentazzjoni tal-flus lil Dar Arka. Jidhru mix-xellug għal-lemin is-Sinjura Tina Rapinet, Mons. Emanuel Curmi u Joe Xuereb*

Rappreżentanti ta' *The Maltese Charities* ta' Londra flimkien ma' Joe Xuereb skultur Għawdxi, għamlu żjara lil Fundazzjoni Arka f'Għajnsielem fejn iltaqgħu mad-Direttur Mons. Emanuel Curmi u mal-maniġer tad-Dar Joe Cremona.

Matul il-laqgħa, ingħataw dettalji dwar ix-xogħol u proġetti li għaddejjin fiċ-ċentru Arka bil-ħsieb li r-*Respite Center* itejjeb il-faċilitajiet tiegħu għal dawk kollha li jagħmlu użu mis-servizzi li jingħataw. Aktar tard id-delegazzjoni tal-*Malta Charities Association* komposta minn Micahel Rapinet u s-Sinjura tiegħu, Tina Rapinet għamlu għotja sabiħa ta' għaxart elef ewro lid-Direttur tad-Dar Arka, Mons Emanuel Curmi.

Dawn il-flus inġabru matul *Gala Dinner* li sar ġewwa *The Landmark Hotel* Londra f'Novembru 2010. Din l-attività tinżamm kull sena, bil-ħsieb li jinġabru flus għall-istituzzjonijiet Maltin u Għawdxin li jaħdmu fil-qasam filantropiku. Matul l-ikla jiġu rkantati diversi oġġetti tal-arti li anke din is-sena wieħed mill-oġġetti kien xogħol l-iskultur Joe Xuereb. Din id-darba mill-għotja li għamel dan l-iskultur, inġabret is-somma ta' €2000, għar-raġuni li kienu ħafna li tefgħu l-offerti tagħhom għall-iskultura magħmula mill-ġebla Maltija.

Ta' min isemmi li kien Joe Xuereb li rrakkomanda sabiex *The Malta Charities* jgħinu għal darba oħra lill-Fundazzjoni Arka. Fil-passat għaqdiet oħra Għawdxin bħal Fundazzjoni Oasi u l-Fundazzjoni Eden ibbenifikaw minn għajnuna simili mogħtija mill-istess Għaqda bbażata ġewwa Londra.

## It-Tielet Anniversarju tax-Xagħra Scout Group



Fil-15 ta' Mejju 2011, ix-Xagħra *Scout Group* iċċelebra t-tielet sena mit-Twaqqif tiegħu kif ukoll it-78 sena mit-Twaqqif tax-Xagħra *Boy Scouts* li kien ingħalaq minħabba l-Tieni Gwerra Dinjija. Biex jiġi kommemorat dan l-avveniment, Mons. Arċipriet Carmelo Refalo ċċelebra quddiesa ġewwa l-knisja ta' Marija Bambina tax-Xagħra. Wara din il-quddiesa, ġewwa l-*playing field* tax-Xagħra, inkixfet irħama li tfakkar dan il-jum tant importanti fl-istorja tax-Xagħra *Scout Group* kif ukoll ġiet imħawla siġra.

## *Ħasil ta' karozzi b'risq id-"Dar Arka"*



Nhar is-Sibt 7 ta' Mejju, il-*Victoria Scout Group* żammew il-*Car Wash* annwali tagħhom b'risq il-Fondazzjoni ARKA. Din il-*Car Wash* bdiet fit-8 ta' filgħodu u spiċċat fit-8 ta' filgħaxija. Matul dan il-ħin, l-iSkawts u xi voluntiera oħra ħaslu madwar 200 karozza. Inġabret is-somma sabieħa ta' madwar €1550. Din is-somma ġiet ippreżentata lil Dun Manwel Curmi, direttur tal-Fondazzjoni ARKA.

Aħna nappreżżaw lil dawk il-voluntiera li joħolqu inizzjattivi ta' "*fund-raising*" b'risq l-istituzzjonijiet tal-Knisja f'Għawdex.

## *Wirja ta' Pittura*



L-artist Għawdxi Christopher Saliba qiegħed juri l-aħħar kollezzjoni tiegħu ta' pittura fil-*Maji Wine and Dine*, f' 6, Triq Sir Adrian Dingli, r-Rabat, Għawdex. Il-kollezzjoni, li tikkonsisti minn tmintax-il biċċa xogħol, tiffoka l-aktar fuq interpretazzjonijiet astratti ta' l-ambjent lokali.

Aktar milli jittratta s-suġġett innifsu, Saliba jinteressa ruħu fl-atmosfera u s-sensazzjonijiet li jqanqlu lokalitajiet speċifiċi. Ir-rabta bejn l-ambjent naturali u dak urban huwa mnebbaħ bħala formazzjonijiet uniċi u armonjużi. Il-wirja hija miftuħa kuljum għall-pubbliku bejn is-7 u l-11 ta' filgħaxija, minbarra l-Ħdud, sa l-aħħar ta' Ġunju. Aktar informazzjoni dwar din il-wirja hija disponibbli fuq is-sit elettroniku ta' l-artist, www.gozo-art.com.

## *Għawdex ippremjat għall-kwalità tal-kosta fost l-aqwa fl-Ewropa*




Għawdex ġie meqjus bħala waħda mill-aqwa għaxar destinazzjonijiet fost il-50 li ġew magħżula minn ġurija li evalwat aktar minn 500 destinazzjoni kostali mxerrda f'disa' pajjiżi fl-Ewropa t'isfel.

Il-gżira ta' Għawdex ġiet ikkunsidrata bħala waħda mill-aqwa għaxar destinazzjonijiet fl-Ewropa t'isfel għal dawk it-turisti li jfittxu destinazzjonijiet sostenibbli li joffru patrimonju naturali u kulturali, flimkien ma' ambjent marittimu nadif. Dan tħabbar waqt il-*Quality Coast 2011 – Southern European Top 50 awards* f'serata li ġiet imtellgħa f'Kouklia ġewwa Ċipru.

Il-*Quality Coast Awards* huma meqjusa bħala premju prestiġjuż u jiġu wżati minn operaturi turistiċi bħala gwidi għal dawk it-turisti li jagħżlu destinazzjonijiet ta' turiżmu sostenibbli. Fil-fatt l-organizzaturi ta' dan il-premju li huma l-*Coastal Marine Union – EUCC* għandhom l-għan li jistabbilixxu għaqda ta' komunitajiet kostali li filwaqt li joffru servizzi turistiċi ta' livell, jippromwovu prattiċi ta' żvilupp sostenibbli li jinkludu ħarsien tal-identità kif ukoll il-wirt storiku u naturali tal-post.



L-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex ġiet ippreżentata b'ċertifikat li jixhed dan l-unur mid-Direttur Eżekuttiv tal-EUCC Malta, is-Sur Foppe J. Seekles. Il-Ministru wriet sodisfazzjon għal dan il-premju li hija ddeskriviet bħala għodda valida fir-reklamar ta' Għawdex bħala destinazzjoni turistika. Hija spjegat kif il-proġett tal-Impjant tat-Tisfija tad-Drenaġġ wassal biex illum Għawdex igawdi minn kosta aktar nadifa. L-Onor. Debono fissret ukoll kif l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni dwar eko-Għawdex li għaddej biha l-Ministeru għal Għawdex ser tkompli żżid mal-kwalitajiet li jkomplu jżidu l-potenzjal li Għawdex jiġi kkunsidrat anke f'livelli oħrajn ta' dan il-premju.

**RIFLESSI** — *Notamenti tal-Kav. Joe M. Attard*

# F'Jum il-Missier

Jum il-Missier jinsab magħna u la darba iktar kmieni fakkarna Jum l-Omm, xieraq li f'din il-għodwa nfakkru Jum il-Missier, għaliex jekk l-Omm hija l-qalb tal-familja, il-missier jifforma l-arterji li jiġġeneraw id-demm li jżomm taħdem din il-qalb.

Hija mxerrda l-idea li fit-trobbija tat-tfal fil-familja, l-omm hija iktar importanti mill-missier; dan forsi jaħsbuh l-istess irġiel. Dan iżda mhu xejn minnu, għaliex il-missier għandu l-importanza kbira tiegħu, ħafna iżjed milli jaħsbu xi wħud. Ir-Rumani, biex insemmu eżempju wieħed, kellhom rispett kbir lejn il-missier u kienu jħarsu lejh f'dimensjoni mhux żgħira. Fis-safar tagħkom naħseb ġie li dħaltu f'xi ċimiterju Ruman u fuq xi oqbra rajtu mperrċa bħal kolonna nofsha miksura. Din kienet issir mir-Rumani meta kien imut missier fil-familja. Fuq qabru kienu jqiegħdu kolonna mkissra b'turija mhux biss ta' rispett, iżda wkoll biex ifissru li bil-mewt tal-missier, il-familja ma baqgħetx kolonna sħiħa, iżda nqasmet min-nofs u tilfet mis-saħħa.



L-importanza tal-omm kulħadd jaċċettaha għax tidher ħafna waqt li l-ħtieġa tal-missier ma tidhirx hekk malajr ħlief biex joħroġ għax-xogħol u jaqla' l-ħobża ta' kuljum. Iżda l-preżenza tal-missier fil-familja hija indispensabbli biex it-tfal jiffurmaw karattru tajjeb. Lanqas l-aqwa omm tal-pajjiż ma tasal biex tagħti waħidha lil uliedha dak kollu li jeħtieġu għall-iżvilupp tagħhom. L-influss dirett tal-missier fuq l-ulied huwa ferm meħtieġ. Kemm is-subien kif ukoll il-bniet jeħtieġu lil missier huma u qegħdin jikbru; is-subien ikollhom bżonn il-preżenza tiegħu għax fuqu, mingħajr ma jindunaw, ikunu qegħdin ifasslu lilhom infishom, il-bniet ukoll fil-missier ikunu qed jaraw ix-xbieha ta' dak li għada pitgħada jrid ikun is-sieħeb tagħhom fil-ħajja miżżewġa.

Id-dixxiplina hija importanti fil-familja u l-omm waħidha ma tasal imkien. Il-qawl jgħid: 'Is-sawt ħareġ mill-Ġenna u kull min iduqu jithenna!' Dan ma jfissirx li l-missier irid ikun xi tirann biex kollox jimxi sewwa fil-familja. Għal kuntrarju, dan ifisser li l-missier irid irieġi t-tmun biex iħarreġ lil uliedu fis-sens tar-responsabbiltà u tad-dmir; fi kliem ieħor irid il-ġid u mhux li tkun għaddiet tiegħu. Dan jgħodd l-iktar meta l-ulied jibdew jitfarfru u jsiru ġuvintur u xebbiet. Hawnhekk il-ħtieġa tal-missier altru li ma tiqafx. Ma jistax il-missier jerħi r-riedni f'idejn l-omm. Dan jgħodd ukoll għat-trobbija reliġjuża tal-ulied; inkella s-subien, b'mod speċjali, jistgħu jitilgħu bl-idea li r-reliġjon hija xi ħaġa tan-nisa u għan-nisa biss u l-konsegwenzi jistgħu ma jkunu xejn sbieħ u mixtieqa. X'hemm ħażin li l-missier ifakkar lil uliedu fil-qrar u fil-quddies bħalma ta' spiss kien jagħmel missieri, Alla jaħfirlu.

Ma nixtieqx nirrendi din il-kitba tiegħi f'din l-okkażjoni sabiħa biex noqgħod nispjega kemm jiswa l-missier fil-familja, l-ewwel nett għax kull maħluq jaf tajjeb x'jiswa u x'sewa għalih missieru; u t-tieni nett għax ma nippretendix li jien xi espert f'dan il-qasam. Illum irrid biss infakkar u nħeġġeġ lill-ulied kollha denji ta' dan l-isem, biex f'dan il-Jum partikulari, aktar minn kull jum ieħor tas-sena, jagħtu ġieħ lil missierhom, ħaj jew mejjet, żagħżugħ jew anzjan.

Ejjew għalhekk immela, f'dan il-jum, nuruh stima, rispett u mħabba lil missierna u nwegħduh li nibqgħu nirrispettaw l-awtorità tiegħu; nuruh ir-rikonoxxenza għal dak kollu li għamel għalina matul il-medda tas-snin waqt li nġeddu l-lealtà tagħna sħiħa lejh.

Ħaġa sabiħa li f'okkażjoni bħal din nagħtuh rigal – drawwa u tradizzjoni li għandna nżommuha u nsaħħuha. Iżda l-aqwa rigal li nistgħu nagħtu lil missierna, wara t-talb, huwa li nuruh bis-serjetà li huwa dejjem f'qalbna u f'moħħna daqs qatt qabel. Lil dawk mejtin, imbagħad, nitolbu għalihom f'dan il-Jum u noffrulhom il-quddiesa u t-Tqarbina. (F'Għawdex il-Moviment ta' Kana jagħmel quddiesa fil-kappella taċ-Ċimiterju ta' Santa Marija fl-4pm f'dan il-Jum għal missirijiet kollha, ħajjin u mejtin. Kulħadd mistieden).

Nagħlaq din il-kitba billi nissellef xi ftit mill-kliem tal-ħabib tiegħi Laurence Mizzi u nagħmel talba ċkejkna.

*"Mulej, nitolbok tiegħu ħsieb il-missirijiet kollha; il-morda u l-ferħanin; il-foqra u l-għonja; dawk li qegħdin f'darhom u dawk li mhumiex jew m'għandhomx; il-missirijiet għal qalbek u dawk li ħaqqhom xi tbeżbiża. Għinna lkoll biex nagħrfu d-dmirijiet tagħna u nwettquhom mingħajr biża' u bl-imħabba. Agħdirna fin-nuqqasijiet tagħna li mhumiex ftit u lanqas żgħar. Ftakar Mulej li aħna wkoll nagħtu l-ordnijiet u mhux dejjem inkunu obduti; aħna ngħallmu u nwissu u mhux dejjem jagħtuna widen; aħna nagħtu l-eżempju u mhux dejjem jimxu fuqu...aħna nħobbu u mhux dejjem iroddulna l-imħabba........*

*Jiena ċert Mulej, li inti tifhimna u tagħdirna.*

*Mintix int ukoll Mulej, Missier, li tamar u ma jobdukx; issejjaħ u ma jisimgħukx; tħobb u ma jħobbukx!*

## DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI

***Referendum : Għawdex jispikka***

| distrett | reġistrati | ivvutaw | validi | invalidi | iva | le | % iva | % le |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | 27,031 | 18,947 | 18,729 | 218 | 6,022 | 12,707 | 32.2 | 67.8 |

Fir-referendum dwar l-introduzzjoni id-divorzju, kien hemm biss tliet distretti li fihom kien hemm maġġoranza ta' voti kontra d-divorzju... L-aktar li spikka kien Għawdex fejn 67.8% jew 12,707 ivvutaw le, filwaqt li 6,022 ivvutaw iva li jammonta għal 32.2%.

**Rapport**, *In-Nazzjon*, 30 ta' Mejju 2011

***Dikjarazzjoni ċara... u minn qabel !***

*"Nationalist Mp, Frederick Azzopardi, who sat among the audience, shared his thoughts and pointed out that those who voted against divorce were not doing so because they were insensitive. 'It's not because we are selfish or conservative. I don't agree with divorce because it will damage people and society... We are focusing too much on the immediate without looking at the holistic picture of the future... I will vote 'no' as this will help ensure we have strong marraiges,' he said."*

**Claudia Calleja**, *The Times*, 23rd May 2011

***Sister islands... but not twins!***

*"The Gozitan vote was predicted from day one of the campaign. The 68% who voted against divorce are not all Nationalist as the PN's vote in Gozo in the last general election was only 55 per cent. It appears therefore that unlike Malta a substantial chunk of Labour voters in rural Gozo voted No. The Church is an important element for many Gozitans, and the bishops' and church's instructions to their faithful seem to have found more fertile ground in our sister island than they have found in the mainland."*

**Hermann Schiavone**, *The Times*, 31st May 2011

***Attenti progressivi ..."L-iżvilupp jista' jmarrad!"***

"U Għawdex, M'hemmx xi tgħid, Għawdex ra l-problema differenti. Il-ħakma tal-Knisja hemmhekk għadha ħafna iżjed qawwija u iebsa. Nawgura biss li dan ir-referendum jista' jservi biex l-Għawdxin jagħmlu ċerti bidliet fil-mentalità. Biss nifraħ lil dawk it-32% ta' Għawdxin li vvutaw IVA. Prosit kbira."

**Godfrey Galea**, Move – Studenti Progressivi,
*L-Orizzont*, 31 ta' Mejju 2011

***Iva u Le fost il-Parlamentari***

*"Meanwhile a number of backbenchers and Cabinet members have said they would vote against, including Gozo Minister, Giovanna Debono, or at the very least abstain, like Stephen Spiteri."*

**Christian Peregin**, *The Times*, 2nd June 2011

***"Independence for Gozo"***

*"How wonderful and remarkable the result of the recent referendum on divorce was in Gozo. It certainly put Catholic Malta to shame! How unfair, therefore, and wicked that the Gozitans who voted so overwhelmingly against the introduction of divorce should have to abide*




*by the overall result of the sister island! Might this be an opportunity for Gozo to seek independence from Malta and stand on its own feet? Never mind the proposed tunnel or any other engineering connection between the two islands. May Gozo have its own government, seek entry into the European Union and may it hence be blessed with all the advantages and opportunities that such membership would entail. Congratulations Gozo!"*

**John R. Mifsud**, *The Times*, 3rd June 2011

***Wanted : Representatives for Gozo or... ?***

*"Hence the entire palaver across the country whether the representatives were indeed representing their constituency (in which case the Gozo representatives must side with the NO vote) or the electorate as a whole..."*

**Noel Grima**, *The Malta Independent*, 5th June 2011

PMC TOURS
PAUL M. CASSAR

**ĠITA FL-ITALJA TA' FUQ**
**20 -27 ta' Lulju**
**Inżuru:VENEZIA-PADOVA-RIMINI-URBINO**
**FAENZA-S.MARINO-RAVENNA-BOLOGNA**
**BL-UŻU TA' HOTEL WAĦDA 4 STAR**
**Bi Breakfast, Pranzu u Ċena Buffet**
**Flimklen max-xorb ma' kull ikla**
***
**PELLEGRINAĠĠ FL-ART IMQADDSA**
**7-15 ta' Settembru**
**B'Animatur Spiritwali Patri Frangiskan**
**Inżuru:BETLEHEM-GERIKO-KANA-BETANJA**
**TABOR - NAZARET-KAFARNAHUM ecc.**
**Bi Breakfast, Pranzu u Ċena Kuljum**
***
**Iktar Tagħrif m'għand l-Organizzatur**
**PAUL M. CASSAR, 60 Triq Vajrinġa, Victoria**
**Tel.21551004-79021033**

## MILL-PARLAMENT

***Kunsill Malti għall-Isport - ħidma fil-kamp tad-diżabbiltà***

**26040. L-Onorevoli JUSTYNE CARUANA staqsiet lill-Onorevoli DOLORES CRISTINA (Ministru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja):** Tista' l-Ministru tgħid x'ħidma qed issir mill-Kunsill Malti għall-Isport fil-kamp tad-diżabbiltà? *11/05/2011*

**Tweġiba:** Il-Kunsill Malti għall-iSport (KMS) jaħdem ma' diversi għaqdiet biex jorganizzaw attivitajiet sportivi għall-persuni b'diżabbiltà.

Sal-lum il-KMS ħadem mill-qrib ma' *Special Olympics, Inspire, Deaf Sport Association, Physically Handicapped Rehabilitation Fund, Wheelchair DanceSport, Access for All*, l-Isptar Monte Karmeli u l-*Malta Paralympic Committee*. Barra minhekk, il-KMS joffri assistenza varja li tinkludi, imma mhux biss limitata, għal allokazzjoni ta' *coaches* kwalifikati biex jieħdu ħsieb u jmexxu s-sessjonijiet sportivi għall-persuni b'diżabbiltà, l-użu ta' numru ta' faċilitajiet sportivi biex jintużaw mill-istess għaqdiet, kif ukoll l-allokazzjoni ta' uffiċiji minn fejn joperaw. *16/05/2011*

***Pixxina ta' Għawdex***

**26024. L-Onorevoli JUSTYNE CARUANA staqsiet lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru:

a) tgħid għal liema raġuni l-pixxina li se ssir oriġinarjament ,kellha tkun ta' ħamsin metru u issa spiċċat ta' distanza ta' 25metru;
b) tgħid xi studji u konsultazzjonijiet saru rigward il-pixxina, ma' min u meta saru; u
c) tgħid x'tip ta' kompetizzjonijiet u ta' liema livell jistgħu jsiru fil-pixxina li se ssir f'Għawdex? *10/05/2011*

**Tweġiba:** Jiena nfurmata illi ma ttieħdu l-ebda deċiżjonijiet differenti minn dawk li kienu ġew deċiżi oriġinarjament. Saret konsultazzjoni mal-MIMCOL matul l-aħħar xhur. Kull tip ta' kompetizzjoni fuq livell internazzjonali se tkun tista' ssir fil-pixxina. *16/05/2011*

***Rabat Għawdex - skola ġdida - athletic track***

**25844. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tgħid jekk hiex se ssir *athletic track* fl-iskola l-ġdida li qed tinbena fir-Rabat Għawdex? Jekk le, għaliex? Jekk se ssir, tista' l-Ministru tgħid kemm se tkun twila din it-*track* u fuq kemm-il naħa tal-*pitch* se tkun din it-*track*? Tista' tgħid ukoll hux se ssir *sand pit* għal-*long jump* bħala parti mill-faċilitajiet sportivi tal-istess skola? *05/05/2011*

**Tweġiba:** Ninsab infurmata li t-*track* ser issir kif kien ippjanat fuq distanza ta' 200 metru bħal ma sar fil-Kulleġġ tas-Subien San Benedetto f'Ħal Kirkop u fil-Kulleġġ tas-Subien Sant'Injazju f'Tal-Ħandaq.

Rigward is-*sandpit* din ma kinitx fil-pjan però jekk jinstab spazju tista' tiġi implimentata. *10/05/2011*



***Bini mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjieħ f'Għawdex***

**25863. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tgħid x'sar s'issa din is-sena mill-Ministeru tagħha biex jiġi inkoraġġit il-bini mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjieħ f'Għawdex? X'inċentivi ngħataw biex l-art agrikola tkompli tinħadem? X'inhu ppjanat u programmat li jsir din is-sena u fl-2012 u fl-2013 fuq dawn l-inizjattivi? X'inhi n-nefqa s'issa fuq dan il-proġett? X'inhi n-nefqa stmata għal kull sena 2011-2013? *06/05/2011*

**Tweġiba:** Ninsab infurmata li bħalissa qegħdin jintlaqgħu applikazzjonijiet mill-bdiewa li jintitolawhom għal għajnuna kofinanzjata mill-Unjoni Ewropea li tinċentiva l-bdiewa biex ikomplu jieħdu ħsieb u jaħdmu r-raba'. Ninsab infurmata wkoll illi fil-qafas ta' l-iskema għall-proġetti ta' Eko-Għawdex maħruġa mill-Ministeru għal Għawdex, diversi Kunsilli Lokali issottomettew proposti għar-restawr u bini ta' ħitan tas-sejjieħ li ġew aċċettati. *11/05/2011*

***Użu ta' pestiċidi fl-agrikoltura f'Għawdex***

**25862. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tgħid x'sar s'issa din is-sena mill-Ministeru tagħha dwar l-aħjar użu tal-pestiċidi fl-agrikoltura f'Għawdex u għall-immaniġġjar tajjeb tal-kontenituri tal-pestiċidi? X'inhu ppjanat u programmat li jsir din is-sena u fl-2012 u fl-2013 mill-Ministeru tagħha fuq dan il-proġett? X'inhi n-nefqa s'issa fuq dan il-proġett? X'inhi n-nefqa stmata għal kull sena 2011-2013? *06/05/2011*

**Tweġiba:** Ninsab infurmata li din is-sena saru erba' korsijiet dwar l-użu tal-pestiċidi li għalihom ipparteċipaw 105 persuni. Dawn il-korsijiet wasslu biex il-parteċipanti jkollhom mezz ta' identifikazzjoni maħruġa mill-Awtorità Maltija għall-I*standards* sabiex ikunu jistgħu jixtru u japplikaw il-pestiċidi. Ninsab infurmata wkoll li qiegħda tiġi ppreparata pubblikazzjoni dwar dan is-suġġett u li huwa ppjanat li jsiru aktar korsijiet kemm fuq pestiċidi kif ukoll fuq suġġetti relatati mal-ortikultura. Barra minn dan fil-Farm tal-Gvern fix-Xewkija hemm faċilità fejn il-pubbliku jiddepożita kontenituri vojta ta' pestiċidi u pestiċidi skaduti. *11/05/2011*

KOTBA

Minn Għawdex

# "TRADES AND CRAFTS IN THE MALTESE ISLANDS"

**Dan huwa ktieb ippubblikat mill-Kunsill Lokali tal-Qala – stampat fl-Istamperija tal-Gvern – bid-diskorsi u t-taħditiet li saru fil-Konferenza Internazzjonali tal-Folklor, bit-tema '*Maltese and Gozitan Traditional Trades*' – snajja' tradizzjonali Maltin u Għawdxin. Il-ktieb huwa bl-Ingliż biex jesponi dak li huwa tagħna lill-barranin.**

***Kontenut***

Minbarra d-daħla mill-editur ta' l-edizzjoni, is-Sur Euchar Mizzi, il-ktieb fih tliet partijiet: a) id-diskorsi li saru fil-ftuħ mis-Sindku tal-Qala Pawlu Buttigieg u mill-Onor. Dr Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali, u Konsultazzjoni Pubblika u fl-għeluq tal-konferenza mill-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, b) it-tliet studji fuq is-snajja' tradizzjonali f'Malta u Għawdex u fir-Russja, flimkien ma' tagħrif bijografiku dwar l-awturi rispettivi, u ċ) appendiċi b'għabra ta' ritratti ta' bosta mill-attivitajiet li saru fit-tlitt ijiem tal-festival.

***Fratellanzi, Mutuo Soccorso, Unjons, u Koperattivi***

Fil-preżentazzjoni tiegħu, l-istudjuż Guido Lanfranco jittratta dwar l-evoluzzjoni tas-snajja' fil-gżejjer Maltin, studju li jista' jitqies bħala enċiklopediku. U hawnhekk ta' min jifhem u japprezza aħjar il-valur li dawn l-istudji jkunu miġbura u ppubblikati fi ktieb fejn jistgħu jkunu apprezzati minn kull min jinteressah.

Lanfranco jgħid li kienu l-ħtieġa, in-neċessità, il-bżonn li minn dejjem ġiegħlu lill-bniedem isib modi kif jinqeda fil-ħajja, modi li baqgħu jiżviluppaw maż-żmien.

Taħt il-ħakmiet differenti li Malta għaddiet minnhom, ħafna mis-snajja' ta' missirijietna ġarrbu tibdil, oħrajn ma baqgħux jitħaddmu, nibtu oħrajn skont iż-żminijiet u t-tibdil fil-modi ta' għejxien. Il-ħaddiem Malti, b'danakollu, dejjem sab mod kif jaddatta ruħu għaż-żminijiet u ċ-ċirkostanzi.

Maż-żmien nibtu l-fratellanzi – għaqdiet fejn haddiema bl-istess sengħa kienu jingħaqdu u jgħinu lil xulxin fil-bżonn. F'dan l-aspett, il-Maltin għarfu jingabru, taħt il-patroċinju ta' xi qaddis marbut mas-sengħa tal-konfraternità. Kien hawn ukoll fratellanzi li ġew iffurmati wkoll sempliċement għad-devozzjoni u t-talb.

L-awtur isemmi kif minn għaqdiet li jgħinu, il-*Mutuo Soccorso*, li nibtu bħall-faqqigħ hawn Malta, inbidlu f'*Unions* fi żmien meta s-sigurtà soċjali u l-iskemi għal pensjonijiet kien għadhom lanqas jeżistu.

Lanfranco jagħti lista oħra, din id-darba ta' dawn is-soċjetajiet *Mutuo Soccorso* li twaqqfu bejn l-1847 u l-1926 (21 b'kollox), u li fosthom kien hemm ukoll ħafna Baned Filarmoniċi, li eventwalment spiċċaw biex għamlu l-post għat-*Trade Unions*.




***Snajja' tradizzjonali mir-Russja***

Dan l-istudju sar mill-Grupp Folkloristiku Russu 'Podmoskovnie Vechera'. Ir-ritratti ta' oġġetti prodotti ta' snajja' tradizzjonali f'pajjiż fejn il-kuluri jgħajtu saħansitra fl-ilbies tradizzjonali jaqtgħu ħafna kontra l-bjuda tas-silġ li jiddomina tul ħafna xhur tas-sena, huma vetrina għal dak li jista' jakkwista t-turist f'dan il-pajjiż, b'rispett kbir lejn in-natura li tħaddar is-sena kollha u lejn il-ħajja tradizzjonali li għenet dejjem lil min għadu jipprattikaha sal-lum.

L-istudju sar minn Vera Iskhakova mir-reġjun ta' Moska, fir-Russja Ċentrali – ċentru tal-ħajja ekonomika, politika, u kulturali tar-Russja, għani fl-istorja, tradizzjonijiet nazzjonali tal-poplu Russu, u b'postijiet storiċi u kulturali uniċi li wħud minnhom huma inklużi fil-lista ta' Wirt Dinji ta' l-UNESCO.

***L-agrikultura***

L-istudju ta' Anton F. Attard – studjuż tal-folklor Malti llum stabbilit sewwa u awtorità dwar il-folklor Malti – għandu valur kbir speċjalment minħabba l-vokabularju Malti marbut mas-snajja' tradizzjonali tagħna l-Maltin. L-istudju huwa llustrat b'akkwarelli xogħol Gwido Lanfranco.

F'dan l-istudju, Attard iqassam il-vokabularju – uħud minnu llum ftit li xejn jintuża – flimkien mat-tagħrif dwar is-snajja', b'mod organizzat ħafna.

Hekk insibu l-oqsma organizzati l-Art, l-Għelieqi, u l-Ħamrija; ir-Razzett; in-Naġġara u l-Bennejja; Dawk li jagħmlu l-Karettuni; Il-Ħaddieda; il-Mastrudaxxa; Annimali tar-Rziezet; Tal-Qwieleb; Tal-Ġbejniet; Ġeżżejja/ ġeżżieża; Ilma għat-Tisqija; Tal-Fuħħar; Min jagħmel is-Soqfa; il-Kurdara; is-Sellara; Tal-Ġwielaq; Tal-Qfief; Għand il-Furnar; it-Taħħan; u Għand tal-Ħaxix u l-Frott.

L-awtur jenfasizza l-aktar fuq l-agrikultura u s-snajja' li nibtu biex minnha missirijietna jaqilgħu l-għejxien tagħhom.

Attard jagħlaq l-istudju tiegħu b'sentenza daqsxejn kattiva: '*The picture that I have just put before you has now disappeared*' u jissokta billi jsemmi ftit mill-bidliet li seħħu speċjalment minħabba t-teknoloġija moderna.

***Għeluq***

Huwa għalhekk importanti li attivitajiet bħalma hu l-Festival tal-Folk organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Qala joktru u jibdew isiru biex jgħinu jqajmu kuxjenza dwar il-folklor tagħna, u fl-istess ħin joħolqu attrazzjonijiet li jiġbdu aktar turisti lejn pajjiżna.

***Dr Joe Zammit Ciantar***

*Kummentarju (2)*

# *X'Tunnel, tunnel!*



*kitba ta'* **DR. ALFRED GRECH**

**Liema Tunnel? Is-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said nieda l-kunċett ta' Tunnel bejn il-Gżejjer. Mezz ta' komunikazzjoni li minnu jibbenefikaw l-aktar l-Għawdxin. Kull proposta dwar mezz ta' komunikazzjoni bejn il-Gżejjer hija ta' interess partikolari għall-Għawdxin tiġi minn fejn tiġi. Il-komunikazzjoni bejn il-Gżejjer kienet u tibqa' l-arterja prinċipali maċ-ċentru, maċ-ċivilta. Iżda għandu jkun bilfors hekk?**

Wieħed irid joqgħod attent li minflok jagħmel proposta ta' "tunnel" ma jkunx fil-fatt qed jipprospetta bħalma jgħidu l-Ingliżi *"a tunnel vision"*, jiġifieri jkun qed iħares b'mod dejjaq u ristrett ħafna lejn il-kwistjoni.

Il-kwistjoni tal-komunikazzjoni bejn il-Gżejjer issir relevanti u jkollha importanza inkwantu nitkellmu dwar il-kwalità tal-ħajja tal-Għawdxin komparat ma' dak tal-Maltin. Altrimenti l-kwistjoni kollha ssir irrelevanti. Li kieku l-Għawdxin ikollhom l-istess faċilitajiet u l-istess possibbiltajiet f'kull aspett u qasam tal-ħajja għal dak li jirrigwardja bżonnijiet u avanz fil-ħajja, id-diskors kollu dwar il-komunikazzjoni bejn il-Gżejjer jaqa' fir-retroxena, jekk ma jisparixxix ukoll.



L-idea ta' "tunnel" hi waħda formidabbli, waħda li tinvolvi sforzi u riżorsi li jistgħu ma jkunux fil-parametri li jiflaħ in-nazzjon Malti tenut kont tal-prijoritajiet tal-pajjiż. Taqtalek in-nifs tikkunsidraha biss. Aħseb u ara tiġi biex tattwaha. Tiġi t-tentazzjoni li wieħed jikkunsidra soluzzjonijiet alternattivi li huma inqas dispendjużi. Jekk il-għan huwa li ntejbu l-ħajja tal-Għawdxin f'kull aspett tagħha b'tali mod li t-traġitt bejn il-Gżejjer ma jibqax kwistjoni ta' bżonn, allura l-kwistjoni tal-komunikazzjoni tiġi maħlula mod ieħor u b'mezzi aktar prattiċi.

- Minbarra li ntejbu l-mezzi ta' komunikazzjoni, min jaf kieku nipprovaw noħolqu ftit aktar impjiegi biex inqas Għawdxin, minn dawk l-eluf li jkollhom jaqsmu lejn Malta, jsibu jaħdmu f'din il-gżira u għal dawk, it-traġitti ma jsirux obbligu ta' kuljum jew ta' kull ġimgħa iżda okkażjoni ta' kultant bħal dik ta' bosta Maltin li jaqsmu għal Għawdex għal btala jew biex jiddevertu u jirrilassaw.
- Minbarra li ntejbu l-mezzi ta' komunikazzjoni, għaliex ma ninvestux aktar l-ekonomija Għawdxija mhux biss fejn jidħol is-settur turistiku, iżda fis-setturi kummerċjali l-oħra sabiex minbarra ż-żieda fid-dħul, jiżdiedu l-kumditajiet, b'mod li jkun hawn fis-suq u relattivament l-istess kwalità, varjetà u għażla lill-konsumatur Għawdxi bħalma jkollu l-konsumatur Malti?
- Għandna Ministeru għal Għawdex. Dan il-Ministeru kien maħsub biex jiġbor fi ħdanu l-funzjonijiet tad-dikasteri governattivi, b'tali mod li għal dak li jirrigwarda s-servizzi pubbliċi, l-Għawdxin ikollhom l-istess possibbiltà li jinqdew daqs kieku kienu joqogħdu l-Belt Valletta. Illum huwa magħruf li dan mhux il-kas. Naħseb aktar ikun faċli li nirrimedjaw din is-sitwazzjoni milli nibnu "tunnel" sabiex l-Għawdxin jaqsmu għal Malta b'aktar kumdità.
- Ilna nilgħabu u nesperimentaw bl-idea li Għawdex ikollu mezz ta' komunikazzjoni bl-ajru ma' Malta. Din l-idea rriżultat imprattikabbli. Lanqas jidher li tista' sseħħ għall-futur minkejja li l-impjant għadu hemm. Il-*heliport* għadu jiġi kkunservat u għadu protett iżda



qajla hemm possibbiltà li jintuża 'l quddiem. Hemm min jgħid li Għawdex għandu jkollu faċilità ta' trasport bl-ajru, b'sistema *fixed wing*. F'dan ir-rigward jidħlu ħafna konsiderazzjonijiet fosthom dawk ta' ħsejjes, inkwinament, ħsara lill-ambjent. Iżda ninsab konvint li bi ftit għaqal u ħsieb, wieħed jista' jgħaqqad il-ħtieġa ta' dan it-tip ta' trasport mal-eżiġenzi tan-nuqqas ta' ħsejjes, inkwinament u ambjent. Gżejjer oħra tad-daqs tal-gżira Għawdxija għandhom dan it-tip ta' trasport. Għaliex aħna għandna nkunu differenti? Fuq kollox *fixed wing link* tagħmel ħafna sens sabiex Għawdex isir destinazzjoni turistika separata. Sakemm it-turiżmu Għawdxi jibqa' jiddependi mill-fdal ta' dak li jiġri Malta, qajla wieħed jista' jaspira għal titjib.

- U la qegħdin nitkellmu minn destinazzjoni separata, x'ikun hemm ħażin li jkun hawn uffiċċju tad-dwana f'Għawdex? L-ispejjeż biex jiġu dduplikati l-faċilitajiet li hemm Malta huma insinifikanti ħdejn il-bini ta' "tunnel". Il-faċilitajiet ta' dwana f'Għawdex isolvu wkoll ċerti problemi ta' trasport għaliex ċerta merkanzija u l-materja prima tkun tista' tintbagħat direttament bil-baħar għal jew mid-destinazzjoni tagħha. Għaliex toħlom bi proġetti li mhux lakemm tilħaqhom u tinsa tmiss b'idejk dak li ġà għandek u li jinsab madwarek?

U forsi qed noħlom jien ukoll! U kos ngħid bejni u bejn ruħi, x'fiha ħażin li toħlom? Din tat-"tunnel" wara kollox mhix ħolma oħra? U jidher li xegħlet l-immaġinazzjoni ta' ħafna. Iżda ħafna drabi frott il-ħolm hu li nimminaw (*tunneling*) ir-realtà għaliex ninħlew fuq ideat u proġetti li mhux la kemm tilħaqhom u dak li hu mmedjat u jeħtieġ l-immedjat jintesa. Ideat li jservu biss biex jaljenaw. Qed niftakar fit-*Terminal* taċ-Ċirkewwa. Donnu fl-aħħar tħarrek xi ħaġa. Mhux aħjar nikkonċentraw li proġett bħal dan jitwettaq issa qabel imbagħad, għax aktar hu fattibbli u l-ħtieġa tiegħu hi mmedjata. Mhux aħjar nagħtu lill-Għawdxin dak li jixirqilhom u dawk il-mezzi li bihom jistgħu jieħdu ħsieb aktar ħwejjiġhom ġo darhom, fosthom :

- aktar awtonomija f'dak li huwa Gvern Lokali – din is-sena jaħbat sewwasew il-50 anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku
- sehem akbar mill-Baġit Nazzjonali
- aktar investiment kif ingħad qabel biex tikber u tiżdied l-infrastruttura u l-ekonomija ta' din il-Gżira.

Forsi mbagħad lanqas nibqgħu noħolmu bil-bżonn ta' xi "tunnel" jew mezz ta' komunikazzjoni bejn il-Gżejjer aħjar minn dak li hemm illum. Għaliex imbagħad it-traġitt tal-Għawdxin lejn Malta ma jibqax kwistjoni ta' bżonn iżda kwistjoni ta' għażla u ta' kumdità.

HILITE

HARDWARE STORE

***FRANCO - BELGE FIRE PLACES***

*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places

113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

Kummentarju (3)

# Il-Ħajja bejn Koppja - Għal Dejjem: Possibbli? (It-Tieni Parti)



*kitba ta'* DUN ĠORĠ BORĠ, Direttur Moviment ta' Kana f'Għawdex

**Fl-ewwel parti li kienet ippubblikata x-xahar l-ieħor rajna xi studji fejn riċerkaturi fuq il-familja rnexxielhom jagħżlu ċerti fatturi li għenu biex koppji miżżewġa jirnexxielhom idumu għat-tul ma' xulxin. Rajna fost l-oħrajn li l-koppja trid tkun lesta taffronta t-tibdil li tiltaqa' miegħu fil-ħajja miżżewġa.**

Issa f'din il-parti ser infittxu li naraw liema huwa dan it-tibdil li kull membru tal-koppja ġdida jrid jagħraf jaffronta fil-ħajja miżżewġa..

### *1. Li titbiegħed mill-passat*

Kull wieħed minna jġorr ġo fih il-familja oriġinarja propja u għalhekk ikun inklinat li jinterpreta r-rapport ta' koppja fid-dawl ta' dawk li kienu l-ewwel esperjenzi mal-ġenituri tiegħu u ma' ħutu; jużа mas-sieħeb tiegħu u ma' uliedu l-istess modalità li huwa għex fil-familja li trabba fiha.

Speċjalment fil-bidu l-indħil tal-ġenituri jew tal-kunjati jista' jkun ta' tħassir għall-koppja li għadha qed tifforma. Infatti dawn il-persuni, għalkemm jistgħu kultant jippreżentaw għajnuna valida, f'ħafna drabi oħrajn, anki mingħajr ħadd ma ried, jispiċċaw biex jostakolaw l-armonija tal-koppja:

- kemm għaliex ikunu ħafna invadenti u jippruvaw jikkontrollaw mill-viċin il-koppja, u jibdew jieħdu deċiżjonijiet għalihom.
- kemm ukoll, biex wieħed jibqa' leali lejn il-ġenituri propji, li magħhom huwa affezzjonat, it-tifel llum adult iħoss il-bżonn li jibqa' sa ċertu sens tifel,
- li biex ma joffendihomx, irid jgħidilhom dak kollu li jiġri fil-ħajja privata,
- jiddelega lilhom (il-ġenituri tiegħu) minħabba l-esperjenza tagħhom kull deċiżjoni importanti,
- jużahom (lill-ġenituri) f'kull każ bħala difiża quddiem is-sieħeb/a,
- jibqa' jżomm magħhom atteġġament ta' sottomissjoni, kif jiġri ħafna drabi bejn persuni adulti li baqgħu tfal.

Titbiegħed mill-passat ifisser, li għalkemm kull membru tal-koppja gdida jibqa' jirrispetta l-ġenituri rispettivi tiegħu jew tagħha u anki li jitlob l-għajnuna u l-pariri tagħhom meta jħoss il-ħtieġa, irid jipprova jkun aktar indipendenti u awtonomu.

### *2. Taġġusta l-bżonnijiet*

Fir-realta' dan il-rapport mal-ġenituri huwa partikolarment importanti. Hemm każi fejn anki n-nanniet jibqgħu jiżvolġu azzjonijiet determinanti fil-ħajja tal-koppja.

Il-fatt hu li dawn iż-żewġ persuni, ġeneralment żgħażagħ u kważi dejjem namrati ta' xulxin, għandhom bżonn, mingħajr indħil, li jagħrfu lilhom infushom aħjar, li jifhmu l-gosti, il-karattru, l-abitudnijiet, id-drawwiet, il-proġetti u ambizzjonijiet ta' xulxin.

Il-bidu tal-ħajja miżżewġa huwa żmien partikolarment importanti, għaliex f'dan iż-żmien jifhmu liema huma l-kwestjonijiet importanti u dawk mhux importanti, dawk li ma' tistax tħalli u dawk li tista' tħalli.

Liema huma dawk id-diverġenzi li fuqhom kapaċi naqblu u dawk li ma jirnexxilniex naslu għall-ftehim? Liema huma l-argumenti tabù ? Liema huma s-sitwazzjonijiet li joħolqu argumenti u ġlied? Sakemm u sa liema punt kull wieħed mit-tnejn huwa dispost li jimmodifika, minħabba l-bżonnijiet u l-karattru ta' l-ieħor.

### *3. Ħajja ta' mwarrab*

Meta tasal l-ewwel tarbija, normalment isir kambjament kruċjali, li ħafna drabi jitlob serje ta' riaġġustamenti.

Il-miżżewġin isibu ruħhom f'rwol ġdid, dak ta' ġenituri, kollox ġdid, imma li malajr jagħtik ċerta responsabbiltà fil-konfront ma' persuna oħra. Rwol li b'xi mod ukoll jimmodifika l-abitudni, id-drawwiet, il-mod kif isiru dawn id-drawwiet u anki l-ħin tagħhom, u ħafna drabi ssir trasformazzjoni tar-rapport stess tal-koppja.

Jista' jagħti l-każ li l-omm il-ġdida tibdel l-atteġġament mar-raġel u tikkonċentra fuq it-tarbija. Dan jista' joħloq reazzjonijiet anzjużi fir-raġel, li min-naħa tiegħu jista' jħossu eskluż, taskurat, abbandunat, tant li jibda jgħir għal dak ir-rapport, li min-naħa tiegħu huwa sabiħ, dak ta' bejn l-omm u t-tifel żgħir.

Din l-emarġinazzjoni tar-raġel, biex ngħidu hekk huwa diskors li forsi ftit nagħtu kasu. Minħabba l-kultura forsi aktar nagħtu kas tal-għira min-naħa tal-mara għar-rwol maskili fis-soċjetà. Fil-fatt anki jekk verbalment u espliċitament, din il-problema ma tissemhiex: jiġri sikwit li l-omm tifforma koppja magħquda mat-tifel / tifla li tibdel drastikament ir-rapport mas-sieħeb tagħha.

Din il-possibbiltà, tonqos aktar ma' l-missier jiġi involut fil-kura paterna u fir-rapport mat-tifel/tifla.

### *4. Bini u kostruzzjoni ta' Ekwilibriji*

L-istorja ta' kull koppja hija ukoll storja ta' ekwilibriji ġodda li trid tibni kontinwament.

- Kull twelid ġdid jitlob adattamenti ġodda. Kull preżenza

oħra jew anqas fil-familja, titlob mhux biss tibdil kwantitattiv, imma riorganizzazzjoni tal-ħajja familjari. Ma' kull twelid ieħor, kull membru tal-koppja huwa dejjem aktar involut bħala ġenitur u għandu anqas ħin għas-sieħeb tiegħu.

- Importanti li l-koppja ssibu ħin, mument ta' privatezza, ma' xulxin u aktar rilessati.
- Aktar ma jikbru t-tfal, l-età tal-ġenituri tvarja.
  - paralleli ma' dan jinbidlu l-bżonnijiet u l-aspettattivi
  - ir-relazzjonijiet ma' l-iskola
  - mal-ħbieb u max-xogħol.
- Xi kultant l-istruttura tal-familja titbiddel bil-mewt ta' xi ġenitur tas-sieħeb/a jew jiġi d-dar u jibda jgħix magħhom xi ġenitur li baqa' waħdu.

Dan kollu jitlob li tibni Ekwilibriji Ġodda.



### *5. Għaqda u Individwalità*

F'koppja ta' tnejn namrati kull wieħed jipprova jidentifika ma' l-ieħor. Fir-rapport ta' mħabba kull wieħed iħossu ħaġa waħda ma' l-ieħor. Din it-tip ta' relazzjoni hija sabiħa u kull koppja miżżewġa tixtieq li xi darba għaddiet minnu. Pero' min-naħa l-oħra l-biċċa l-kbira minna għandna l-ġibda lejn il-libertà personali. Minn meta nkunu tfal żgħar nidraw dan is-sens li nkunu liberi.

Hemm bżonn allura, li l-imħabba għalkemm titlob li trid tkun magħqud ħaġa waħda ma' l-ieħor jew l-oħra, m'għandux jifga dan is-sens ta' individwazzjoni. Irid ikun hemm ekwilibriju bejn dipendenza u awtonomija. Dan forsi huwa wieħed mill-aġġustament importanti.

U hawn tista' tinħoloq xi diffikultà: jekk tiġi privileġġata l-għaqda bi skapitu tal-awtonomija (mhux f'sens ħażin). Jekk tispiċċa biex xi hadd ijassar, jiddomina lill-iehor, ir-rapport tal-koppja jidħol fi kriżi, mhux biss għax dak li jħossu dominat jista' jirribella, imma ukoll għax anki dak li qed jiddomina, fl-aħħar jispiċċa huwa stess deluż minn dan it-tip ta' rapport .

### *6. L-Ambivalenzi u l-Konflitti.*

L-Ambivalenza: jiġifieri li tħoss fl-istess mument sentimenti kuntrastanti lejn l-istess persuna: Imħabba u indifferenza, affett u rabja... Dan huwa komuni fil-ħajja miżżewġa.

Spiss kull persuna għandha immaġni idealizzata ta' dak kif għandha tkun il-persuna l-oħra u r-rapport tagħha magħha. Imbagħad, fil-fatt, issib li l-affarijiet huma differenti: il-persuna reali mhix dik idealizzata, li għandha l-limiti u d-difetti tagħha.

Għaldaqstant huwa importanti li wieħed jaċċetta l-fatt u jaċċetta l idea li xi kultant tista' tħoss sentimenti negattivi fil-konfront ta' persuna għażiża.

Il-Konflitt : huwa dovut għall-fatt li kull wieħed għandu xi bżonnijiet, xi frustrazzjonijiet jew xewqat li jistgħu ma jkunux sodisfatti immedjatament, jew kompletament mis-sieħeb tiegħu jew tagħha. Għaldaqstant wieħed irid ikun konxju mill-fatt li l-konflitti, bħall-ambivalenzi jistgħu jkunu inevitabbli, ma tistax taħrabhom u ħafna drabi jkollhom bżonn ta' soluzzjoni.

### *7. Il-flessibbiltà bħala valur.*

Min ġej minn familja fejn id-diverġenzi jiġu affrontati u solvuti b'mod flessibbli diġà, biex ngħidu hekk, ikun tgħallem u esperimenta fl-ambjent tiegħu l-istrateġija li wieħed għandu juża biex jieħu xi deċiżjoni. Għall-kuntrarju, min għex ġo ambjent psikoloġikament riġidu, fejn fil-kunflitti huma ostaklu għal kull komunikazzjoni, probabbilment jiltaqa' ma' diffikultajiet kbar meta jsib ruħu quddiem dawn il-kunflitti u l-ambivalenzi fil-ħajja familjari tiegħu. Sikwit ikun anzjuż u vulnerabbli, ftit li xejn flessibbli u kompetenti biex isib is-soluzzjoni possibbli.

Wieħed irid jibni rapport ta' mħabba mibni fuq il-parità, fuq il-flessibbiltà, fuq l-għarfien tad-differenzi. Dan huwa wieħed mill-fatturi li jservi biex tinfunzjona l-koppja.

Importanti li wieħed iżomm f'moħħu li minn aspett psikoloġiku ma teżistix verità assoluta, imma li kull wieħed jista' jkollu verità tiegħu li hi marbuta ma' l-istorja tiegħu, mal-karatteristiċi tiegħu, mat-temperament tiegħu u mal-proġetti tiegħu.

### *8. Il-kapaċità li tiddifferenza - Rwol diversi għax aħna differenti*

F'koppji u familji f'saħħithom hemm diviżjoni fir-rwoli imma ma hemmx figura li tikkmanda u l-oħra tobdi. Hemm parità anki jekk kultant ma jkunx hemm simetrija.

Anki mat-tfal, is-sens ta' poter min-naħa tal-ġenituri jonqos maż-żmien, pass pass li jikbru u jakkwistaw ċerta awtonomija. Meta t-tfal isiru żgħażagħ il-ġenituri jistgħu jiddelegaw l-awtorità u r-responsabbiltà tagħhom, billi isiru aktar konsulenti milli awtorità

Meta mbagħad it-tfal tagħhom isiru adulti, jiġifieri suġġetti awtonomi jistgħu issa jitkellmu mal-ġeniuri tagħhom, b'mod pari, kemm fuq l-għażla ta' ħajjithom u tal-ħsibijiet tagħhom

Bħala konklużjoni nixtieq nagħlaq bl-istess kumment li għamilt fl-ewwel parti ta' dan l-artiklu li dehret ix-xahar l-ieħor. Sfida fundamentali għall-koppji miżżewġa kollha li jimpennjaw lilhom infushom f'rapport għat-tul hija dik li jirnexxielha tilqa' t-tibdil li wieħed jiltaqa' miegħu u dak li jeħtieġ li jagħmel. L-aktar dak it-tibdil psikoloġiku, marbut mal-iżvilupp u t-trasformazzjoni interna li kull wieħed miż-żewġ sieħba miżżewġin jiltaqgħu matul il-ħajja tagħhom u dik tal-familja inġenerali

*Kummentarju (4)*

# L-Għaxar Fergħat... tal-wirt li m'għarafniex?



*kitba ta'* JOSEPH W. PSAILA

**X'għandhom komuni l-Ġgantija, iċ-Ċittadella, San Ġorġ tal-Preti, ir-Ramla, l-għajn tal-ħassilin, il-ħitan tas-sejjieħ, il-poeżija ta' Ġorġ Pisani u Mary Meylak, is-sengħa tal-bizzilla, u l-ġbejniet tal-bżar? Kollha għandhom fihom element ta' wirt kulturali. Kollha, b'mod jew ieħor jagħtuna identità – kollha jagħtu lilna l-Għawdxin karatteristiċi fil-personalità kollettiva u għaliex wirt għandhom ilkoll fihom l-għelma taż-żmien.**

X'għandhom komuni l-monument ta' Kristu Re fit-Tokk, għalina l-*altare della patria* - li minkejja l-*blitz* ta' ftit snin ilu kontra l-għamara żejda fit-triqat, qed jerġa' jinstab imdawwar bit-*T-shirts* u l-malji ta' l-għawm u mgħotti bl-umbrelluni* - il-van tal-ġelat ipparkjat u jaħbi l-monument ta' Saverio Cassar, is-selħa fil-ħajt tas-sejjieħ li qatt ma terġa' titla', il-bini dejjem jogħla u jgħatti l-panorama, l-istupru tax-xagħri u x-xtajtiet, in-nuqqas ta' ħobża tal-Malti fost id-disa' tipi ta' ħobż għand tal-merċa kull filgħodu...? Dawn kollha huma xhieda li għadna m'għarafniex il-fatt li din id-dar tagħna lkoll, msejħa "Għawdex" għandha wirt kulturali li jagħtiha identità li jeħtieġ inħarsuh b'għożża u serjetà. Huma xhieda li la għandna biżżejjed memorja, la sensibbiltà... u lanqas raġuni!



Neħtieġu mentalità li trawwem fina sens ċiviku – mentalità li l-ewwelnett tirrikjedi l-"għarfien". Huwa l-għarfien, li jgħaddi u jissaħħaħ maż-żmien minn ġenerazzjoni għall-oħra, tal-preġji li għandna aħna lkoll f'din id-"dar tagħna" u għaldaqstant jistgħu jitgawdew minn kulħadd. Għaliex f'darna għandna dritt ngħixu, imma wkoll għandna d-dmir li nħarsuha għal uliedna u għal ulied uliedna.

Fiż-żmien li qegħdin ngħixu, sinifikattiv l-aktar hu dak li jirrendi għax jipproduċi, dak li għandu valur fis-suq, dak li jdawwar ir-rota tal-bejgħ u x-xiri, dak li minnu jsir qligħ, u qligħ f'ħakka t'għajn. Min-naħa l-oħra, dak li hu wirt nazzjonali, għalkemm huwa wkoll prodott li jirrendi bil-kbir, jixbah l-oġġetti uniċi tal-familja li huma simbolu tagħha u jġorru awra qawwija ta' sentiment. Huma l-oġġetti li tinsulentahom jekk ma' ġenbhom tqiegħed ċifri tal-flus.

### *Wirt Arkeoloġiku*

F'din Art tal-ħaġar u tat-twemmin jekk ma jgħajtux l-Għawdxin tal-lum u t'għada, jgħajjat il-ġebel.

Kieku minflok il-Ġgantija u ċ-ċirku tax-Xagħra kellna bir għammieq tad-deheb iswed, kien ikollna ekonomija iżjed b'saħħitha iżda ma kienx ikollna l-identità li għandna u li tagħmilna kburin. Xi darba, il-bir taż-żejt kien jinxef, imma dan il-wirt jekk inħarsuh b'għożża u għaqal jibqa' għandna.

Iċ-Ċittadella mbagħad, saret maż-żmien is-simbolu ta' gżiritna, bħalma t-Torri Eifel hu għal Pariġi, il-Parthenon għal Ateni u l-Kolossew għal Ruma. Fis-siti arkeoloġiċi tagħna rridu nħarsu mhux biss dak li diġà jidher, imma wkoll dak li 'l quddiem jista' jiġi skavat.

### *Wirt Arkitettoniku*

It-twaqqigħ tal-bini ta' l-Iskola tal-Qala, ftit snin ilu, kien qajjem protesta min-nies tal-mistier għaliex sostnew li konna se nitilfu bini ta' l-epoka. Il-kultura mhux dejjem taqbel ma' dak li hu utilitarju. Kultant ikun jixraq li nżewġuhom, iżda li neqirdu dak li jkun xempju huwa ħażin.



Il-wirt arkitettoniku jinsab fil-knejjes u l-kappelli tagħna, fil-bini ta' djar b'karatteristiċi Maltin fl-istil u l-omoġenjetà tagħhom, fis-slaleb fl-imsieraħ tagħna, fin-niċeċ imferrxin 'l hawn u 'l hinn mat-triqat...

***Stħajjilt lili nnifsi "gwida"***

Sellimt lil żewġ turisti jħarsu l-isfel lejn ir-Rabat minn fuq il-bastjun ta' San Mikiel fiċ-Ċittadella. Wieħed minnhom qalli li kienu qed jistennew l-arloġġ idoqq. Għedtlu li kien baqa' ftit minuti għall-ħdax għax ħsibtu ried ikun jaf il-ħin. Żbaljajt. Kien dilettant tat-teknoloġija ta' l-arloġġi u xtaq li minflok il-bieba ta' l-injam kien hemm ħġieġ oħxon biex seta' jara l-magna. Għax intbaħt hemm ukoll il-**wirt teknoloġiku**. Min jaf, għedt bejni u bejn ruħi, x'sar minn, per eżempju, il-magna l-qadima tal-Fanal ta' Ġurdan?

Stħajjiltni għal mument gwida inkarigat minn grupp żgħir ta' turisti għal dawra ma' beltna. Fil-mużewijiet ta' ġos-swar jistgħu japprezzaw il-**wirt storiku dokumentat**. Minn fuq il-ħitan tas-swar jistgħu jitgawdew l-għoljiet Għawdxin u l-baħar dawramejt, il-ħoġor tal-**wirt naturali**. Sa ftit ilu kien hawn imkejjen oħra fil-għoli mnejn titgawda l-panorama – bħal per eżempju l-belveder quddiem id-daħla ewlenija tal-Isptar Ġenerali; illum issib ħajt ma' wiċċek!

Fit-Tokk, it-turisti jixirfu kemm kemm fil-ħajja soċjali – dan il-misraħ teatru ta' kuljum bil-bejgħ u x-xiri, fil-festi bid-devozzjonijiet u l-briju, u l-karnival tradizzjonali u organizzat, u lok storiku tal-kapitolazzjoni tal-Franċiżi fl-1798.

Imbagħad għandna l-wirt **storiku-artistiku** fil-Katidral, fil-Bażilika ta' San Ġorġ, fil-knejjes u l-kunventi b'arti figurattiva ta' pittura u skultura u l-preġji fir-rakkmu u fil-bizzilla. Titgawda passiġġata maċ-**ċentru storiku** tal-belt Victoria bit-triqat dojoq u l-isqaqien miġburin fil-wens ta' xulxin. Niftakar xħin qrobna lejn dawk l-inħawi, li ferghat oħra tal-wirt kulturali huma wkoll il-**Librerija** tal-Vajringa u l-**Arkivji** – it-tnejn li huma miżmumin b'għożża u b'effiċjenza.

Għalkemm inkunu ġà żorna l-Mużew tal-**Folklor**, xorta neħodhom jagħtu titwila s'għand il-ħaddied tas-Siku, wieħed minn ta'l-aħħar f'dis-sengħa tradizzjonali. Ħasra, daż-żmien ġo Għawdex ma tantx issib min isemmagħhom l-għana Malti.

Li kont gwida kont hekk indewwaqhom xi eżempji mill-għaxar ferghat tal-wirt kulturali tagħna. Itinerarju interessanti u ma nafx jintlaħaqx f'gurnata. Wieħed jispera li tid-dawra tagħna mal-belt ma jiltaqax ma' xi saram : xi trakk bil-ġebel li jimliena bl-ekżost, xi vann timblokka t-triq dejqa taċ-Ċentru, xi ħadd li ħareġ dawra l-kelb u ħalla tifkira, xi ħadd li ħareġ iż-żibel minn filgħodu għal filgħaxija...

Dawn l-għaxar ferghat jistgħu jservu ta' A B C għalmin jrid jagħmel klassifikazzjoni tal-wirt kulturali biex, fl-iskarsezza ta' fondi, wieħed jirnexxilu jipprijoritizza u jipprogramma. Kull Kunsill Lokali hu fid-dmir li jagħmel dan l-eżerċizzju. Il-wirt kulturali għandna dritt nużawh iżda m'għandniex dritt nabbużawh.

**Ma nafx jekk kulmin isostni li l-Monument jixraqlu spazju għalih, ikun qed jissuġġerixxi li jitneħħew iċ-ċraret minn madwaru. Fil-klima li qed ngħixu, meta l-'kummerċ' sar alla, jista' jkun li jkun jissuġġerixxi li jitneħħa l-Monument u jitqiegħed post ieħor... Jew qed neżaġera??*



Ftit fatti u kummenti

# Dwar Ikel, Skandli u Anzjani



kitba ta' Dr. MARIO SALIBA MD MSc MMCFD

**Min isegwi l-medja Ingliża żgur li qara li l-Ingliżi qegħdin jitħeġġu kontinwament biex itejbu d-dieta. Mhux neċessarjament jieklu anqas iżda jieklu differenti. Jgħixu differenti u jieklu ikel li jagħti s-saħħa flok ma jgħarraqha.**

Dan hu riżultat tal-allarm tad-Dipartiment tas-Saħħa fl-Ingilterra meta tqieset ir-rata għolja ta' wisq attakki tal-qalb u puplesija. Allura s-suġġeriment hu li jitnaqqas ix-xaħam fl-ikel, jitnaqqas iz-zokkor, jittiekel aktar frott u fibri. Il-poplu qed iħeġġeġ jiekol il-ħut darbtejn fil-ġimgħa, jixrob xarbiet li ma fihomx zokkor, inaqqas l-ammont ta' kejkijiet bin-nofs, filwaqt li jirdoppja l-ikel tal-ħaxix u jżid fl-eżerċizzju.



L-għan ta' dil-kampanja intensiva li tkopri kemm tfal fl-iskejjel kif ukoll manifatturi ta' ikel hu li jnaqqas ir-rata ta' attakki tal-qalb u puplesija għal persuni li għandhom anqas minn 65 sena b'40 fil-mija sas-sena 2016.

L-awtoritajiet tas-saħħa fl-Ingilterra sabu li r-rata ta' mard kardjovaskulari kienet ogħla mir-rata ta' nazzjonijiet oħra fil-Punent filwaqt li 20 sena ilu r-rata kienet iżgħar. F'Malta nisimgħu ħafna dwar dan fuq il-medja tagħna u d-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika ma jonqosx li jfakkar dwar dan. Naturalment dak li jgħodd għall-Ingilterra jgħodd ukoll għal Malta. Min għandu ħalq biex jiekol għandu ukoll widnejn biex jisma' u jobdi l-pariri!

### *X'fadal x'jinkixef?*

Permezz tal-*Internet* u dak li qed jissejjaħ *social networking* bħal *Facebook* u *Twitter* illum id-dinja saret villaġġ wieħed. Illum ma baqa' xejn sigriet għax illum stess jew għada ser tkun taf bih id-dinja kollha. Issa wieħed jistaqsi, xi dritt għandha l-midja u dawk li jmexxu dawn in-*networks* isiru sinjuri minn fuq persuni oħrajn u l-familji tagħhom? Dawn għandhom dritt iperrċu dak kollu li jgħaddu minnu persunaġġi famużi jew għolja fis-soċjetà... akkost ta' kollox? Għandu jkun hemm distinzjoni bejn il-ħajja pubblika u l-ħajja privata ta' personaġġi pubbliċi? Aktar u aktar jekk il-ħajja privata tista' tinfluwenza lill-ħajja pubblika? Jew min-naħa l-oħra, kif kien il-każ dan l-aħħar fl-Ingilterra, min hu sinjur u jista', jwaqqaf lill-midja li tippubblika skandli li jkunu għamlu, filwaqt li min mhux sinjur ma jista' jagħmel xejn. Kemm hu ġust li l-Qorti tingħata s-setgħa li żżomm milli jinkixfu dawn l-iskandli ta' nies li supppost huma xempju u *role models* għall-oħrajn? Wieħed jistaqsi kemm huma mudelli tajbin il-mexxejja ta' pajjiż? Eżempju tipiku huwa ta' Berlusconi li saħansitra qed jagħmel farsa mill-qrati Taljani. X'valuri jagħtu lil ta' madwarhom, lil dawk li jmexxu?



Dak li jingħad dwar persunaġġi għoljin jgħodd ukoll għall-Maltin u Għawdxin? Meta personaġġ għandu jaċċetta li żbalja u jwarrab mix-xena pubblika minflok ma jkun skandlu pubbliku? Dan ma jgħoddx biss għal xi skappatura imma anke għall-affarijiet oħra fejn jidħlu korrettezza u rettitudni. Jewinkella naċċettaw li kull bniedem huwa tad-demm u l-laħam u kulħadd jista' jiżbalja?

### *Anzjani?*

Tixjieħ skont kif tħossok. Tista' tkun anzjan mingħajr ma tħossok xwejjaħ fiżikament, psikoloġikament, emozzjonalment. Hu x'inhu, il-ħajja ma tiqafx mas-sittin. Iżda tibda ħajja ġdida. Staqsu lil dawk imsejħa anzjani

li qegħdin jattendu l-Universita` tat-tielet eta`. Kelli esperjenza magħhom ftit ilu meta għamiltilhom sensiela ta' taħdidiet dwar is-saħħa. Arawhom joħorġu, jisimgħu, japprezzaw, jitgħallmu, forsi dak kollu li xtaqu jitgħallmu meta kienu aktar żgħar u ma setgħux minħabba nuqqas ta' opportunitajiet.

Anzjani oħrajn tieħu gost tarahom ifittxu l-ħin biex joħorġu passiġġata, imorru xi ħarġa ma' tal-Kunsill, jieħdu sehem f'attivitajiet li jorganizza l-kappillan, jattendu l-għaqdiet, jilbsu eleganti, jiċċajtaw. B'kuntrast ma' dawk li sfortunatament jaħsbu u jħossu li d-dinja ntemmet għalihom.



Illum nafu li l-anzjani qegħdin jgħixu aktar. Il-ħin iridu jgħadduh b'mod attiv u fl-istess ħin rilassat. Sfortunatament qed jitgħabbew wisq bit-tfal tat-tfal. Ħafna għalkemm jieħdu gost li qed jgħinu lit-tfal jammettu li qed jgħejjew u qed ikollhom ċertu stress ukoll. Fl-anzjanità l-arloġġ ma' jibqax jgħaġġel bħal qabel, kollox jista' jieħu ħinu. Iżda l-anzjan ma għandniex inżidulu x-xogħol b'mod li ma jlaħħaqx ma' kollox u ma jħossux rilassat.

L-anzjani ghandna nirrispettawhom ghax taw sehemhom għal ħafna snin lill-familja tagħhom, u lis-soċjetà. Fl-istess ħin jibqgħu indispensabbli u mhux piż fuq is-soċjetà, għax għandhom ħafna x'joffru anke wara li jieħdu l-pensjoni. Iżda m'għandniex nabbużaw minnhom "għax m'għandhomx x'jagħmlu"! Lanqas għandna napprofittaw iżżejjed mit-tjubija u mill-paċenzja tagħhom billi ngħabbuhom bil-piż tat-trobbija tat-tfal u naħslu jdejna minn dik li hi prinċipalment u essenzjalment responsabbilta` tal-ġenituri nfushom, mhux tan-nanniet.


Magie de Beautè
☆ Facials ☆ Makeup ☆ Manicure ☆ Pedicure ☆
☆ Nail Extensions ☆ Electrolysis ☆ Waxing ☆
☆ Massages ☆ Body Treatments ☆
Irina Xerri
Beauty Therapist
C.I.B.T.A.C. C.I.D.E.S.C.O.
Mgarr Road, Qala, Gozo • Tel: 2155 7771 • Mob: 9924 9568

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

GP gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

Alex Saliba
I.T Sales and Services
65, Ta' Said Street Nadur, Gozo
Tel: 21 555 358 Mob: 99 864 262
alexandersaliba@gmail.com

*X'hemm komuni bejn dawn iż-żewġ Beati ta' żmienna?*

# IL-BEATI PAPA ĠWANNI PAWLU II

## 1 DIFFERENTI

Mal-ewwel daqqa t'għajn il-Beatu Papa Ġwanni Pawlu II u l-Beata Madre Theresa ta' Kalkutta kienu ferm differenti:

| | |
|---|---|
| • hu kien mill-Polonja | hi mill-Albanija |
| • hu Papa | hi soru |
| • hu jippriedka b'fommu | hi tippriedka bil-qadi |
| • hu qisu Mosè li daħħal id-dinja fit-tielet millennju | hi qisha l-Veronika li titbaxxa biex tixxotta id-dmija tal-ifqar fost il-fqar |
| • hu msejjaħ "l-atleta t'Alla" | hi "il-lapes t'Alla". |

## 2 ...IMMA JIXXIEBHU

Safrattant it-tnejn kienu kbar quddiem Alla u l-bnedmin

- lilu kienu jsejħulu *" John Paul the Great"* — lilha kienu jsejħulha *"that big little nun"*
- it-tnejn ħartu d-dinja minn tarf għall-ieħor jevanġelizzaw.
- it-tnejn saru **kalamita qawwija** biex iressqu l-bnedmin lejn Alla u lil Alla lejn il-bnedmin.
- it-tnejn tgħawġu "ganċ" biex fuqhom jerfgħu l-piż tad-dinja u s-salib tal-mard.

Tiġi weħidha l-mistoqsija
**X'kien hemm komuni bejn Papa Ġwanni Pawlu II u Madre Theresa ?**
It-tweġiba hija waħda
**It-tnejn kellhom bħala ċentru ta' ħajjithom lil ĠESÙ EWKARISTIJA.**

## 3 KRISTU FIĊ-ĊENTRU

It-tnejn iddedikaw ħajjithom għal kawża waħda: "Kristu"

**Il-Beatu Ġwanni Pawlu II**

- "L-ewwel kelmiet fl-Ewwel Quddiesa sollenni tiegħu fi Pjazza San Pietru kienu dawn : "La tibżgħux. Iftħu beraħ il-bibien għal Kristu!"
  Dak li l-Papa talab minn għand kulħadd, kien hu l-ewwel wieħed li pprattikah....
- B'saħħa ta' Ġgant, saħħa li kienet ġejja minn Alla u rnexxielu *"to turn back the tide which appeared irreversible"*, (jiġifieri, rnexxielu jdawwar ir-rotta tad-dinja li mad-daqqa t'għajn dehret li ma jdawwarha xejn)".

*(Papa Benedittu XVI, Quddiesa tal-Beatifikazzjoni 1 ta' Mejju 2011)*

**Madre Theresa**

- Isimgħu x'qalet : "Ġesù qalilna ċar u tond
  - Jien l-imħabba biex tiġi maħbuba.
  - Jien il-ħajja biex tiġi mgħixha.
  - Jien il-ferħ biex jitqassam.
  - Jien il-ħobż biex jittiekel.
  - Jien id-demm biex jinxtorob.
  - Jien il-verità biex tixxandar.
  - Jien id-dawl biex jinxtegħel.
  - Jien il-paċi biex tingħata.

**Ġesù huwa kollox."**

*(Madre Theresa, "Words To Love" Ave Maria Press, Notre Dame, Indiana USA)*

## 4 L-EWKARISTIJA: L-AQWA TEŻOR

**Madre Theresa**

Meta n-nies kienu jistaqsuha s-sigriet tal-enerġija tagħha, avolja kienet avanzata fiż-żmien, hi kienet tipponta subgħajha lejn **it-tabernaklu**.

Anke meta kemm-il darba kienu jdaħħluha fi sptarijiet differenti, l-ewwel ħaġa li tistaqsi kienet tkun : **"Fejn hu t-tabernaklu?"**

U kienet titlob li jagħmlulha t-tabernaklu fil-kamra tagħha tal-isptar biex kuljum tagħmel siegħa adorazzjoni quddiem Ġesù espost.

"Kienet titlob li jiġi qassis iqaddes fil-kamra tagħha tal-isptar u jqarbinha."

*(Osservatore Romano, 4 ta' Mejju 2011)*

**Ġwanni Pawlu II**

Fl-Enċiklika *Ecclesia De Eucarestia*, Ġwanni Pawlu II ħallielna ħsibijiet mill-isbaħ.

- Il-Knisja titmantna bl-Ewkaristija.
- Fl-Ewkaristija hemm miġbur il-ġid kollu tal-Knisja; Kristu nnifsu.
- L-Ewkaristija tgħaqqad l-art mas-sema.

**Dawl għall-Ħajja** — *Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca*

# I U MADRE TEREŻA

- L-Ewkaristija rigal imprezzabbli.
- L-Ewkaristija tibni l-Knisja.
- Permezz tal-Ewkaristija aħna nduqu "is-sigriet tal-qawmien".

## 5 INTIMITÀ MA' ĠESÙ

**Madre Theresa**

Ħalliet miktub fit-8 ta' Awwissu 1947 : *"The attraction for the Blessed Sacrament was so great, I longed for Holy Communion.*

*Night after night, the sleep would disappear and only to spend those hours for his coming...*

*Now every night for one hour or two, I have noticed it from 11.00p.m. to 1.00a.m., the same longing breaks into sleep."*

*(Osservatore Romano, 4 ta' Mejju 2011)*

**Papa Ġwanni Pawlu II**

Fl-Enċiklika tiegħu, *Ecclesia De Eucarestia* Nru. 25, kiteb hekk dwar l-Adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija. Hija ħaġa tassew sabiħa li

- ngħaddu ftit ħin miegħu
- u nserrħu rasna fuq is-Sider Tiegħu bħad-dixxiplu l-maħbub.

Kif qatt nistgħu ma nħossux il-ħtieġa li nieqfu fit-tul

- f'konverżazzjoni spiritwali
- f'adorazzjoni siekta
- f'atteġġament ta' mħabba

quddiem Kristu preżenti fis-Santissmu Sagrament?

Kemm drabi għamilt din l-esperjenza u ksibt :

- qawwa
- konsolazzjoni
- u għajnuna.

## 6 IX-XHIEDA TAT-TBATIJA

**Madre Theresa**

Kienet tħobb tgħid : "Li ssofri

- l-uġigħ
- l-umiljazzjoni
- il-mard
- il-fjaski

din mhix ħlief **bewsa mingħand Ġesù**.



It-tbatija hi rigal minn għand Alla. Rigal li jagħmilna nixbħu aktar lil Ġesù."

*(Mother Theresa, "Words To Love")*

**Ġwanni Pawlu II**

Papa Benedittu XVI qal fuqu :

"Il-Mulej ftit ftit ħadlu kulma tah."
(kien iħobb jiskija u fl-aħħar kemm kemm kien jiflaħ jimxi; kellu lehen li jsaħħar u spiċċa biex fl-aħħar lanqas kien jiflaħ jitkellem...)

"Madankollu baqa' l-blata kif riedu Ġesù."

"L-umiltà tiegħu msejsa fuq l-għaqda intima tiegħu ma' Alla għenitu jmexxi lill-Knisja u jagħti lid-dinja messaġġ li aktar ma saħħtu naqset, aktar sar elokwenti."

"Imbierek int għażiż Papa Ġwanni Pawlu II għax emmint!"

*(Quddiesa tal-Beatifikazzjoni, 1 ta' Mejju 2011)*

LETTERATURA GĦAWDXIJA

# Tifel Adottat

*minn* **Marċell Mizzi**

X'kuraġġ tagħtik l-imħabba
biex tmur fejn ma mort qatt
mhux f'ġita grupp bil-gwida
kif soltu jmur kulħadd.

Mara w żewġha weħidhom
ir-Russja tliet darbiet
marru biex ġabu fl-aħħar
tifel tal-għaġbijiet.

Dat-tifel bjond u ħelu
mela bil-ferħ id-dar;
kull min jarah iħobbu
il-kbar, ix-xjuħ u ż-żgħar.

Illum dat-tifel f'Għawdex
barra missieru w ommu
għandu erba' nanniet
għandu sittax kuġini
u ħamsa w tnejn zijiet.

# F'għeluq is-Sentejn

*minn* **Anton Mizzi**

O, kif f'leħħa għaddew sentejn
Mit-twelid ta' ħajja ġdida
Ta' tarbija kollha ħlewwa
Għaxqa għal min kellu jrabbiha.

F'jum is-Sibt ommok welditek
Marzu kellu tnejn u għoxrin
Ir-Rebbiegħa tatna warda
Isbaħ minn kull ġiżimin.

Inti llum għalaqt sentejn
Kemm rigali ddubbajt;
Zijiet, nanniet, kuġini
M'għand kulħadd xi ħaġa qlajt.

L-isbaħ wieħed mhux int qlajtu
F'dan il-jum *special* għalik;
Għaliex ommok u missierek
Ġojjell mill-aqwa sabu fik.

# Lill-Ilsien Malti

*minn* **Dun Anton Dimech**

Ħabbejtek tant sa minn ċkuniti,
Ilsien għażiż li tatni ommi.
Bik jiena fraħt u bkejt tul ħajti,
Lilek irrid sal-mewt fuq fommi.

Inħobbok qawwi, u sħiħ irridek
Tħabbatha m'ilsna aktar qawwija,
'Mma le, mhux fqir minn kliem barrani
Li jtik il-ħajja u ż-żgħożija.

Int ħaj, trid tikber u tistagħna,
Tirbaħ progress u evoluzzjoni,
Marbut mal-ħajja mżarġna tagħna,
Biex toffri ta' kull hemm is-soluzzjoni.

Mill-ilsna ħbieb li kibru magħna,
Mix-xjenzi u l-għerf ta' żminijietna,
Ixrob u ikber, imma għal uliedna,
Ibqa' int biss; waħdek ilsienna.



*Kif Niftakar l-Isqof Cauchi*

# Imgħallem tal-Kelma... miktuba u mitkellma



*kitba ta'* EMMANUEL SALIBA

Wara l-mewt ta' l-Isqof Emeritus Mons. Nikol Cauchi, ħafna kienu l-kliem ta' tifħir u apprezzament li smajna u qrajna fuq ix-xandir, gazzetti, eċċ, fuq il-ħidma ħabrieka li wettaq matul is-snin ta' episkopat fi gżiritna il-mibki Isqof tagħna. Sintendi fost dawn il-ħidmiet innotajna il-ħidma kontinwa u importanti li tissemma, b'mod speċjali dak il-qasam tal-kitba, għax bħal ma jaf kulħadd Mons Cauchi mhux biss kien tajjeb bħala predikatur jew komunikatur, imma anke bħala kittieb. Dan jixhduh id-diversi kotba li rajna ppubblikati matul ħajtu u b'mod speċjali wara mewtu.

Minkejja l-impenji kbar li kellu fil-qasam pastorali, Mons Cauchi kellu wieħed mill-isbaħ doni: il-kitba għax kien jifhem li permezz tal-kitba tista' twassal iktar faċli l-Evanġelizzazzjoni, u iktar u iktar kif kien jitlob l-uffiċċju tiegħu bħala Isqof tad-djoċesi tagħna; permezz tal-kitba, il-kelma t-tajba tasal u tibqa' ferm iktar mill-kelma mxandra.

Fl-okkażjoni tal-25 anniversarju ta' l-ordinazzjoni Episkopali tiegħu, Mons Cauchi kien spjega x'inhi r-raġuni li jħobb iwassal it-tagħlim tiegħu permezz tal-kitba iktar milli permezz tal-fomm. Fil-fatt, f'intervista li kien għamel ma' l-editur tal-*Leħen is-Sewwa*, Mons Isqof kien qal hekk:

***"Jiena nemmen li l-kitba hi mezz ta' Evanġelizzazzjoni, u xi drabi toffri iktar vantaġġi mill-kelma ħajja, li tilħaq biss lil dawk li jkunu preżenti quddiem min jitkellem. Il-kelma miktuba tmur iżjed fil-bogħod, kemm fl-ispazju kif ukoll fiż-żmien. Kelma għall-ġid tista' tagħti l-effett tagħha anke wara bosta snin minn meta tkun miktuba u ppubblikata."***

Fil-fatt, ħafna gazzetti u ġurnali gawdew mill-pinna ta' Mons Cauchi u naħseb waħda mill-iktar sentimentali kienet il-gazzetta ta' l-Azzjoni Kattolika, il-*Leħen is-Sewwa*, li ma nkunx niżbalja jekk ngħid li din il-gazzetta kienet il favorita tiegħu, gazzetta li sabet lil Mons Isqof Cauchi wieħed mill-iktar kollaboraturi siewja u regolari fejn jidħol il-ġurnaliżmu.

Barra mill-kitba fil-ġurnal u kotba oħra li ser jibqgħu sors ta' tagħlim għall-pubbliku għal bosta snin, ma rridx ninsa l-*broadcasts* ta' tagħlim li kien iwassal fuq l-RTK kull nhar ta' Ħamis għal snin sħaħ. Niftakar fil-bidu nett kien talabni biex immexxi miegħu dan il-programm u b'intelliġenza liema bħalha kien jirrispondi l-mistoqsijiet



*L-Isqof Cauchi jitkellem waqt wieħed mill-Kungressi tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla, li jsir ta' kull sena f'April*

tas-semmiegħa li ħafna minnhom, għalkemm forsi kienu jkunu xi drabi anke kontra l-istess kappillan tal-belt jew raħal, kien joħroġ, b'kalma liema bħalha, spjegazzjoni sodisfaċenti u b'karità assoluta; kien jittollera kull tip ta' mistoqsija u jirrispondi lil kulħadd akkost ta' kollox.

Mhux darba jew tnejn meta xi mistoqsija kienet tkun fuq il- kappillan tar-raħal ix-xandir kien jaqtagħha fil-qasir, u Mons Isqof kien jiddiżappunta ruħu bil-kbir u jenfasizza miegħi li kulħadd huwa fid-dmir li jgħid li jħoss li għandu jgħid; sintendi r-risposta kienet tkun dejjem b'karità u bil-prudenza kollha, u li tissodisfa lil min għamel il-mistoqsija.

Għalkemm inħossuna mnikkta għat-telfa tiegħu aħna lkoll u kull min jafu għandu tama sħiħa li l-persuna tiegħu bħal kull ġisem ieħor tispiċċa maż-żmien, imma l-ispirtu u t-tagħlim tiegħu jibqgħu dejjem fostna għal bosta u bosta snin. Mons Cauchi uża l-enerġija kollha tiegħu spiritwalment u intellettwalment, u ta' dan ġie mgħajjat biex jingħata r-rigal misthoqq li Alla lesta għal dawk li jħobbuh u jkompli minn hemm iħares il-gżejjer tagħna.




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(Il-Wieħed u Erbgħin Parti )*

## *WIRJA TA' XOGĦLIJIET MAĦDUMA FUQ IN-NEWL*

Waħda mill-industriji l-aktar antiki tal-gżejjer Maltin hija dik ta' l-insiġ bin-newl. Din l-industrija nistgħu ngħidu li ilha magħna sa minn żmien il-preistorja bħalma tixhed il-libsa li naraw fuq l-istatwetti tal-mara l-ħoxna li nstabu fit-tempji neolitiċi tagħna. Din l-industrija ħadet spinta 'l quddiem bil-miġja tal-Feniċi, għax dawn kienu jeħtieġu wisq id-drapp mhux biss biex jinnegozjawh imma wkoll biex minnu jagħmlu l-qlugħ għall-imriekeb tagħhom. Dan id-drapp kien jissejjaħ 'il-kotnina' għax kien isir mit-tajjar tal-qoton. Minħabba l-qagħda strateġika ta' Malta f'nofs il-baħar Mediterran u l-portijiet tagħna, ix-xogħol tal-kotnina baqa' jsir matul iż-żminijiet kollha għall-ħtiġijiet marittimi ta' dawk kollha li kienu jinqdew bil-portijiet tagħna.



Imma minbarra l-kotnina kienu jsiru wkoll kull xorta ta' drappijiet oħra li minnhom kienu jinħadmu l-ħwejjeġ u l-kostumi tradizzjonali ta' Malta u Għawdex. Kienu jinħadmu wkoll fradi, kutri, imtieraħ, lożor, twapet, purtieri u dak id-drapp kollu li kien ikun meħtieġ għad-dar. M'għandniex għax nistagħġbu meta ngħidu li l-qoton ta' Malta kien ilu magħna minn żmien il-Feniċi u l-bdiewa kienu joqogħdu attenti li ż-żerriegħa ma tiġix f'idejn nies barranin li jistgħu jikkompetu magħna billi ġew żminijiet li dawn il-gżejjer kienu jesportaw għadd kbir ta' balal tal-maħluġ li kien iġib prezz tajjeb. Iżda meta l-qoton ta' Malta beda jimrad ħafna kien ġie introdott dak ta' Gallipoli li kien iħabbatha mal-qoton ta' dawn il-gżejjer. L-inħawi ta' Ħaż-Żebbuġ u r-Rabat ta' Malta kienu magħrufa sewwa għax-xogħol ta' l-insiġ, u hekk ukoll il-gżira Għawdxija fejn ħafna familji kellhom in-newl tagħhom biex bih jaħdmu kull tip ta' xogħol li kien ikollha bżonn il-familja.

Meta bdew deħlin id-drappijiet ta' barra, l-industrija ta' l-insiġ bin-newl ħadet daqqa ta' ħarta u fl-aħħar deċennji tas-seklu għoxrin, nistgħu ngħidu li anki minn Għawdex kważi nqerdet għalkollox. Imma ma nistgħux ngħidu li mietet għalkollox. Illum bis-saħħa ta' Alda Bugeja, esperta fil-qasam tax-xogħol ta' l-insiġ bin-newl, din is-sengħa antika qiegħda tiġi mgħallma fl-iskejjel tagħna. Bejn it-18 ta' Frar u t-8 ta' Marzu ta' din is-sena (2011) Alda Bugeja tellgħet ukoll wirja interessanti ħafna fil-*Banca Giuratale*, Pjazza Indipendenza (It-Tokk), ir-Rabat, Għawdex, bl-isem *Fantasy in Yarn*. Minn din il-wirja wieħed seta' jieħu idea liema xogħol ta' l-insiġ kien isir dari u għadu jista' jsir illum għall-ħtiġijiet tal-familja, u biex wieħed jarma u jżejjen daru b'oġġetti preġjużi tad-drapp maħdum bl-idejn.

F'din il-wirja wieħed seta' jara kull xorta ta' pendenti, purtieri, tapiti, fradi, u ħwejjeġ tan-nisa maħdumin mhux biss fuq id-disinni tradizzjonali, imma wkoll fuq disinni oħra oriġinali maħluqa mis-Sinjura Bugeja. Għax din in-nissieġa Għawdxija mhux biss tgħallmet taħdem dak li ilu ġej għandna mill-qedem, imma tħobb dejjem tesperimenta biex toħloq disinji ġodda u tapplika wkoll ix-xogħol tan-newl, kif ukoll tal-makrame' għall-bżonnijiet moderni bħal ngħidu aħna *lampshades*, oġġetti ta' tiżjin u dekorazzjoni tad-dar, oġġetti biex jitlibbsu liż-żwiemel tat-tiġrija, u elf ħaġa oħra immaġinabbli. Biżżejjed ngħidu li Alda Bugeja kienet ukoll ġiet ikkummissjonata biex taħdem l-Umbrellun Bażilikali tas-Sagrosanta Bażilika u Kolleġġjata ta' Birkirkara, opra sabiħa maħduma bl-idejn li tassew irnexxietilha.

Alda Bugeja hija mgħallma pereċċellenza tax-xogħol ta' l-insiġ. Jingħad li "Bin is-sengħa għandu nofsha," u Alda verament hija bint is-sengħa. Alda tgħallmet is-sengħa mingħand ommha sa minn meta kellha ħames snin. Meta ħakmet is-sengħa sewwa, bdiet ukoll tesperimenta biex toħloq disinji u prodotti ġodda. Tgħallmet ukoll tagħżel, jiġifieri s-suf tan-ngħaġ u t-tajjar tagħmlu ħajt bir-raddiena tal-għażil jew bil-magħżel ta' l-idejn. Dan għamlitu biex kemm jista' jkun ma tiġi bżonn ħadd għal dak li tkun teħtieġ. Għax ma ninsewx, meta l-industrija ta' l-insiġ kienet fl-aqwa tagħha, għal kull parti mix-xogħol kien hemm il-bniedem jew il-bniedma li kienu jagħmlu dak ix-xogħol partikulari.

Sa mill-1980 Alda Bugeja baqgħet tieħu sehem f'wirjiet, esibizzjonijiet u fieri, kemm f'Malta u Għawdex kif ukoll barra minn Malta biex kemm jista' jkun tippromwovi din is-sengħa antika. Għalhekk rajnieha tesibixxi fit-*Trade Fairs* ta' Malta, fil-Kavalier ta' San Ġakbu, il-Belt Valletta; f'Gotland, l-Isveżja; f'Torin, l-Italja; u postijiet oħra.

Tat korsijiet dwar kif wieħed jieħu ħsieb is-suf tan-ngħaġ fiċ-Ċentru ta' l-Università. F'Novembru, 2000 ħadet il-premju prestiġjuż **Award for Achievement in Industry** mill-Ministeru tas-Servizzi Ekonomiċi. Kienet il-Konsulenta ewlenija tad-dokumentarju **A Glimpse of Wool** li kien rebaħ il-premju pretiġjuż ta' l-*Agricultural Festival*.

Alda taħdem ukoll il-makramè. Biex wieħed jifhem, dan hu x-xogħol kif tinħadem ix-xibka tal-ħorġ tal-kaċċaturi. Taħdem ukoll il-Kumihimo, xogħol li permezz tiegħu jsiru ċingli, u rumnelli u ħbula dekorattivi.

Xi ħaġa oriġinali għal din il-wirja kien ix-xogħol li Alda ħadmet mill-pil tal-qtates Persjani. Meta wieħed jomxot il-qattus, jista' jiġbor il-pil li jinqala', dan imbagħad Alda tagħżlu biex tagħmlu ħajt u wara tinseġ bih xi biċċa xogħol sabiħa. Il-pil ta' ċerti klieb jista' jinħadem ukoll bl-istess mod.

Alda Bugeja, omm ta' ħamest itfal, qiegħda tgħaddi s-sengħa tagħha lil kulmin irid jitgħallem u għalhekk ta' kull sena tagħmel korsijiet fl-insiġ lill-istudenti żgħażagħ li jixtiequ jsiru profiċjenti f'din is-sengħa tradizzjonali tagħna.



Biex wieħed japprezza sewwa dak kollu li għidna hawn fuq, wieħed kellu jżur din il-Wirja fil-post tassew ċentrali fejn ittellgħet ir-Rabat, Għawdex, sewwasew fil-*Banca Giuratale* fejn kien hemm esibiti oġġetti sbieħ ħafna mhux biss fis-sala ta' isfel mislufa appożitament għal din l-attività mit-Taqsima tal-Kultura, imma wkoll fis-sala ta' fuq mislufa ġentilment mill-Kunsill Lokali tar-Rabat, Għawdex. F'din il-kitba qasira tagħna ma stajniex insemmu kulma kien hemm għall-wiri f'din l-esibizzjoni, lanqas l-ideat kollha li ħarġet bihom Alda, li ħafna drabi, meta ma tkunx impenjata bit-tagħlim, tkun tilqa' n-nies fl-istess lokal tal-wirja. Kien hemm ħafna ideat oħrajn li wieħed seta' jara u jammira u fl-istess waqt jitgħallem dwarhom, ideat li aħna ċerti li ġiegħlu lil min jistaqsi ħalli jkun jaf iżjed. U hekk il-għan ta' din il-wirja seta' jintlaħaq fil-milja tiegħu kollha.

*Nota: L-awtur ta' din il-kitba kien mistieden mhux biss jagħmel diskors ta' tagħrif ġenerali dwar is-sengħa ta' l-insiġ bin-newl dakinhar ta' l-inawgurazzjoni ta' din il-Wirja fit-18 ta' Frar, imma wkoll biex jagħti l-istess tagħrif lil diversi gruppi ta' Maltin u Għawdxin li żaru l-wirja, u anki għamel intervent dwar din il-wirja fi programm promozzjonali fuq it-televiżjoni (Favourite Channel).*


**ĦALLI F'IDEJN MIN JIFHEM!**

*Għoxrin sena esperjenza fit-tiswija ta' bjut li joqtru jew li jimmoffaw bl-ilma tax-xita...*



**GREZZJU BONELLO**

*lest li jiġi jagħtik parir u stima b'xejn!*

Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

Intervista

# Il-Beatu Ġwanni Pawlu II ... tifkiriet personali



ma' MONS ALFRED XUEREB

**Nhar l-1 ta' Mejju 2011, fl-okkażjoni tal-Beatifikazzjoni ta' Papa Ġwanni Pawlu II, Marion Zammit intervistat lill-Mons. Alfred Xuereb, it-Tieni Segretarju tal-Q.T. Papa Benedittu XVI. Din l-intervista kienet imxandra fi programm speċjali li NET TV wera fil-jum tal-Beatifikazzjoni. "Il-Ħajja f'Għawdex" qed tirriproduċi f'dawn il-paġni siltiet minn din l-intervista.**

***Monsinjur, inti llum qed tagħti servizz lill-Knisja bħala it-Tieni Segretarju ta' Papa Benedittu XVI, però naf li inti għamilt numru sabiħ ta' snin taħdem qrib ħafna ta' Papa Ġwanni Pawlu II. Xtaqt li tirrakkontalna meta kienet l-ewwel darba li int ltqajt b'mod personali ma' Papa Ġwanni Pawlu II... u x'tiftakar minn dakinhar.***

Iltqajt personalment ma' Ġwanni Pawlu II meta kellna l-grazzja li, għall-ewwel darba fl-istorja ta' Malta, Papa jiġi jżur il-gżejjer tagħna. Nhar is-26 ta' Mejju 1990, Papa Ġwanni Pawlu II għoġbu jiġi jqaddes fil-Bażilika Santwarju Ta' Pinu. Dak iż-żmien kont nagħmel xogħol pastorali f'parroċċa f'Ruma u minkejja li kont rajt lill-Papa kemm-il darba xorta waħda deherli li kien dmir tiegħi li niġi Malta apposta biex nilqa' lill-Papa f'art twelidi.

Niftakar dakinhar li ġie jqaddes Għawdex fraħt ħafna partikularment xħin smajt lill-Papa jagħti t-tislima liturġika bil-Malti; mument li baqa' f'qalbi. Il-quddiesa kienet saret barra, fil-pjazza. U niftakar li wara li spiċċat, lilna s-saċerdoti kienu daħħluna fil-knisja. Kienu poġġewna ringiela biex inkunu nistgħu nsellmulu xħin joħroġ mis-sagristija. Jien kont it-tieni wieħed niftakar. Billi dakinhar kien l-anniversarju tal-ordinazzjoni saċerdotali tiegħi ħsibt li nkun nista' ngħid lill-Papa xi ħaġa hekk : "Santità, illum jaħbat is-sitt anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħi; dawn is-sitt snin għaddejthom kollha fid-Djoċesi tiegħek..." Iżda xħin f'daqqa waħda tfaċċa l-Papa u beda riesaq lejna, moħħi waqaf u minn dak kollu li kont ippreparajt ma rnexxieli ngħidlu xejn, tant kienet kbira l-emozzjoni. Niftakarni nbus iċ-ċurkett tiegħu u nifraħ bih imma ma lissintx kelma.



Iżda minn dakinhar 'il quddiem lill-Papa bdejt inħossu ħafna aktar qrib tiegħi. Kull meta kont naraħ fuq it-televixin kont inħoss li dik l-okkażjoni fis-Santwarju Ta' Pinu kienet għamlet fija differenza. Naturalment, dakinhar qatt ma mmaġinajt li ftit snin wara kelli niġi naħdem fil-Vatikan u li nkun nagħmel servizz daqshekk qrib tal-Papa.

***Nifhem li din hija esperjenza li jħossu ħafna nies meta il-Papa jżur pajjiżhom.***

Hekk hu. Il-Papa jidħol fil-ħajja ta' dak li jkun u bħal jinbet rapport personali.

***Dun Alfred, tirrakkontalna ftit dwar ix-xogħol tiegħek qrib Papa Ġwanni Pawlu II – xi esperjenzi personali b'rabta ma' dak iż-żmien - forsi xi żjara ta' xi personaġġ importanti - meta dehru xi aspetti tal-personalità ta' Ġwanni Pawlu II, xi kwalitajiet li ħarġu meta inti stajt tosserva lill-Papa mill-qrib.***

Jiena kelli grazzja kbira, privileġġ uniku. Kont bdejt hawnhekk fil-Vatikan fis-Segreterija tal-Istat, imbagħad fil-Prefettura tal-*Casa Pontificia.* Dan l-uffiċċju għandu l-kompetenza u d-dmir li jipprepara l-aġenda tal-Papa, u mhux biss iħejjiha, iżda ukoll jattwaha u jissorveljaha. Kien propju meta kont naħdem f'dil-Prefettura meta ġejt imsejjaħ nagħmilha wkoll ta' *Prelato di Anticamera Pontificia.* Iż-żewġ Prelati li kienu jagħmlu dan ix-xogħol kellhom iħallu minħabba l-età... u niftakar il-Prefett kien stieden lili biex nissostitwixxi wieħed minnhom. Jien aċċettajt u minn dakinhar bdejt nagħmel dan is-servizz, jiġifieri li nintroduċi mal-Papa lil dawk il-persuni li kien ikollhom udjenza personali u privata miegħu.

Ħafna minn dawn l-udjenzi jsiru fil-*Biblioteca Privata* tal-Papa – qed nirreferi għal dawk l-udjenzi li jkunu, biex ngħidu hekk, *a tu per tu*, jew għal gruppi żgħar ħafna. Hemm swali oħra għall-udjenzi, fosthom is-*Sala dei Papi* u l'*Aula delle Benedizioni*, li jintużaw skont l-okkażjoni



u skont in-numru ta' persuni li jkunu se jattendu għall-udjenza.

Kienu ħafna l-personalitajiet li jiena kelli l-privileġġ nintroduċi mal-Papa. Hu ma kienx ifittex inkini minn għandhom; ma kienx iħossu bħallikieku kien xi ħadd kbir qiegħed jilqa' lil xi ħadd ieħor kbir. Kien imexxi kollox b'mod sempliċi ħafna. Se nsemmi żewġ eżempji biex niftehmu aħjar :

Niftakar li darba Ġwanni Pawlu II kellu udjenza ma' President Afrikan – ma niftakarx ta' liema pajjiż kien. Il-prassi hi li l-President jibqa' dieħel fil-Bibljoteka biex il-Papa jibda l-udjenza privata miegħu. Sadattant il-mara tal-President, li tkun ġiet miegħu, toqgħod tistenna f'sala oħra – aħna nsejħulha *First Lady's Room* – u hemm tingħata xi tagħrif dwar dak li jkun ser jiġri. Lill-mara ta' dan il-President kont stedinta biex tpoġġi bilqiegħda. Imma niftakar li din is-sinjura baqgħet iddur u ddur mal-kamra. Allura erġajt għedtilha li jkun aħjar kieku toqgħod bilqiegħda ħalli nispjegala kif kienet se tiżvolġi l-udjenza. Hi b'mod sinċier qaltli: "Father, ma jirnexxilix taf noqgħod bilqiegħda; daqs kemm jien eċċitata." Imbagħad, ftit wara daħlet hi ukoll għall-udjenza mal-Papa. Mela meta ntemmet l-udjenza u ħarġet, lil din is-sinjura rajtha verament rilassata; kienet qisha persuna oħra. Ġwanni Pawlu II kien jittrasmetti ċerta serenità; kien jagħtik il-possibbiltà li tħossok *at ease*, mhux bħallikieku tkun quddiem xi ħadd li jġiblek suġġizzjoni.

Darba oħra kien hemm il-President tal-Kolumbja, Uribe, Kattoliku konvint li kien baqa' milqut b'mod speċjali. Qabel daħal kont osservajt li kien emozzjonat mhux ftit. Niftakar li kien ġab miegħu oġġett li hu xi ħaġa tradizzjonali tal-Kolumbja – kien qisu ħorġa li fiha r-raħħala kienu jqegħdu l-ikel tagħhom meta jkunu ser jitilqu bil-merħliet tagħhom għal diversi ġranet. Niftakar li l-President kien staqsa lill-Papa jekk jistax ilibbislu din il-ħorġa. Issa dakinhar il-Papa kien diġà marid sew, iżda madankollu aċċetta għax kien jagħraf x'impatt kien se jkollu dan il-ġest għall-poplu tal-Kolumbja.

***Dan jikxef xi ftit il-karattru tal-Papa!***

Ġwanni Pawlu II kien bniedem li jħobb jimmedeżima ruħu man-nies tal-post. Kien jaċċetta bil-paċenzja kollha li jilbes ġiżirani tal-fjuri magħmulin mill-karti li ħafna drabi sorijiet mill-Indja kienu jressqulu. Niftakar dak il-President tal-Kolumbja, li ħalla l-kariga xi ftit xhur ilu, kien ħareġ mill-udjenza qisu persuna li kellha xi viżjoni. Beda jsellem lil kulħadd u jirrepeti: "Rajt lill-Papa; xi grazzja rajt lill-Papa!"

Ma kienx sempliċiment ra lill-Kap tal-Knisja Kattolika; imma permezz ta' Ġwanni Pawlu II kien irċieva preżenza sopranaturali li l-Papa kien jittrasmetti.

***Kellek esperjenzi oħrajn li juru l-kwalitajiet li kellu l-Papa u li inti kont smajt bihom qabel, imma li mbagħad kellek opportunità li tosserva mill-qrib?***

Jiġi f'moħħi episodju simpatiku ħafna. Il-parti l-kbira tal-udjenzi jsiru filgħodu, iżda ġie li jkun hemm numru kbir ta' persuni biex jiltaqgħu mal-Papa, l-aktar isqfijiet li jiġu mid-dinja kollha fi żjara li aħna nsejħulha *visita ad limina*, għaliex jiġu propju f'dawk l-inħawi fejn hemm l-oqbra ta' San Pietru u San Pawl. Meta dawn kienu jiġu għaxra jew ħmistax f'kolp, aħna konna naqsmuhom fi gruppi. B'konsegwenza, lill-Papa konna nżidulu l-udjenzi, li allura kienu jsiru filgħaxija wkoll. F'dak il-ħin id-dwal tas-swali kien ikun aktar evidenti milli binhar.

Niftakar kien ġie Nunzju Appostoliku u xħin daħal jitkellem mal-Papa, jien bqajt fl-*anticamera* biex nagħti istruzzjonijiet lill-grupp żgħir li kien se jidħol għall-udjenza ta' wara. Kien hemm fosthom professur jew rettur ta' xi università, li kien ġie biex jagħti lill-Papa lawrja *honoris causa*. Dan kellu miegħu l-membri tal-familja tiegħu, fosthom tifla ta' xi ħames snin. Aħna konna nżommu l-bieb tal-kamra tal-Papa mbexxaq, għaliex billi l-Papa ma tantx kien jiflaħ, kultant ma kienx jirnexxilu jagħfas il-qanpiena biex jagħmlilna sinjal; mill-bieb imbexxaq konna nistgħu nsegwu f'hiex waslet l-udjenza.

Mela l-bieb infetaħ ftit bir-riħ u din it-tifla żgħira xħin rat id-dawl qawwi ġej minn ġewwa f'tebqa t'għajn żgiċċat u daħlet tiġri fis-sala tal-Papa. It-Tieni Segretarju tal-Papa, Monsinjur Mietek li llum hu Arċisqof ta' Leopoli għall-Kattoliċi ta' rit latin fl-Ukranja, kien ikun preżenti f'rokna tas-sala għal li jista' jinqala' għax kien qisu n-ners tal-Papa, u dan kien pront ħatafha u ġabha lura. Għalkemm kollox sar fi ftit ħin, il-Papa laħaq raha. Tant hu ħekk li meta ħareġ in-Nunzju u dħalna u poġġejna bilqiegħda, il-professur fuq naħa qam bilwieqfa u fuq in-naħa l-oħra kien hemm l-omm tross sew magħha lit-tifla f'ħoġorha biex ma tmurx terġa' taħrabilha. Niftakar li l-professur beda d-diskors tiegħu itenni l-motivazzjonijiet għaliex l-Università riedet tagħti din il-lawrja *honoris causa* lill-Papa Ġwanni Pawlu II. Imma minn fejn kont qiegħed jien, stajt ninnota li l-Papa aktar milli kien attent għad-diskors li kien qed jagħmel il-professur, kien il-ħin kollu jħares lejn din it-tifla u jagħmlilha l-mossi b'għajnejh u b'wiċċu – qisu ried jitħabbeb magħha. Ġo qalbi għedt, "dan aktar għandu f'moħħu li jidħol f'kuntatt mat-tifla milli hu interessat fil-lawrja li qed jingħata."

Dan juri l-aspett tal-imħabba kbira li Ġwanni Pawlu II kellu lejn it-tfal u l-kapaċità li kellu li jidħol fid-dinja tagħhom.

***Dun Alfred, kif tiddeskrivi dak iż-żmien meta aħna konna naraw lill-Papa magħdur minħabba l-mard?***

Meta bdejt is-servizz tiegħi bħala *Prelato d'Anticamera*, Papa Ġwanni Pawlu II kien diġà marid sew. Niftakar li Ġwanni Pawlu II qatt ma kien ikellimna. Dan b'differenza ta' Papa Benedittu XVI; għaliex wara l-mewt ta' Ġwanni Pawlu II kelli l-grazzja li nkompli nservi bħala *Prelato d'Anticamera* u Papa Benedittu kien jieqaf ikellimna. Darba, niftakar li waqt li konna nistennew xi Kap ta' Stat jasal għall-udjenza, staqsieni : "Int minn Malta hux?" għax kien ried isir jafni. Imma Ġwanni Pawlu II qatt ma kien ikellimna direttament imma permezz tas-segretarji tiegħu. Hu kien ikun fuq siġġu qisu tronn bir-roti u aħna konna neħduh fuq in-naħa ta' wara tas-sala biex ikun ġà jistenna lil min jidħol għall-udjenza. Niftakar kien iħobb iserraħ minkbu fuq driegħ il-pultruna u jpoġġi idu taħt ħaddejh. Kellu ħarsa tant sabiħa, qisu xi nannu li tant iħobb lin-neputijiet tiegħu xħin jarahom resqin lejh. Dik il-ħarsa bqajt niftakarha; baqgħet minquxa f'qalbi aktar mill-kliem li seta' qalli.

Il-Papa kien baqagħlu ħafna sens ta' umoriżmu. Ħalli nirrakkontalek fatt. Dan Don Mietek, peress li kien ikun dejjem hemmhekk għal li jista' jinqala' kien jinżel liebes is-suttana s-sewda – biex niftehmu, mhux dik li jkollha l-buttuni ħomor u l-faxxa. Wara li Don Mietek kien sar monsinjur, il-Papa kien iħobb jinkih billi jistaqsih għaliex ma kienx jiġi liebes is-suttana ta' monsinjur. Niftakar darba waqt li konna sejrin mill-Biblijoteka Privata għal sala oħra, dawn qalu xi ħaġa bejniethom bil-Pollakk, imbagħad Don Mietek ġie ħdejja u ġibidni quddiemu, u mingħajr ma fhimtu reġa' qal xi ħaġa lill-Papa bil-Pollakk. Wara sirt naf li kien qallu : "Ara Alfred għandu s-servizz miegħek, fil-fatt hu liebes ta' monsinjur. Jien ma għandi l-ebda servizz uffiċjali." Imma l-biċċa ma spiċċatx hemm.

Wara l-udjenza, hekk kif intemmu d-diskorsi u l-ħafna *bacia mano* u konna ħerġin lura nimbuttawh fuq it-tronn bir-roti, Don Mietek kien ħdejn il-bieb jistenna lill-Papa jgħaddi u l-Papa għolla idu lejh u b'sebgħu urieh il-buttuni, bħallikieku ried jgħidlu hu u jitbissem: "Basta għamiltek Monsinjur, imma ma tilbisx is-suttana ta' Monsinjur!" Li rrid ngħid hu li minkejja l-mard u l-uġigħ Ġwanni Pawlu II kien għad kellu sens ta' umoriżmu.

***Jidhirli li kien hemm żmien meta intom, il-Prelati d'Anticamera, kontu taqraw id-diskorsi tal-Papa.***

Tant kien magħdur kultant - ovvjament skont kif ikun raqad u kif ikun qam – li s-Segretarju tal-Papa kien jgħid lili u lil sieħbi, għax konna tnejn, min minna kien se jaqra d-diskors tal-Papa dakinhar. Kien isir hekk: il-Papa kien jibda jaqra sal-ewwel paragrafu; aħna kien ikollna mikrofonu fil-ġenb u nkomplu bid-diskors. Però konna nieqfu fil-paragrafu ta' qabel tal-aħħar biex dak jaqrah il-Papa u jispiċċa bil-kliem ta' tislim u bil-Barka Appostolika.

Niftakar f'jum minnhom, Ġwanni Papwlu II kien suppost se jaqra d-diskors kollu hu. Bdiet l-udjenza u ressaqtlu d-diskors fuq il-leġiju - għax billi kellu idu tirtogħod kienu waħħlu leġiju mad-dirgħajn tat-tronn



tiegħu -. Jien kont inkun bilqiegħda fuq banketta fil-ġenb tiegħu. Il-Papa beda jaqra, imma ħin bla waqt dar fuqi u ħarħar kelma li jien deherli li fhimt "leggere". Infxilt, ma kontx naf kif se naqbad nagħmel imma ħassejt li kelli nagħmel xi ħaġa.

Qomt minn posti, għaddejt minn warajh u bqajt sejjer fejn il-mikrofonu, waqt li bejni u bejn ruħi bdejt ngħid : "naraw issa tiġrix xi ċaflisa" – nibda naqra u l-Papa jkompli hu wkoll u jiġri bħallikieku jien ridt inwaqqaf u nsikket lill-Papa. Ħassejtni mbarazzat. Allura hekk kif il-Papa spiċċa l-paragrafu li kien jaqra dħalt jien… u l-Papa waqaf. Ħadt ir-ruħ imma saddattant, waqt il-qari kont qed naħseb, "min jaf x'ser jiġri fit-tmiem? Xħin nieqaf jien, il-Papa se jkompli jew se nispiċċaw hekk, fl-arja?" Imma malli waqaft fil-paragrafu ta' qabel tal-aħħar il-Papa kompla; daħal sew fejn kellu jaqbad, temm id-diskors u ta l-benedizzjoni.

Dan l-episodju kkonfermali xi ħaġa li jien kont konvint diġà minnha : li ma kienx bħalma kienu qed jaħsbu x'uħud – li kienu jgħidu li l-Papa ma kienx għadu kapaċi jiddeċiedi u li minħabba f'hekk ċerti nomini u deċiżjonijiet kienu qegħdin isiru minn oħrajn u mhux minnu. Dan l-inċident kien konferma li l-Papa kien għadu moħħu ċar u li kien jirraġuna u kapaċi mentalment li jieħu deċiżjoni.

***Ftit jew wisq, kliem bħal dan dwar il-Papa konna nisimgħuh ukoll għal xi żmien wara l-attentat fuq ħajtu.***

L-attentat li kien sar fuq ħajtu fit-13 ta' Mejju 1981, lill-Papa Ġwanni Pawlu II ħallih ħafna lura f'saħħtu. Minkejja li l-operazzjonijiet irnexxxew kien baqa' jħoss diffikultà kbira.

Għandi x'jgħidli li minn dakinhar, Papa Ġwanni Pawlu II fehem xi ħaġa li qabel ma kienx fehemha. Forsi hu lanqas kellu tant familjarità mat-tielet sigriet ta' Fatima. Meta marad sew ħafna nies kienu jgħidu, "imma dan il-Papa għaliex ma jirriżenjax!" Kienu jarawh kemm kemm jiflaħ jitħarrek, kemm kemm jirnexxilu jitkellem, kemm kemm jiftiehem u kienu forsi jaħsbu dawk in-nies li l-Papa ma rriżenjax għaliex kien marbut mal-poter. Naħseb li permezz tal-attentat il-Papa kien fehem: "Jien irċevejt mill-ġdid id-don tal-ħajja u din il-ħajja, kollha kemm hi sal-aħħar nifs, irrid nagħtiha lura lil Alla u lill-Madonna."

Ried joffri ħajtu kollha lil Alla anki fl-aħħar snin meta kien muġugħ ħafna. Kellu konvinzjoni li Alla kien sejjaħlu bħala Kap tal-Knisja Kattolika għal dejjem. Fil-fatt, bil-mod qaddis kif għex il-mard tiegħu ħalla eżempju kbir u messaġġ qawwi.

***Jekk ikollok tiġbor fi ftit kliem, x'esperjenza ħadt matul iż-żmien kollu fil-qrib ta' Ġwanni Pawlu II?***

Ħadt ħafna. Iżda biex niġbor fi ftit kliem dak li ħadt ngħid : ix-xhieda kbira li tani dan il-bniedem illi minkejja li kien saqajh fl-art, ħajtu diġà kienet il-ġenna. Hekk nimmaġinah. Anki minn dak li sirt naf dan l-aħħar; kemm kien jitlob, kemm kien jagħmel penitenza. Xi ħadd qalli li kultant kienu jsibuh filgħodu kmieni – min jaf kemm kien ikun ilu hemm – mitfugħ sidru mal-art jitlob, speċjalment qabel xi vjaġġ jew xi udjenza jew deċiżjoni importanti.

Kien bniedem mimli b'Alla. Ta' min jinnota li Ġwanni Pawlu II ma kienx joqgħod jagħti kas ta' x'jistgħu jgħidu n-nies dwaru waqt l-udjenza. Xi drabi minħabba l-mard kien ikollu jimsaħ sikwit ħalqu bil-maktur, ħafna drabi kien jaqta' n-nifs u kultant iqiegħed lill-*audience* f'diffikultà. Imma hu ma kienx joqgħod jgħid, "x'ser jaħsbu, kif se jiġġudikawni, x'figura qed naqta'". Hu kien irid biss li jaqdi l-missjoni li Alla kien sejjaħlu għaliha. Din kienet laqtitni ħafna – għax li ma jimpurtakx minnek innifsek u mit-tbatijiet li tħoss biex tibqa' taqdi l-missjoni tiegħek sa l-aħħar, trid tkun qaddis. Trid tkun bniedem magħqud intimament m'Alla biex tasal sa dak il-punt.

***Dun Alfred, inti llum taħdem qrib ħafna tal-Papa attwali, Benedittu XVI. Kif jixxiebħu u kif huma differenti minn xulxin Papa Benedittu XVI u Papa Ġwanni Pawlu II?***

Din hi domanda impennjattiva ħafna għax tirrekjedi li jsir paragun xieraq bejn Papa u ieħor. Nippreferi nħalli t-tweġiba għal dawk l-istudjużi u l-kritiċi li jistudjaw il-Papiet. Ngħid biss, però, li hemm kontinwità kbira. Il-Papa tal-lum, Benedittu XVI kien għal bosta snin ir-*right hand* ta' Ġwanni Pawlu II. Il-Kardinal Ratzinger kien jagħtih pariri, jipprepara dokumenti eċċ., u allura meta sar Papa ma setax ikun li ma jkunx hemm kontinwità. Ħafna affarijiet kienu anke magħmulin mill-Kardinal Ratzinger. Nara wkoll kontinwità fl-impenn, per eżempju fil-prijoritajiet; Ġwanni Pawlu II kien jagħti prijorità lid-djalogu mal-Insara li mhumiex Kattoliċi. Anke Papa Benedittu wkoll irid li jkollu djalogu ma' dawk li aħna nsejħu "ħutna mifrudin minna".

Papa Ġwanni Pawlu II tgħidx x'ma għamilx biex iżomm djalogu ma' reliġjonijiet oħra; l-istess qed jagħmel il-Papa attwali. Dan joħroġ ukoll mill-aħħar ktieb ta' Papa Benedittu, it-tieni volum ta' "Ġesù ta' Nazaret". Il-Papa ma jiġix elett Papa għall-insara biss. Il-Papiet iħossu li l-messaġġ tas-salvazzjoni għandu jilħaq b'xi mod lill-bnedmin tad-dinja kollha.

Per eżempju, meta morna Pariġi ma' Papa Benedittu, huwa ried li akkost ta' kollox jiltaqa' mal-intellettwali anki dawk atej – dan l-impenn li aħna l-Kattoliċi nwasslu l-messaġġ tagħna wkoll lil dawk li mhumiex insara; ukoll lil dawk li ma għandhom l-ebda reliġjon - almenu hekk igħidu. Dawn il-prijoritajiet insibuhom kemm fi Ġwanni Pawlu II u kemm f'Benedittu XVI.

Azzjonijiet oħra żgħar: il-vjaġġi li baqa' jagħmel, l-importanza lill-Maġisteru, l-attenzjoni lejn iż-żgħar, jiġifieri lejn il-foqra. Fil-Milied li għadda, per eżempju, qagħad fuq il-mejda għall-ikel ma' dawk in-nies li huma assistiti mis-sorijiet ta' Madre Teresa. Anki waqt il-vjaġġi; meta konna Spanja, il-Papa ried li jiltaqa' mat-tfal u ż-żgħażagħ li għandhom diżabbiltà. Il-mod kif imur fuqhom, kif ibushom – il-ħarsa tiegħu turik imħabbtu lejhom.

Hemm kontinwità kbira, iżda nħossha ftit banali li xi nies jinsistu li jsiru dawn il-paraguni. Inħoss li kull Papa għandu l-karattru u l-istil tiegħu u għandu jaqdi l-missjoni li Alla afdalu f'idejh hu kif inhu, mingħajr ma joqgħod jipprova jimita lil ħaddieħor. Fl-aħħar mill-aħħar, fit-tmiem ta' ħajtu Alla jitlob minnu r-rendikont tal-missjoni li jkun ta partikolarment lilu u mhux kif talab lill-Papa ta' qablu. Hekk nara lil dan il-Papa : mingħajr ma jħossu imbarazzat, fl-imħabba kbira lejn Ġwanni Pawlu II, qed jaqdi l-missjoni tiegħu kif inhu hu.

***Fil-qosor Dun Alfred, min kien Ġwanni Pawlu II, għalik?***

Kien, bħalma diġà għedt, bniedem mimli b'Alla. Kien bniedem li donnu l-ħin kollu kellu ispirazzjonijiet, il-ħin kollu jiġuh ideat li qisu semagħhom fil-qalb tiegħu minn Alla nnifsu; kien bniedem li seraq il-qlub, u seraq il-qlub mhux għax kien xi attur jew għax kellu l-kelma jew ġesti speċjali – dawn ukoll jgħinu għaliex it-talenti li jagħtina Alla għalhekk iservu biex naqdu aħjar il-missjoni tagħna – imma Ġwanni Pawlu II baqa' fil-qlub tan-nies, li għadhom daqshekk warajh, għaliex dewwaqhom il-ġenna, ħalla *tocco soprannaturale* ġol-qalb ta' ħafna. Hija ħaġa tal-għaġeb li fil-funeral tiegħu rajna nies li biex isellmulu għall-aħħar darba, u dan kien ifisser li jarawh għal ftit sekondi biss, għamlu erbatax jew ħmistax-il siegħa jistennew bilwieqfa, kultant u tant jimxu żewġ passi lejn fejn kien imqiegħed għal qima fit-tebut.

Imma n-nies kienet qisha ggalvanizzata, kellha qisha qawwa speċjali minn Alla biex tissaporti dik it-tbatija. In-nies ħasset li kellha dejn ma' dan il-bniedem li ttrasmettielha r-rieda t'Alla u riedet issib mezz kif tirringrazzjah.

Mhux sekondarju l-fatt illi għall-funeral tal-Papa ġew aktar minn mitejn delegazzjoni governattiva, jiġifieri ġew isellmulu rappreżentanti ta' aktar minn mitejn pajjiż differenti. Naturalment jaffettwa ħafna l-fatt li Ġwanni Pawlu II dam aktar minn sitta u għoxrin sena Papa. Imma l-fatt li hu kien żar il-pajjiż ta' dak li jkun ħoloq attitudni li biha l-Papa sar meqjus wieħed ta' ġewwa; qisu l-Papa sar jafni għaliex ġie f'pajjiżi. Hekk ukoll in-nazzjonijiet l-oħra. U l-kapijiet ta' dawn l-Istati ħassew huma wkoll id-dmir li jagħtuh omaġġ bħallikieku kien wieħed ċittadin onorarju tagħhom.

*Irqaqat mill-Imgħoddi*

# Żmien id-Dris



*kitba ta'* **JOE AXIAQ**

**Fuq l-andar Ta' Bembla fiż-Żebbuġ, fis-sajf kien isir id-dris taż-żergħa. Il-bdiewa kienu jiżirgħu x-xgħir, mix-xgħir tikber iż-żbula fuq iz-zokk twil irqiq u meta ż-żbula tinxef, tinħasad bil-minġel. Kont tara għelieqi sħaħ taħt iż-Żebbuġ biż-żbul niexef imewweġ maż-żiffa tas-sajf lest għall-ħsad. Iż-żera' kien jilħaq u jkun lest għall-ħsad f'daqqa u għalhekk min ma kellux familja bit-tfal li kienu jistgħu jagħtu daqqa t'id kien iqabbad lil xi ġuvintur jew irġiel u anke xebbiet biex jgħinu fil-ħsad. Kienu jħallsuhom bin-nofs ta' nhar jew bl-imqietgħa.**

Iż-żergħa kien jinħasad bil-minġel, jitħalla fl-art u mbagħad jintrabat f'qatet. Il-qatet kienu jitgħabbew fuq il-ħmar bil-karettun u mill-għelieqi jittieħdu fuq Ta' Bembla. Għal dan il-ġarr, il-karettun kien jintrama b'żewġ lasti twal imwaħħla wieqfa fin-naħa ta' ġewwa tar-roti biex ikun jista' jinbena munzell għoli ta' qatet f'daqqa u jintrabat minn fuq għal isfel b'ħabel oħxon jew b'siegla. L-għaxqa tat-tfal kienet li jirbku fuq il-munzell ta' qatet fuq il-karettun u ċeklem ċeklem jitilqu bil-ħmar jiġbed it-tagħbija lejn ir-raħal bil-missier jew persuna adulta timxi fuq quddiem mal-ħmar bil-ħabel tar-riedni f'idejha. Fi żmien aktar imgħoddi d-dris taż-żergħa kien isir bil-ħmar fuq il-qiegħa. Fi tfuliti sa tard is-snin sebgħin tas-seklu l-ieħor id-dris fiż-Żebbuġ kien isir fuq Ta' Bembla. Meta bdew deħlin it-trakkijiet, il-ġarr taż-żergħa mill-għelieqi beda jsir bihom.



Fuq Ta' Bembla kienet tinżel il-magna tad-dris taz-ziju Ġużepp. Iz-ziju kien daħħal il-magna tad-dris fiż-Żebbuġ għall-ħabta tal-1950 u dam jagħmel dan ix-xogħol għal aktar minn għoxrin sena. Kull familja kienet issib rokna fuq Ta' Bembla madwar il-magna tad-dris. Hemmhekk kienu jinħattu l-qatet taż-żergħa minn fuq il-karettun u jinbnew sewwa f'munzell fl-art. Meta jkun imissek tidres, il-missier jew xi ġuvnott tal-familja kien jitla' fuq il-munzell tal-qatet u jibda jitfa' qatta qatta 'l isfel. Din tkun mgħoddija lil min ikun fuq il-magna jitfa' l-qatet biex jindirsu.

Mhux l-ewwel darba li l-magna kienet tifga jew taqbżilha xi waħda miċ-ċingi twal li jdawru l-makkinarju u tieqaf. It-tiben kien joħroġ fuq l-għarbiel jiżżegleg. Tnejn min-nies, ġeneralment nisa jkunu firxu liżar magħmul minn xkejjer miħjutin flimkien biex mill-għarbiel it-tiben jaqa' fuqu u x'ħin jimtela jaqbdu ż-żewġt itruf minn kull naħa u jiġru bih għal xi rokna jew mal-ħajt tas-sejjieħ 'il bogħod mill-magna. Tnejn oħra jieħdu posthom u jkomplu sejrin hekk, sakemm il-qatet kollha jindirsu. Minbarra t-tiben, mill-magna kien joħrog ix-xgħir miż-żbula li kien jaqa' fi xkora. X'ħin timtela l-ixkora kienet tintrabat u titwarrab fil-ġenb minn xi raġel. Mal-ġenb tal-magna kienu joħorġu wkoll il-karfa u s-sifa, il-fdalijiet mill-iżbula u z-zokk, li kienu jinġabru wkoll u jintużaw għal taħt in-nagħaġ u l-bhejjem fil-maqjel.

Il-proċess sħiħ kien jinvolvi ħafna nies u min ma kienx ikollu familja kbira jew it-tfal ikunu għadhom żgħar kien iqabbad lil xi nies mir-raħal, l-aktar tfajliet u ġuvintur u jħallashom xi ħaġa. Minħabba s-sħana tas-sajf, it-trab irqiq u s-sifa li kienu joħorġu waqt id-dris kienu jiddellku u jeħlu ma' dawk li jkunu jaħdmu madwar il-magna u kultant ma kontx tagħraf lil dak li jkun.

"Qisni sirt Tork" kien hemm min jgħid.

Billi kienet tkun qed toqrob il-festa tar-raħal, it-tfajliet kienu jilbsu maktur f'rashom jew xi kappell u lbies bil-kmiem twal, mhux biss minħabba x-xemx, imma wkoll biex ma jismarux żejjed għall-festa. Dak iż-żmien aktar ma kien ikollok ġilda bajda aktar kienet xi ħaġa attraenti u tal-moda.



Wara li jintemm il-proċess tad-dris, l-ixkejjer mimlija xgħir kienu jinġarru dritt lejn id-dar u jitħallew fuq iċ-ċint tas-setaħ qabel jiddaħħlu u jinħażnu f'xi għorfa jew f'xi kamra fid-dar. Ix-xgħir kien jintuża bħala għalf għall-fniek u l-annimali oħra li kienu jitrabbew fir-razzett. Minn fuq Ta' Bembla t-tiben kien jerġa' jitpoġġa fuq il-lożor tal-ixkejjer u jinġarr lejn id-dar fuq il-karettun u jinħażen f'kamra apposta. Kważi kull dar kien ikollha kamra tat-tiben. Ħafna kienu jsibuha bħala d-dar tat-tiben. Billi t-tiben ma kienx jinġarr dritt lejn id-dar wara li jindires, fuq il-qiegħa kien ikun hemm xalata mit-tfal joqomsu u jilagħbu fuq it-tiben ta' dak u l-ieħor, l-aqwa li ma jtajruħx u li ma jħalltuħx ma' xi munzell tiben ta' ħaddieħor. Filgħaxija x'ħin kien jidlam, ix-xogħol u l-attività kienu jibqgħu sejrin, għax il-magna tad-dris kienet tkompli tidres sa tard bil-lejl għad-dawl tal-lampa tal-mantil. Dawk li jkunu dirsu kienu jistrieħu daqsxejn u f'dik iż-żiffa tas-sajf l-irġiel u n-nisa kienu joqogħdu jitkellmu bilqiegħda fuq it-tiben u t-tfal jilagħbu u jaqbżu maġenbhom.

Ħaġa li kienet issir ftit jiem wara li t-tiben jittieħed id-dar, kien il-mili tas-saqqijiet bit-tiben ġdid. Dan kien isir kull sena. Kull saqqu jew mitraħ kien jitbattal mit-tiben qadim li jkun niżel ħafna u jkun kważi sar trab u jimtela b't-tiben ġdid. It-tiben qadim mill-imtieraħ jintuża għal taħt in-nagħaġ fil-maqjel. Il-mitraħ kien jimtela sewwa bit-tiben billi kien jiċċatta u jinżel malajr u jsir ta' daqs normali. L-għaxqa tat-tfal kienet li joqomsu u jaqbżu fuq il-mitraħ meta kien ikun għadu għoli, mimli bit-tiben ġdid.

Illum l-andar Ta' Bembla fejn kien isr id-dris inbena kollu u kull ma fadal huwa triq żgħira bejn il-bini li twasslek fuq is-sies quddiem id-djar faċċata tas-Sagħtrija u Ras ir-Reqqa.



Passiġġata Biblika - 65

"Il-biża' tal-Mulej hu l-bidu tal-għerf..." (Prov 1:7)

# Il-Għerf ta' Alla fil-Bniedem

## Ħarsa lejn il-Ktieb tal-Proverbji

minn Fr. Charles Buttigieg

### *Il-Ktieb tal-Proverbji*

Il-ktieb tal-Proverbji intitolat fl-Ebrajk *'mixle selomoh'* huwa l-eqdem ktieb minn fost il-kotba tal-Għerf. Il-ġeneru letterarju dominanti fil-ktieb huwa msejjaħ *'maxal'*, jiġifieri l-proverbju, li kien jintuża bħala strument letterarju qawwi sabiex iwassal it-tagħlim. **Il-ktieb huwa attribwit lir-Re Salamun, meqjus il-patrun tal-kitba sapjenzali u tlesta mill-kitba għal kollox wara sekli ta' ħsieb madwar il-5 seklu Q.K. wara l-esperjenza iebsa u riflessiva tal-eżilju ġewwa l-Babilonja. Il-ktieb jittratta fuq kollox dwar l-Għerf traxxendentali bħala gwida tal-poplu t'Alla.** Naraw fuq kollox l-importanza tal-Għerf divin bħala Għalliem kbir u prinċipju divin. Minn naħa l-oħra l-għerf uman huwa meqjus bħala l-ogħla virtù li timplika l-biża' t'Alla kif naqraw fil-bidu tal-ktieb: "Il-biża' tal-Mulej hu l-bidu tal-għerf..."(1:7 ara 9:10). L-importanza tal-ktieb narawha ukoll fil-Ġdid Testment fejn insibu 14 il-kwotazzjoni u madwar għoxrin allużjoni għall-ktieb.

### *L-Ewwel Diskors tal-Għerf Ippersonifikat (Prov 1:20-33)*

F'din is-sezzjoni naraw il-Persuna tal-Għerf li tgħallem u s-sejħa tagħha sabiex insegwuha. Hawnhekk ma għandniex il-missier li jgħallem lil uliedu jew il-profeta li jeżorta lill-poplu imma għall-ewwel darba għandna l-Għerf li fl-Ebrajk oriġinali hija femminili *hokma*, li bħala mara b'awtorità toħroġ fil-beraħ sabiex ixxandar it-tagħlim. Infatti t-test oriġinali Lhudi kif ukoll il-Grieg qiegħed dejjem fit-3 persuna femminili singulari. Il-maskil tal-Għerf fil-Malti huwa uniku fost il-lingwi semitiċi u jitlob studju interessanti dwar l-oriġini tal-kelma Maltija. Kelma li toqrob lejn il-femminil Ebrajk u Grieg hija forsi l-kelma 'Intelliġenza'.

L-Għerf dejjem jagħti direzzjoni lill-ħajja tal-bniedem. Fl-ambjent patrijarkali tal-familja Lhudija il-figura tal-missier dejjem kellha dan ir-rwol sabiex il-missier dejjem jgħallem lil ulied sabiex jagħmlu t-tajjeb u jaħarbu l-ħażin. Naraw l-importanza tal-għerf fil-bibbja u r-responsabbiltà tal-ġenituri li jedukaw lill-uliedhom fil-passi tal-Għerf..

F'din is-silta tal-bibbja (Prov 1:20-33) naraw l-intelliġenza li tgħallem bħala profeta fit-toroq u fil-beraħ u tistieden lil kulħadd biex jisimgħuha. Infatti mbagħad fis-sezzjoni ta' wara s-silta tagħna, naraw fil-kapitlu 2 naraw lill-imgħallem li jwiegħed il-għerf bħala don ta' Alla u importanti għall-ħajja morali u reliġjuża sabiex il-bniedem ikollu s-sigurezza u l-paċi. Din hija r-rebħa tal-Għerf.



Din l-istedina tal-Għerf għat-tagħlim narawha fl-ewwel kapitlu tal-ktieb tal-Proverbji b'mod partikulari, kif ukoll fil-kapitli 30 u 31. L-Għerf jidher bħala persuna fil-kapitli 8 u 9.

### *Konklużjoni*

L-Għerf fil-Proverbji, naraw l-Għerf li mill-għoli jiggwida l-poplu sabiex jisma' minnu u għalhekk iservi bħala messaġġier t'Alla u għalhekk tagħti validità lit-tagħlim tiegħu. L-Għerf fuq kollox jipprefigura l-missjoni pubblika ta' Kristu li għallem it-triq tas-salvazzjoni. Għalhekk l-Għerf għandu sehem importanti fir-Rivelazzjoni t'Alla li tilħaq il-qofol tagħha fi Kristu fl-Inkarnazzjoni: "iżda għal dawk li huma msejħin, sew Lhud sew Griegi, Kristu huwa l-qawwa ta' Alla u l-Għerf ta' Alla" (1 Kor 1:24). Niftakru għalhekk iżda l-importanza tal-kitba tal-għerf f'din l-era fejn wara l-eżilju, meta spiċċaw is-slaten u l-profeti kariżmatiċi kien dan l-Għerf li beda jmexxi lill-poplu t'Alla mxerred ma' kullimkien, fid-djaspora, fit-triq tal-ħajja u dik korretta.

### *Biblijografija*


ALETTI, J-N., *"Parole et séduction en Prov I-IX"*, *VT* 27 (1977) 129-144.

GUINAN, M.D., "Images of God in the Wisdom Literature", *The Bible Today* 38 (July 2000) 223-227.

G. KITTEL – G. FRIEDRICH, (eds.) ing.: G.W. BROMILEY, *Theological Dictionary of the New Testament* in C.D. ROM, Grand Rapids, MI, 2000.

MEYNET, R., *L'Analisi Retorica*, Brescia 1992.

MURPHY, R.E., "Wisdom and Eros in Proverbs 1-9", *CBQ* 50 (1988) 600-603.

# APPREZZAMENT

## Dun Anton Dimech
1940 - 2011



Dun Anton twieled fit-12 ta' Ġunju 1940, iben Ġużepp Dimech u Roża xebba Dimech ukoll. Ġie mgħammed mill-Kappillan taż-Żebbuġ ta' dak iż-żmien Dun Franġisk Mercieca. Sa minn twelidu kellu jibda jikkumbatti. Kif twieled daqq *air-raid* u ommu kellha taħrab bih lejn ix-xelter.

Peress li missieru kien purtinar fl-Iskola Primarja tal-Għasri, Dun Anton beda l-iskola Primarja tiegħu fl-Għasri. Aktar tard attenda fil-Liceo fir-Rabat Għawdex. Bil-għajnuna u l-inkoraġġiment ta' Mons. Andrea Vella, tgħallem il-Latin u nibtet fih il-vokazzjoni għas-saċerdozju. Fl-1957 beda l-kors tal-filosofija u t-teoloġija fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù fir-Rabat Għawdex.

Ġie ordnat Saċerdot mill-Isqof t'Għawdex l-E.T. Mons. Ġużeppi Pace, fil-katidral t'Għawdex, nhar il-5 t'April 1964, fl-età ta' 24 sena. Kien għamel il-Prima Messa tiegħu fl-24 ta' Mejju 1964 u ppriedkalu Patri Fidiel Kapuċċin. Ġie msejjaħ mill-Isqof t'Għawdex Mons. Nikol Ġ. Cauchi sabiex jibda jgħallem is-Soċjoloġija fis-Seminarju Maġġuri, kif ukoll il-Malti fis-Seminarju Minuri t'Għawdex.

Il-Kappillan Dun Franġisk Mercieca talab lill-Isqof sabiex Dun Anton jibqa' joffri s-servizz pastorali tiegħu fil-parroċċa ta' Santa Marija fiż-Żebbuġ, kif fil-fatt għamel għal 47 sena sħaħ. Il-quddiesa tal-5.00 a.m. kienet parti sinonima mal-ħajja ta' Dun Anton fejn ta' kuljum, sajf u xitwa, kien iqum kmieni jiftaħ il-knisja u jqaddes tal-ewwel. Dan għamlu għal iktar minn 40 sena! Għal diversi snin kien iqaddes kull nhar ta' Sibt matul ix-xhur tas-Sajf fil-kappella tas-Sorijiet Franġiskani fil-Qbajjar.

Fil-parroċċa Dun Anton regolarment kien iqarben il-morda fi djarhom. Kien Assistent Ekkleżjastiku tal-Azzjoni Kattolika fiż-Żebbuġ.

Kien Editur tar-Rivista tal-Għawdxin: *Il-Ħajja f'Għawdex*, u kittieb ta' għadd ta' artikli interessanti li dehru f'*Il-Leħen is-Sewwa*, f'*Il-Ħajja f'Għawdex* u f'*L-Għolja taż-Żebbuġ*. Kiteb ukoll xi poeżiji.

Għal ħafna snin kien jagħti daqqa t'id fl-Uffiċċju Parrokkjali, fejn fost affarijiet oħra, irnexxielu joħloq Indiċi tar-Reġistri Parrokkjali kollha sabiex min ikollu bżonn ċertifikat mill-uffiċċju parrokkjali jkun jista' jinqeda b'faċilità u mingħajr telf ta' ħin. Kien espert fil-qasam tal-biedja u iżjed fil-qasam tas-sajd. Imma, minkejja dan, qatt ma ħalla l-passatempi tiegħu jtellfuh b'xi mod la mill-qadi ta' dmirijietu bħala saċerdot, la fil-ħidma pastorali tiegħu u lanqas mit-tagħlim tiegħu.

Kien jinteressa ruħu fil-bniedem sħiħ, tant li għal ħafna snin kien jgħin lil ħafna billi jimlielhom il-formola tal-*Income tax*, formoli tal-passaport jew formoli oħra. Tazza kamomilla *home-made* kien jippreferiha minn grokk wiskey tal-ifjen kwalità. Dun Anton kien jinsisti fuq il-ħtieġa tad-direzzjoni spiritwali tal-għaqdiet tar-raħal tagħna, l-aktar tal-Klabb tal-Futbol taż-*Żebbuġ Rovers* u tal-Klabb tal-Boċċi fil-Qbajjar.

Kien imfittex għall-priedki prattiċi tiegħu, għall-qrar u biex jipprepara lill-adolexxenti u ż-żgħażagħ għall-eżamijiet tal-Malti fil-Livell Ordinarju u fil-Livell Avanzat.

Kien devot kbir ta' San Ġużepp, ta' Santa Marija u tal-Ewkaristija, tant li fil-ġranet ferjali kull nhar ta' Tlieta kien iqaddes il-quddiesa votiva ta' San Ġużepp, kull nhar t'Erbgħa il-quddiesa tal-Madonna, u l-Ħamis il-quddiesa tal-Ewkaristija. Id-devozzjoni lejn Sant'Antnin ma kinitx nieqsa fih. Sakemm kien possibbli, kien imexxi l-Adorazzjoni Ewkaristika ta' nhar ta' Ħamis għas-saċerdoti u l-erwieħ ikkonsagrati. It-talba tar-Rużarju kienet għalih il-ħobż ta' kuljum.

Dun Anton kien bniedem dħuli, ikellem lil kulħadd, ta' żaqqu f'fommu, taf fejn int miegħu, ma jridx unuri, jibża' mill-postijiet ta' responsabbiltà diretta, saċerdot li tispikka fih l-ubbidjenza lejn l-awtorità u lejn il-Maġisteru tal-Knisja, iben denn tar-raħal taż-Żebbuġ. Bniedem aġġornat li tgħallem il-kompjuter meta kien diġà rtira u ħareġ bil-pensjoni.

Il-Mulej sejjaħlu għall-premju tal-eternità nhar is-Sibt 14 ta' Mejju 2011 ma' sbieħ il-jum.

Ma' San Pawl, Dun Anton seta' jgħid: 2Tim:4:6 *Ngħid għalija, demmi ġa mxerred b'sagrifiċċju, u żmien it-tluq tiegħi wasal.* 2Tim:4:7 *Tqabadt it-taqbida t-tajba, temmejt il-ġirja; ħarist il-fidi.* 2Tim:4:8 *Mill-bqija hemm merfugħa għalija l-kuruna tal-ġustizzja, li biha f' dak il-Jum iħallasni l-Mulej, l-Imħallef ġust, u mhux lili biss, imma wkoll lil dawk kollha li jkunu għexu fl-imħabba tad-Dehra tiegħu.* Agħtih Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.

***Fr Noel Saliba***

 minn JOHN CREMONA

# Għerq Sinjur

Fost l-aktar affarijiet li poġġew lil Għawdex fuq il-mappa tad-Dinja tas-seklu tmintax kien bla dubju ta' xejn l-Għerq Sinjur, pjanta rari li tikber fuq il Ġebla tal Ġeneral fid Dwejra. Dwar din il-pjanta kitbu diversi awturi qodma bħal Ġian Franġisk Abela, Ġann Franġisk Bonamico, il-Konti Ciantar u naturalment Agius de Soldanis fost l-oħrajn.

F'din is-sensiela irreferejt spiss għall-kitbiet ta' dan l-Għawdxi għaliex minkejja d-difetti li jista' jkollu fil-mod kif jitratta xi suġġetti, madanakollu żgur li ebda kittieb ieħor ma kiteb b'imħabba ġenwina lejn art twelidu, Għawdex.

Fl-istorja manuskritta tiegħu dwar Għawdex, għandu taqsima sħiħa dwar din il-pjanta rari u li kienet meqjusa li għandha kwalitajiet uniċi li jfejqu diversi tipi ta' mard. Madanakollu, De Soldanis jibda' din it-taqsima fuq nota patrijottika għall-aħħar. Huwa jgħid li kull pajjiż fid-Dinja għandu xi ħaġa partikolari li ma ssibha f'ebda pajjiż ieħor. Huwa jgħid li Għawdex għandu l-Għerq Sinjur għalkemm l-isem popolari fost l-istudjużi huwa 'Fungus Melitensis'. De Soldanis ma għoġbitux din l-affari li l-aktar ħaġa importnati issemmiet għal Malta kif għal Malta wkoll issemmew il-fossili popolari bħal ilsien San Pawl u għajnejn is-serp għalkemm dawn l-aktar li kienu jinstabu kienu f'Għawdex. De Soldanis jibqa' jgerger dwar dan fejn jgħid li "*L-istess jiġri fuq dan l-Għerq Sinjur li jinbet f'Għawdex, fuq daqsxejn ta' skoll; dan jiġi msejjaħ Malti, waqt li għandu aktarx msejjaħ Għawdxi. U dan biss?*".



Sfortunatament de Soldanis ma ħallielna ebda stampa jew disinn ta' din il-pjanta għalkemm jiddeskrivi fid-dettall il-kompożizzjoni tagħha, fejn u meta tikber, kif tinġabar u kif tintuża bħala mediċina. Ma' dan l-artiklu allura qiegħed inġib inċiżjoni ta' din il-pjanta li jġib Louis de Boisgelin fil-ktieb tiegħu '*Ancient and Modern Malta*' stampat minn G&L Robinson f'Londra bid-data ta' l-1 ta' Mejju 1804.

L-inċiżjoni hija interessanti għax fejn fil-parti l-kbira ta' l-inċiżjonijiet li ppubblika Boisgelin dawn ħadhom minn fuq il-ktieb ta' Jean Houel li dwaru tkellimt bosta drabi f'dawn l-artikli, f'dan il-kas ippubblika diversi partijiet ta' din il-pjanta li ma nsibuhom fl-ebda pubblikazzjoni oħra. Fil-fatt l-inċiżjoni turi l-pjanta meta tkun qed tikber, meta ssir miksija bi fjuri żgħar, kif ukoll diversi partijiet tal-pjanta. L-inċiżjoni hija mmarkata bħala Plate XI u għandha qisien ta' 268 x 210 mm. Ma nafux min kien l-awtur tagħha.

Llum nafu li ħafna mill-propjetajiet mediċinali li kienu jaħsbu li kellha din il-pjanta, uħud minnhom mirakolużi ma kienu hekk xejn. Llum, għalkemm nafu li tikber f'xi postijiet oħra xorta hija pjanta rari ħafna u waħda mill-akbar popolazzjonijiet tagħha jinstabu fuq il-Ġebla tal-Ġeneral. Għal dan il-għan il-Ġebla tal-Ġeneral illum hija sit protett u fuqha jistgħu jitilgħu biss persuni għal raġunijiet ta' riċerka.

# Għawdex 400 sena ilu



**Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 194**

Riċerka ta' **Joseph Bezzina**

© 2011

## Bandu dwar il-bejgħ tal-ilma fis-Sajf

**Id-dokument numru mija erbgħa u disgħin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex jikkonsisti f'tagħrif dwar Bandu li għandu x'jaqsam mal-bejgħ tal-ilma fis-sajf. Jinsab reġistrat fit-tielet volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798) folju 33r (NAG, UG, *Acta*, 3/1610–1611, 33r).**

Din hi t-traskrizzjoni tad-dokument:

*Marino Hellul, publico serviente, ne ha riferito de haver buttato bandi nelli loci soliti e consueti di quest'Isola del Gozzo per ordine delli Signori Giurati che d'hoggi inante li saccari che vendono acqua habbiano vendere la quartara d'aqua per grani uno e piccioli tre sotto pena di pagare tarì quattro per ogni volta che controverrano; ciò la mità all'Università e l'altra mità alli cattapani ...*



Dan id-dokument iġib id-data tal-1 ta' Lulju 1611 – tliet mit sena ilu sewwa – fil-bidu tas-sajf meta l-bjar tan-nies tar-Rabat jibdew jinxfu. In-nies kien ikellha tinżel timla' l-ilma mill-Għajn il-Kbira, jew inkella tixtrih mingħand il-bejjiegħa tal-ilma. Dawn kienu jġorruh jew f'ġarar fuq spallejhom jew inkella f'ġarar ikbar imdendla mis-sarġ ta' ħmara, ġarra kull naħa. Is-sarġ tal-ġild kien ikun fuq pannell, jiġifieri biċċa drapp ħoxna li tinfirex bejn is-sarġ u d-dahar tal-ħmara biex din ma tinselaħx bit-tħakwik tal-ġild.

Marino Hellul, li kien jagħmel xogħol ta' messaġġier mal-Università, mar iwaħħal il-*Bandu* dwar il-bejgħ tal-ilma fil-postijiet tas-soltu. Dawn il-postijiet, nafu minn dokumenti oħra, kienu l-bieb tal-Knisja Matriċi ta' Għawdex fiċ-Ċittadella u taħt loġġa kbira fil-pjazza ewlenija tat-Tokk. Taħt din il-loġġa – li kienet fejn illum hemm il-*Banca Giuratale* – kienu jinġabru n-nies biex ibigħu u jgħidu kelma. Fl-1 ta' Lulju, Hellul irrapporta lill-ġurati li l-Bandu kien twaħħal – *buttato*, igħid id-dokument kif kienu ordnawlu jagħmel.

Id-dokument jirreferi għas-*saccari* – kelma mill-Isqalli *saccarìa* li tirreferi preċiżament għal dawk li xogħlhom kien il-bejgħ tal-ilma. Dawn, imsieken, kellhom biċċa xogħol ta' strapazz jimlew l-ilma mill-Għajn il-Kbira u mbagħad jitqanżħu bih sar-Rabat. Milli jidher, kulħadd jitlob kemm ifettillu.

Il-*Bandu* jagħti ordni stretta lis-*saccari* li ħadd ma' jista' jbiegħ l-ilma iktar minn *grani uno e piccioli tre* jew ħabba u tlitt idwiener kull *quartara.*

*Grani uno e piccioli tre* jew ħabba u tlitt idwiener jiġu ftit milleżmi ta' Ewro. Ħabba kien fiha sitt idwiener – l-iżgħar denominazzjoni ta' flus li qatt intużat Malta u Għawdex. *Quartara* kien fiha 5.4 litru. X'ħin tikkunsidra l-battikata li jkunu ħadu dawn is-*saccari* biex tellgħu l-ilma, ifisser li dan l-ilma ma kienx qiegħed jinbiegħ għoli.

Min ibigħ iktar minn hekk kien ibati l-konsegwenzi ta' multa kbira ħafna, multa ta' erba' irbgħajja, li jiġu sitt ċenteżmi u erba' millezmi tas-sistema Ewro.




**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR • RESTAURANT • PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**



XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Consolata Portelli (1921 - 1999)



Consolata Portelli twieldet fl-4 ta' Ottubru 1921, bint Franġisku Portelli u Concetta mwielda Xerri, fl-Isptar ta' Għawdex. Hija kienet it-tmien wild. Billi twieldet ir-Rabat ġiet mgħammda fil-knisja ta' San Ġorġ.

Consolata ħadet l-edukazzjoni primarja fl-iskola tal-Qala u fl-aħħar sena f'dik tan-Nadur. Wara attendiet l-iskola sekondarja tar-Rabat. Hi u xi studenti oħra kienu joqogħdu għand waħda mara u tiġi d-dar għal *weekend* biss. Meta kellha erbatax-il sena mardet, tant li amministrawlha s-sagrament tal-griżma tal-morda. Meta fieqet ma riditx tkompli l-iskola iżda ħuha l-kbir issikkaha biex tkompli. Irnexxielu jikkonvinċiha; fl-iskola kienet iġġib riżultati tajbin u kienet maħbuba mill-għalliema u anki mill-istudenti.

Kompliet pass wara pass sakemm laħqet għalliema. Hija qdiet din il-missjoni tagħha bis-serjetà. Ma kinitx tagħmel preferenzi għax kienet tgħid li kulħadd għandu xi ħaġa tajba fih. Ix-xogħol tagħha ta' għalliema ma kienx jispiċċa mal-ħin tal-iskola. Kienet tlaqqa' lis-seba' neputijiet tagħha biex tgħinhom fil-*homework* jew tgħallimhom. Ġie li kienet teħodhom xi ħarġa wkoll. Ġie li kienet tistieden xi tfal oħra li kienu jkunu batuti fl-iskola biex tgħinhom. Dan kienet tagħmlu mingħajr ebda interessi ta' flus. Anzi kienet dejjem tagħtihom xi ħaġa biex tagħmlilhom il-qalb.

It-tieni kamp li ħadmet fih kienet l-Azzjoni Kattolika. Fil-bidu tas-snin erbgħin bdiet l-Azzjoni Kattolika tan-nisa fil-Qala u kienet il-presidenta. Tħabtet ukoll biex tibda l-friegħi tat-tfal u l-istudenti u ta' dawn kienet ukoll il-presidenta. Il-pjaċir tagħha kien li tgħallem u kienet tieħu ħsieb it-tfal sewwa. Kienet tmur tiġborhom mid-dar u terġa' twassalhom wara l-laqgħa biex il-ġenituri jkollhom moħħhom mistrieħ. Darba fis-sena l-Azzjoni Kattolika kienet torganizza *quiz* għat-tfal u barra li kienet tħejjihom għal dan l-iskop, fil-laqgħa kienet anki tlaqqagħhom id-dar. Mhux ta' b'xejn li t-tfal kienu jħobbuha ħafna. Damet presidenta ta' dawn il-friegħi sakemm mietet. Fetħet ukoll il-fergħa tan-nisa miżżewġa.

Tul l-aħħar xahrejn ta' ħajjitha ma setgħetx tattendi, iżda xorta waħda kienet tibgħatilhom il-materjal filwaqt li tara r-rassenja u l-minuti. Għalhekk hija pperseverat f'din l-għaqda sal-aħħar avolja l-Azzjoni Kattolika ġie li għaddiet minn żmien diffiċli. Iżda hija ntelqet f'idejn Alla u rnexxielha tkompli.

Kienet tgħin fil-parroċċa anki f'modi oħrajn. Hija kienet tgħin fil-knisja, fl-adorazzjonijiet, fix-Xirka tal-Isem Qaddis ta' Alla, u kienet ukoll membru tal-kor parrokkjali. Mhux biss kienet membru iżda kienet tħeġġeġ lill-oħrajn biex jingħaqdu ma' dan il-kor.

Kienet persuna li ġġib il-paċi. Kienet tiġbed lil kulħadd lejha u kellha dejjem tbissima fuq fommha. In-nies kienu jafdawha u kienu jfittxuha għall-pariri tagħha. Jekk kienet tilmaħ xi diżgwid, hija kienet tersaq u tikkalma kollox. Darba xi ħadd qalilha: "Qatt ma smajtek tgħajjat ma ħadd" u hi wieġbet: "Meta trid tikkoreġi, trid tuża l-imħabba, għax meta tgħajjat ma tkun qed tagħmel xejn ħlief tiżvoga u ma tħalli l-ebda ġid." Kienet ġeneruża ħafna. Kienet tgħin kemm bil-flus u kemm fl-affarijiet tal-ikel. Għenet ukoll ħafna lill-missjoni ta' Patri Ġużepp Portelli S.J. u għamlet ħafna boroż ta' studju fl-Indja.

Irnexxielha tagħmel dan kollu billi kienet persuna ta' talb. Kienet titlob għall-konverżjoni tal-midinbin u kienet tgħid il-ġakulatorja: "Ġesù, Marija, Ġużeppi, salvaw l-erwieħ" biex tpatti għad-dagħa.

Kellha mħabba speċjali lejn Ġesù Sagramentat. Qabel kienet titqarben kienet tipprepara ruħha għal ħafna ħin. Meta kienet marida n-neputija tagħha kienet twasslilha l-Ewkaristija d-dar u qabel titqarben kienet tgħaddi xi ħin tkanta u tfaħħar lil Alla. Ma nistgħux ninsew li meta kien isir il-vjatku kienet tmur u tieħu t-tfal magħha biex ikantaw. Dan kienet tagħmlu qabel tmur l-iskola; daqqa xemx u daqqa xita u ma kienet taqta' qalbha minn xejn.

L-altruwiżmu tagħha kompla sal-aħħar. Baqgħet tisma' lil ħaddieħor u tgħin kif tista'. Fl-aħħar marda tagħha kienet maħbuba mit-tobba u min-*nurses* tant li kienet dejjem ottimista. Darba wieħed tabib staqsieha għaliex ġiet imsemmija Consolata. Hija dlonk weġbitu li Alla riedha tikkonsla lin-nies. Dan it-tabib kompla: "Hekk għamilt ħajtek kollha."

Mitluqa b'fiduċja lejn Alla u lejn San Ġużepp, il-patrun tal-parroċċa tal-Qala, baqgħet kalma sal-aħħar. Ħalliet din id-dinja nhar is-Sibt 5 ta' Ġunju 1999 lejlet il-festa tal-Korpus fir-residenza tagħha fil-Qala.

*(Dan il-profil huwa bbażat fuq kitba personali tan-neputija tagħha Conette Portelli).*

**Angelo Xuereb**

*Għawdex Online (30)*



# L-aħbar dwar Għawdex Online



*riċerka u kitba ta'* **SALVU FELICE PACE,** sfelicep@go.net.mt

Qed ngħixu fi żmien meta l-aħbar saret kważi tiddetermina r-ritmu tal-ħajja. Bil-mezzi ġodda ta' komunikazzjoni sirna nfittxu l-aħbar instantanja. Xi kultant anke naqtgħu l-konverżazzjoni ma' xi ħadd għax waslilna sinjal li daħlet l-aħħar aħbar.

Eċċezzjoni – l-aħbar dwar Għawdex. Rari ħafna li xi aħbar minn Għawdex tiddomina fuq il-midja Maltija. Il-midja tippreferi li taddotta l-kronaka bħala l-mezz li biha twassal l-aħbarijiet dwar Għawdex. Hekk insibu li fis-*Sunday Times of Malta* jitpoġġew diversi aħbarijiet dwar attivitajiet li jkunu seħħew f'Għawdex flimkien ma' diversi ritratti u avviżi dwar attivitajiet li ser ikunu jseħħu fil-ġimgħa ta' wara. Interessanti li dawn l-aħbarijiet jiffurmaw kronaka ta' mill anqas erbgħin paġna f'*www.timesofmalta.com* bl-attivitajiet kollha li seħħew f'Għawdex f'dawn l-aħħar tlett snin. Kull ma trid tagħmel biex issibhom hu li tidħol fis-sit, tagħfas fuq *News* u wara agħfas fuq *Gozo.*

Il-portal *www.maltarightnow.com* taddotta wkoll il-kronaka iżda tikkonċentra aktar fuq aħbarijiet relatati mal-ekonomija Għawdxija, għalkemm issib aħbarijiet dwar attivitajiet kulturali u materji oħra. L-aħbarijiet huma miġbura fit-taqsima Għawdex u b'mod ġenerali hemm issib ħames aħbarijiet reċenti, bl- aħbar aktar reċenti telimina l-aħħar aħbar fil-lista. Servizz tajjeb u aġġornat ħafna.

Il-websajt *www.gozonews.com* fis-sezzjoni *News* taqsam l-aħbarijiet f'dawk ta' Għawdex u f'dawk ta' Malta. L-aħbarijiet huma ppreżentati b'mod attraenti b'ritratt ma' kull storja. Is-sit għandha wkoll arkivju tal-aħbarijiet kollha li jkunu dehru dwar Għawdex. Dan l-arkivju jmur lura għas-sena 2006 u ssibu fl-istess paġna li tinfetaħ meta tagħfas fuq it-titlu tal-aħbar li tinteressak.



Il-kronaka hija wkoll il-metodu ta' kif l-aħbarijiet dwar Għawdex jidhru f'dan il-magażin. Fittixt *online* dwar kopji ta' *Il-Ħajja f'Għawdex* u hemm ukoll jidhru diversi edizzjonijiet bi kroniki li jippreżenta tant tajjeb u b'tant dedikazzjoni Charles Spiteri. Ħallejt barra n-numru kbir ta' aħbarijiet li jinsabu *online* dwar Għawdex u li jinvolvi l-emigranti Maltin u Għawdxin. Biċċa xogħol għal darb'oħra.

*Cafè & Wine Bar*

KAPUTA

*Pizza & Local Dishes*

60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074

**Peter's Butcher Shop**

***For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...***

St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: **7905 5051** · Tel: **2785 5051**

TIEQA FUQ L-AMBJENT (29)

# IL-BIES



*(Dan huwa d-dsatax-il artiklu minn sensiela dwar l-għasafar li jbejtu f'Għawdex)*

*kitba u ritratti ta'* JOE SULTANA



*Bies adult*

Il-**Bies** huwa l-iżjed għasfur li għandu konnessjoni ma' l-istorja tal-Gżejjer Maltin. Fl-1522 l-Imperatur Karlu V ta b'kera l-Gżejjer Maltin lill-Kavallieri ta' San Ġwann għal renta nominali ta' **Bies** fis-sena. F'dawk iż-żminijiet, u anke minn ħafna sekli qabel, il-falkunerija kienet importanti ħafna. Minħabba f'hekk ġieli kittieba rreferew għal **Bies** bl-isem il-**Falkun ta' Malta**. Iżda l-**Bies** mhuwiex tal-gżejjer Maltin biss. Diversi razez tiegħu jinstabu mxerrdin kważi mad-dinja kollha. Il-**Bies** minn dejjem kien wieħed mill-aqwa u mill-aħjar speċi mit-tajr tal-priża fil-qasam tal-falkunerija, minħabba s-saħħa u l-veloċità tiegħu.



*Żewġ frieħ lesti biex itajru qrib il-bejta f'Ta' Ċenċ*

Il-**Bies** (bl-Ingliż *Peregrine Falcon*) xjentifikament huwa magħruf bl-isem ***Falco peregrinus***. Il-kelma *falco* ġejja mill-Latin *falx* (ġenittiv *falcis*) li tfisser minġel, x'aktarx minħabba il-munqar jew id-dwiefer li għandhom għamla ta' minġel. Il-kelma *peregrinus* tfisser pellegrin, stranġier, jew wieħed li jivvjaġġa lejn postijiet imbiegħda. Ir-razza tal-Bies li tbejjet fil-Mediterran, inkluż f'Għawdex, hija xjentifikament magħrufa bħalha *brookei*. Din ir-razza kienet imsemmiha hekk b'dedikazzjoni għall-ornitoloġista Brittaniku A.B. Brook li kien qabad par Bies ta' din ir-razza f'Mejju ta' l-1871 mill-Isola della Vacca, f'Sardinja, fejn kien għamel xi żmien jistudja dwar l-għasafar.

Fl-1799, fi żmien it-taqbida mal-Franċiżi, il-kurjer Għawdxi Salvatore Vella kien mar fuq tlett missjonijiet f'Napli u Sirakuża biex jitlob l-għajnuna u ikel. F'okkażjoni minnhom ħa miegħu żewġ bisien bħala rigal, biex jingħataw f'isem sħabu l-Għawdxin, lir-Re tar-Renju Sqalli. Dak iż-żmien, ir-Renju Sqalli kien ikopri minn Napli sa Sqallija. Agius de Soldanis, fil-famuż manuskritt tiegħu li jġib id-data ta l-1746, bit-titlu ta' "*Gozo Antico-Moderno e Sacro-Profano, Isola Mediterranea adiacente A Malta Africana*", isemmi li f'Għawdex kien hawn tmien postijiet, sebgħa minnhom madwar il-kosta, fejn kienu jitwaqqfu xibkiet kbar (*paragni*) biex jinqabdu diversi speci ta' bisien għall-falkunerija.




*Il-Bies fuq waħda minn sett bolol maħruġ fl-1987*

Fl-imgħoddi, il-Bies kien residenti u jbejjet regolari fl-irdumijiet tan-nofsinhar u lbiċ t'Għawdex. F'dawn l-aħħar snin ġieli żamm xi par fis-sisien f'Ta' Ċenċ u tal-Ponta tal-Wardija u rnexxielu jbejjet. Imma sfortunatament ħafna drabi jispiċċa vittma ta' kaċċa illegali. Minbarra li ġieli jbejjet, xi ftit tal-passa jidhru wkoll, imma mhux f'numri kbar.

Ir-raġel u l-mara għandhom l-istess kuluri. Imma bħall-biċċa l-kbira tat-tajr tal-priża, il-mara tkun kemxejn akbar.



*Ta' Ċenċ fejn ġieli bejjet il-Bies*

Fil-fatt ir-raġel ikun fih minn 38 sa 45 ċentimetri tul, filwaqt li l-mara ikun fiha minn 46 sa 51 ċentimetru. Il-Bies minn fuq griż kaħlani. Rasu hija iżjed skura u taħt għajnejh għandu dabra sewda ġejja għall-ponta. Minn taħt abjad bi strixxi suwed, irqaq mimdudin. Denbu bil-faxxi skuri. Meta jtajru 'l-frieħ ikunu kannella skuri minn fuq u minn taħt ikollhom marki skuri neżlin 'l isfel.

Il-Bies magħruf għal ħeffa u s-saħħa li għandu u jaqbad għasafar, anke ta' daqs ta' borka, fl-ajru. Normalment il-mara tbid tliet bajdiet għall-aħħar ta' Frar jew f'Marzu fuq xi xifer jew f'toqba fis-sisien ta' fuq il-baħar. Il-bajd ikun miksi bi dbabar skuri u ċari, kannella fl-aħmar, u jieħu madwar erba' ġimgħat biex ifaqqas. Meta l-mara tkun issaħħan il-bajd ir-raġel iġibilha l-ikel hu mill-għasafar li jaqbad. Meta jfaqqsu l-frieħ ikunu miksija b'rix qisu suf bajdani. Minn taħt dan ir-rix fin jibda jikber ir-rix normali u meta jkollhom xi ħames ġimgħat il-frieħ jibdew iħallu l-bejta. L-istaġun tal-bejta jaħbat mal-passa tal-għasafar fir-rebbiegħa, biex b'hekk ikun hawn iżjed għasafar x'jaqbad.


**Esperti fis-servizzi tal-vjaġġar...**

JPE TravelServices LIMITED

A member of the KDM Group

- Ġiti...
- *Cruises...*
- Titjiriet... anke tal-Low Cost
- *Lukandi... u akkomodazzjoni oħra*
- Kiri tal-karozzi u ħafna servizzi oħra

Tel: Victoria Gozo: 21561212/3 Valletta: 21235772 or info@jpetravel.net

MARIO DISPENSING OPTICIANS

57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.

Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).

*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*

Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

A Whole New Look

*Sharmain's Styling Salon*

Our Lady of Victory
Crt/1
Triq ta' Kassia
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

**Imperial Eagle**

DAILY (from Monday to Friday)
Transport of goods between
Gozo & Malta and Malta & Gozo.

Gozo Truck Transport

Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

Għext il-Mandraġġ (9)

# Dilora u Fonzu tallaba bi professjoni



kitba ta' ANTON SPITERI

**Iż-żmien inessi t-tbatija u l-imgħoddi jibda jidher kollu sabiħ. Meta niftakru fit-tfulija ta' ħamsin sena ilu ma rridux ninsew il-faqar, il-mard u n-nuqqas tat-tagħlim. Il-qassisin, it-tobba u l-għalliema kienu jgħinu ħafna biex il-ħajja tinbidel għall-aħjar. Nixtieq nitkellem fit-tul fuq tnejn min-nies li għalkemm kienu mwarrba mis-soċjetà, kienu żewġ karattri tassew ħelwin. Dilora u Fonzu kienu żewġ aħwa tallaba bi professjoni. Huma żewġ miżerabbli tan-naħa tagħna li ma ninsihom qatt u tassew bqajt miġbud lejhom. Tfal ta' inħawi oħra kienu jittantawhom, biss aħna konna naqduhom, u huma kienu jħobbuna.**

Fonzu u Dilora twieldu tallaba, minn familja ta' tallaba li kienu jduru raħal raħal qishom żingari. Dawn kellhom ħuhom Malta, oħthom mal-anzjani fl-isptar u Marija li kienet miżżewġa u kellha tifel wieħed li miet b'diżgrazzja fl-aħjar ta' żogħżitu. Dilora kienet mara rqiqa u qasira u ma nafx għala kienu jgħidulha tal-Ġgant, hekk jew hekk ma ħarġitx għar-razza. Dilora kienet dejjem bl-istess libsa sewda li xeddet darba u ma neżgħetha qatt lanqas biex taħsilha. Fix-xitwa kienet tilbes l-għonnella ukoll



Fonzu għadu ċar quddiem għajnejja b'qalziet wiesa' qanpiena, beritta mxengla u mixja mfettħa, b'daqsxejn ta' pipa f'tarf ħalqu. Hu kien aktar mimli minn oħtu. Fonzu kien jilbes is-sidrija u meta jkun il-ksieħ kien ixidd ġlekk.

Ħwejjeġ kienu jaqilgħu kemm iridu u kienu jitfgħuhom id-dar u jużawhom bħala friex. Huma kienu jgħixu f'dinja għalihom. Għalkemm il-pulizija kien jagħmel għalihom għax jiffittaw lit-turisti, qatt ma kienu se jarrestawhom għax ħadd ma kien se jissaporti r-riħa li kellhom. L-għaks li raw meta kienu żgħar ma ħallihomx igawdu dak li kienu jaqilgħu u ħsiebhom kien biss li jgezzu bla ma jonfqu, l-aktar Fonzu. Dan kien tilef id-dawl meta kien għadu ċkejken u għalkemm ma kienx jara jidgħi jien smajtu kemm-il darba jitkellem ħażin fis-superlattiv. Għalihom id-dagħa u l-kliem ħażin ma kien ifisser xejn u ħadd ma kien jieħu għalihom, lanqas il-qaddisin. Dilora kienet nieqsa mis-smigħ. Tant draw ma' xulxin li saru persuna waħda. Dilora tara u Fonzu jisma' u n-nervi ta' wieħed ibattu mal-paċenzja ta' l-oħra. Kull filgħodu kienu joħorġu għall-quddiesa ta' l-ewwel (tal-*Paternoster*) jieħdu kafè m'għand Liża tal-Biskuttelli u jqattgħu sal-ħdax ta' filgħodu jmekku u jittallbu l-aktar lit-turisti.

Qabel ma jdoqq nofsinhar tilmagħhom ġejjin jew igergru u jisħtu lil xi ħadd li ma tahom xejn jew ibierku u jfaħħru lil xi ħadd li jkun tahom xi ħaġa sewwa. Wara nofsinhar kienu jistrieħu ftit, jgħaddu siegħa jitkellmu mal-ġirien u qabel l-Ave Marija jqattgħu siegħa oħra jittallbu. Huma jidħlu jorqdu mat-tiġieġ u mhux darba jew tnejn stenbħu f'ta' l-imwiet u ħarġu jistaqsu x'ħin hu, għax jaħsbu li sebaħ. Huma għaddew l-aħħar ta' ħajjithom ir-Rabat biss iżda qabel kienu jduru l-Għawdex kollu raħal, raħal. Darba kienu rekbin f'kaless li nqaleb bihom u minn dakinhar kienu jitilqu bil-mixi.

L-annimali kienu jieklu magħhom u ħabibhom kulħadd, ħlief il-pulizija u tallaba oħra bħal Konċa u Pawlu tan-Nadur.

Darhom kienet kamra kbira fejn ix-xemx qatt ma daħlet u minħabba r-riħa qawwija, ħallelin 'l hemm ma kinux jersqu. Il-ħabbata tal-bieb kienu ilhom li qalgħuha għaliex wieħed mill-ġirien kien rabat spaga biex joqgħod iħabbtilhom mingħajr ma jarawh. Allaħares min imissilhom il-bieb għax kienu jagħmlu storbju sħiħ.



Mill-istejjer li kienu jħarrfu għadni niftakar xi ftit. Darba minnhom Ingliż ħadilha ritratt, biesha u taha nofs lira. Bħala nies suspettużi dejjem kienu beżgħana mill-ħallelin, iżda dawn ta' l-aħħar dejjem ħallewhom jgħaddu bis-sliem u qatt ma tawhom fastidju. Billejl ġie li raw erwieħ taħt xi għamla ta' klieb slavaġġ. Lejl minnhom raw ħafna erwieħ ħdejn iċ-ċimiterju tal-pesta li jinsab f'tal-Għonq. Filgħodu ntebbħu li dawk l-erwieħ kienu ħwejjeġ minxura fuq il-bejt tal-Konservatorju. Darba oħra Dilora iddubbat ftira sħuna u lil Fonzu qaltlu li ddubbat biċċa ħobż, iżda dan riħa ta' ftira xammha. Qabdu jitlewmu u f'ħin minnhom Fonzu waqa' f'ħofra. Dilora qaltlu: "Funz, il-ftire xemmejthe, imme l-ħufra ma xemmejthiex".

Fonzu beda jmur lura f'saħħtu. Ma kienx għadu joħroġ. Wara ħafna ġlied ittieħed l-isptar fejn miet għax ħasluh. Wara li miet Fonzu, Dilora bdiet tarmi ħwejġu u bdejna ngħidu "jaqq u ħajz" u spiċċajna niġġieldu fuq dawk il-ħwejjeġ miżgħuda bis-soldi u x-xelini, għax kull sold li kien jaqla', Fonzu kien jitfgħu taħt friexu. Dilora sabet kemxa mhux ħażin u bdiet tberbaqha. Dawn servewha sakemm bdiet tmajna saħħitha wkoll. Id-dawl beda jonqosha, u l-ġakulatorja "Bambin fejjaqħieli" spiċċat "Bamberu, Bamberu" mtennija ma' kull nifs li tieħu. Xi uħud kienu jaħsbu li qed tgħid "Bajdul", għal wieħed li kienet tħajret għalih. Jum minnhom ħassha ħass ħażin u ħaduha l-isptar fejn wara ħasla saret għaxqa għall-aħħar jiem ta' ħajjitha.

Lil Fonzu u Dilora nqishom b'qima bħala l-atturi ewlenin fil-kummiedja ta' tfuliti li għaddejt fil-Mandraġġ. Aktar minnhom ma jidhrux fit-triqat tagħna.






# TISLIBA MALTIJA U RELIĠJUŻA

*Ħajr lil Emmanuel Ellis*



### *Mimdudin*

1 Kisba tajba (7)
7 Bħal din se jġib fis-soċjetà d-dħul tad-divorzju (5)
8 Dan għamlu l-fariżej biex jaqbdu lil Ġesù (7)
9 Qam ma' sbieħ il-jum (6)
11 Għandu ħafna talenti (5)
13 Nużawh biex isodd u jagħlaq (4)
14 Mhux xieraq li nagħmlu hekk b'mod falz (7)
15 Biss jekk nafdaw f'Alla tista' tinkiseb (4)
16 Jużah il-landier (5)
17 Min jibla' waħda jżomm ruħu dritt bla ma jmil (6)
21 Dak li jitfa' fl-arja ħafna traffiku (7)
22 Storja li mhux minnha (5)
23 Qagħad qrib u ta għajnuna (7)

### *Weqfin*

2 Hekk jagħmlu mill-istudent l-eżamijiet li jagħtu klassifika (10)
3) Akkompanjajna (8)
4) Xejra ta' kif xi ħadd iġib ruħu, jitkellem, jikteb, jikkomponi... (4)
5) Għodda li tobrox (4)
6 Meta dan isir fuq il-wiċċ, jissejjaħ irtokk (4)
9 Titwaħħal fuq l-envelop (5)
10 Min qed jitħarreġ biex jieħu s-sengħa (10)
12 Din taf ixxarrabna (5)
13 Min għandu lilha, jaf jagħmel wiċċ u jdejjaq in-nies (8)
18 Agħmel hekk kull xahar f' "Il-Ħajja f'Għawdex" (4)
19 Bla grazzja (4)
20 Dawk magħquda xi ħadd isejħilhom "nazzjonijiet" (4)

**TISLIBA - Ġunju-Lulju 2011**

Isem u Kunjom____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Post Code ____________________

*It-Tisliba trid tasal lil "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex, mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' Awwissu 2011. Ir-rebbieħ jingħata premju ta' tliet kotba tal-Lumen Christi Publications.*

**Ir-rebbieħa tat-Tisliba Marzu 2011 hi Rachel Sammut, "Roses", Triq Mnarja, Nadur, Għawdex NDR 9049**

*Mix-Xena Sportiva F'GĦAWDEX* *minn* **Joe Bajada**



### Ċikliżmu - Tour ta' Malta

# It-Taljani jiddominaw f'Għawdex.....

## Andrew Griffiths jispiċċa rebbieħ tat-Tour b'sekonda

Iċ-ċiklisti Taljani ddominaw anki fit-tielet tappa tal-*Betfair Tour* ta' Malta, li saret fuq iċ-ċirkwit tan-Nadur, Għawdex, waqt li ċ-ċiklista ta' dixxendenza Maltija Andrew Griffiths (*Greens Cycling Club*) seta' jispiċċa biss fid-disa' post biex ċeda l-flokk l-aħmar tal-*leader* lil Matthew Higgins.



Fin-Nadur minkejja li r-riħ kien xi ftit qawwi, t-tiġrija kienet ferm veloċi, speċjalment min-naħa taċ-ċiklisti ewlenin. Andrew Griffiths ma żammx il-pass maċ-ċiklisti ta' quddiem, bil-grupp ewlieni magħmul minn sitt ċiklisti, fejn spiċċa fid-disa' post, kważi żewġ minuti wara dawk ta' quddiem. Dan għalhekk swielu l-flokk l-aħmar biex il-*leader* il-ġdid sar l-Ingliż Matthew Higgins (*Virgin Active UK*). Il-ħin ta' Higgins kien l-istess bħal dak tal-ewwel tlieta, bi Francesco Guccione (*Ballatore Team*), Gregory Bianchi (*Fausto Coppi Team*) u Filippo Ballatore (*Ballatore Team*), jingħataw l-istess ħin ta' siegħa, 34 minuta u 59 sekonda. Andrew Higgins b'hekk sar il-*leader* b'ħin *aggregate* ta' erba' siegħat u 36 minuta, jiġifieri 31 sekonda qabel Griffiths u 41 sekonda qabel Bianchi.

Fil-kategorija tan-Nisa, kompliet it-taqtiegħa bejn Anna Harkowska (*CSM Team Berlin*) u Michela Gorini (*Fausto Coppi Team*) li żammew flimkien tul il-korsa kollha sakemm fl-isprint finali, Gorini rnexxielha tissupera lil Harkowska u tirreġistra ħin ta' siegħa, seba' minuti u 53 sekonda. Sarah Maidment (*Squadra Donne UK*) spiċċat it-tielet, kważi żewġ minuti wara l-ewwel tnejn. Madankollu Harkowska żammet il-flokk l-aħmar bħala l-*leader* tal-klassifika.

Il-kategorija *Masters* ukoll kienet iddominata minn ċiklisti Taljani bi Stefano Baggiani (*Fausto Coppi Team*) l-ewwel, Salvatore Casi (*ASD Omina Ragusa*) it- tieni, u Ettore Pierini (*BMG Bike*) it-tielet, kollha f'ħin ta' 57 minuta u 5 sekondi. L-Hon Frederick Azzopardi u s-Sur Joe Bajada ppreżentaw il-premjijiet fi tmiem it-tappa, akkumpanjati mis-Sur John Zammit, iċ-*Chairman* tal-Kumitat Organizzattiv, u Antonia Vella Gatt, *Miss Betfair Tour* ta' Malta 2011.

B'hekk kollox sar jiddependi mir-raba' u l-aħħar ġurnata li kienet *time trial* individwali fuq 12-il kilometru fil-*By Pass* f'Ħaż-Żebbuġ. Hawn Andrew Griffiths wera l-potenzjal tiegħu meta spiċċa l-ewwel bi 32 sekonda aħjar mill-Britanniku Matthew Higgins (*Virgin Active UK*), sekonda biss iktar biex kien inkurunat bħala r-rebbieħ tas-17 l-Edizzjoni tal-*Betfair Tour* ta' Malta.

Anna Harkowska (*CSM Team*) żammet l-ewwel post fil-kategorija tan-nisa meta ddominat it-*time trial* u rebħet f'ħin ta' 19-il minuta u 23 sekonda. It-Taljana Michela Gorini (*Fausto Coppi Team*) kellha tikkuntenta bit-tieni post f'ħin ta' 19-il minuta u 36 sekonda, waqt li Iona Sewell (*Squadra Donne UK*) – ir-rebbieħ tat-*Tour* is-sena li għaddiet spiċċat it-tielet f'19-il minuta u 51 sekonda. Harkowska naturalment spiċċat ir-rebbieħa *overall* tat-*Tour* fil-kategorija tan-nisa.

Fi tmiem dan it-*Tour* saret il-preżentazzjoni lir-rebbieħa fix-Xatt f'Tas-Sliema fejn anke l-President tal-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu, John Zammit ippreżenta t-trofew tal-Mertu tat-*Tour* lil Joe Bajada, Kordinatur għal Għawdex tal-Kunsill Malti għall-iSport.






*Versi ta' Dun Geoffrey G. Attard*
*Ritratti mill-Parroċċa tal-Fontana*

# 6. IL-QALB TA' ĠESÙ FIL-FONTANA



*Ġunju x-xahar tal-Qalb Qaddisa*
*lejha tiġbed il-bnedmin*
*biex is-sliem isaltan f'qalbhom*
*ħalli jsiru qaddisin.*

*Qalb Bin Alla, qalb mimlija*
*kollha mħabba lejn kulħadd*
*maħfra u ħniena sawbet dejjem*
*grazzji kbar raxxet u tat.*

*Fil-Fontana f'ħalq ir-Rabat*
*mitt sen'ilu ġiet parroċċa*
*biex in-nies issib tinqeda*
*Triq il-Għajn isir qaqoċċa.*

*Ġunju reġa' ġie jfakkarna*
*fix-xhur sħan tas-sajf, ħelwin,*
*staġun ġdid qed jerġa' jibda*
*f'jum il-wieħed u għoxrin.*











# Djamanti ta' Għawdex

*Ritratti ta' Richard Grech*

## ŻEWĠ GĦERIEN NATURALI U STORIĊI



Għar ix-Xiħ fix-Xagħra



L-Għar ta' Sopu fin-Nadur



ohloq tbissima
NGHINU PROGETTI:
PERU
PAKISTAN
FILIPPINI
MALTA
> DAR TA' SAN GUZEPP
> EVANGELIZZAZZJONI PERMEZZ TAL-MEDIA
SMS
€4.66
50618099
€10
51602004
€15
51702007
€25
51802009
2011
ohloqtbissima
8-9-10
TA' LULJU
MID-DAR TA' SAN GUZEPP, STA. VENERA
MARATONA TA' 60 SIEGHA XANDIR
TVM